# Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D. 2011



## FESTA 2019

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D. 2011

FESTA 2019

# Werrej


Kumitat Eżekuttiv 2017-19 ....... 4
Flimkien ....... 5
Għatxana għas-suċċess ....... 8
L-ispejjeż tal-Banda dejjem qed jikbru ....... 12
Sodisfazzjon kbir u responsabiltà ....... 33
Tikseb Suċċess ....... 37
Soċjetà b'talent lokali ....... 40
L-element volontarju jibqa' jipprevali ....... 41
"Infetaħ it-tempju ta' Alla li hemm fis-sema u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu" ....... 44
Esperjenza sabiħa għall-Banda ....... 45
Il-Banda tirrikjedi ħafna xogħol ....... 48
Rajna żieda fil-festa ....... 49
Ħidma li ma tiqafx ....... 50
Immense privilege to be involved ....... 51
Għoġobhom jafdaw fis-servizz tal-Banda tagħna ....... 52
Nibqgħu mexjin 'il quddiem ....... 53
Proġett li sar realtà ....... 54
L-id soda tas-Surmast tal-Banda ....... 56
Inkomplu naħdmu b'mod professjonali ....... 58
Xejn inqas minn soċjetajiet oħra ....... 59
Kulħadd jaħdem bil-qalb ....... 61
MUSIC BUZZ ....... 62
Bejn festa u oħra ....... 64
L-ewwel safra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ....... 76
Jien Kont ....... 78
Servizzi mużikali ....... 80
Innijiet u marċi proċessjonali ....... 81
Programm ta' Mużika Sagra ....... 82
Programm Vokali u Strumentali ....... 83
Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda fil-festa ta' Santa Marija 2019 ....... 85
Profil Andrea Cassar ....... 88
Profil Charlie Pace ....... 89
Ingħaqdet mal-Banda ....... 93
Flimkien għall-Banda 2019 ....... 96
Il-proġett tal-website tas-Soċjetà ....... 99
Marija ma tħassarx festi ....... 102
Il-Knisja l-Antika ....... 105
Il-qima lejn il-Verġni Marija fil-Knisja Ortodossa ....... 113
Ikun minni skont kelmtek ....... 116
L-Imġarr fi żmien il-Preistorja ....... 118
Il-Ġmiel u l-Kobor tal-Madonna ta' Pinu ....... 120
Il-Kult Marjan fil-Gżejjer Maltin ....... 122
Id-Dehriet tal-Madonna ....... 130
Il-Festa ta' Santa Marija ....... 132
Analiżi tal-Innu L-Imġarr Bin Marija ....... 135
Għaliex Marija? ....... 138
Il-Maġġur Anthony Aquilina (1906-1985) ....... 141
Festi b'Kulturi u Tradizzjonijiet Differenti ....... 144
Il-ġlieda dejjiema bejn l-Għarab Musulmani u l-Lhud ....... 146
L-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija ....... 152
Li tiżra' taħsad jew li jkollok iġġorru miegħek ....... 154
Memorji sbieħ tal-Bajja tal-Ġnejna minn San Francisco ....... 156
Celebrating Faith ....... 193
Agħmlila qabbi lill-Bambina! – Kliem it-tfal fil-lingwa Maltija ....... 202
Żmien ieħor ....... 205
Ixrob l-ilma… għax litteralment kull qatra tgħodd! ....... 209
L-isfida tas-sajf mil-lat tal-għoti tad-demm b'awgurju u grazzi lill-Imġarrin ....... 212
Il-Proġett tal-Każin ....... 214
Vjaġġ memorabbli f'CERN Sit sperimentali dwar l-oriġini tal-univers ....... 216
Meta ż-żwieġ ma jirnexxix ....... 220
American Auto Club ....... 225
Fl-Għid tal-Assunta ....... 228
Santa Marija Skolpita f'Qalbi ....... 229
Lil Santa Marija ....... 233
Min Irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....... 240



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2019
www.bandamgarr.com
info@bandamgarr.com
VO/0577
VAT MT 2606 2606

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Maria Vella

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
George Abdilla
Sebio Aquilina
Roberto Apap Bologna
Joseph Caruana
Frederick Muscat
Raymond Muscat
Trevor Newstead

Ir-ritratt tal-kopertina juri l-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt il-programm ta' mużika sagra fil-knisja

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

L-artikli kollha li qegħdin jiġu ppubblikati f'dan il-ktieb huma propjetà tal-awturi rispettivi. Is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr, mhix responsabbli mill-fehmiet imfissra fl-artikli ppubblikati f'din il-ħarġa. Għalhekk kull awtur huwa responsabbli ta' dak li jikteb.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**

# L-Ikla l-Kbira tal-Festa

## Open air fil-każin

B'risq l-ispejjeż tal-banda fil-festa

**Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2019**
**Mit-8.00 p.m. 'l quddiem**

**Prezz: Kbar €18 Tfal €7**
**Bookings u dettalji: 79391306, 99265409**



*Mistiedna Speċjali*
*Odessa Green*
*u Joe Demicoli*






Sponsorjat minn

Cafe Bar & Grill Cavett Place Est 2003
Ta Ċelita
DineWest Restaurant • Pizzeria • Take-Away
Ta' Soldi Restaurant
Mgarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant
Meat & Poultry Market Snow White




Wara, mix-xellug: Damon Karl Muscat, Maria Vella, Gordon Fee, Christian Vella, Sandro Muscat, Johann Borg, John Bugeja, Sharon Azzopardi, Angela Muscat.
Quddiem, mix-xellug: Dr Sonia Consiglio, Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Paul Vella (Sindku), Giovanni Gatt (President), Dun George J. Schembri (Kappillan), Colin Falzon (Viċi President) u Rose Apap Bologna (Kaxxiera).





Bnadar tal-gallariji għall-bejgħ

Prezz: €25 • Ċempel 79674678

# Kumitat Eżekuttiv 2017-2019

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Dr. Tony Abela BA, NP, ND
L-Onor. Dr. Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR
Is-Sur Raymond Muscat BSc., EFIAP, FMPS
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Paul Camilleri
Is-Sur Antoine Azzopardi
Is-Sur Giancarlo Sopetti

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella
L-Inġinier Mario Sammut

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sinjura Rose Apap Bologna

**Assistenti Segretarju**
L-Avukata Dr Sonia Consiglio LL.D

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Assti. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat
Is-Sinjura Maria Vella

**P.R.O**
Is-Sinjura Maria Vella

**Delegat Briju u Spettaklu**
Is-Sur Christian Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Arkivista**
Is-Sur Johan Borg

**Membri**
Is-Sur Gordon Fee
Is-Sur Sandro Muscat
Is-Sur John Bugeja
Is-Sinjura Sharon Azzopardi
Is-Sur Damon Karl Muscat

**Rappreżentanti Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.
Mro Christoper Tanti
B.A.(Hons) Music

**Għalliema Strumenti tal-Qasba**
Is-Sur Charlie Pace

**Għalliem tat-teorija**
Is-Sur Christopher Tanti
B.A(Hons) Music

**Għalliem fil-Music Buzz**
Mro Andrea Cassar
FLCM, B. Ed. (Primary) (Hons)

**Perit tal-Każin**
Il-Perit David Vassallo
BE&A(Hons), MSc., A&CE

**Awditur**
Is-Sur Antoine Borg
FCCA FIA CPA

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Dr Tony Abela BA, NP, ND

**Konsulenti Legali**
L-Avukat Dr Mattia Felice LL.B, LL.D
L-Avukat Noella Scriha LL.D
L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D

**Direttur Spiritwali**
Il-Kappillan Dun George J. Schembri



# Flimkien

Giovanni Gatt
*President*

Ħuti Mġarrin,

Insellmilkom. Il-Banda tagħna issa daħlet sew fil-kalendarju tal-avvenimenti li jkollna fl-Imġarr. Minbarra diversi okkażjonijiet, il-Banda tieħu sehem bil-kbir fil-festa titulari ta' Santa Marija.

Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, il-kumitat mill-ewwel beda jaħdem għall-festa ta' din is-sena. Dan biex filwaqt li jħallas l-ispejjeż tal-festa li għaddiet, jibda jaħseb għal dik tas-sena 2019.

Il-Banda qed tikseb suċċess f'kull servizz li tagħmel. Dan grazzi għad-dedikazzjoni tal-kumitat eżekuttiv, tas-Surmast Direttur, l-Assistenti Surmastrijiet, l-għalliema, l-allievi u l-bandisti li lkoll flimkien naħdmu biex niksbu dan is-suċċess.

Però d-dedikazzjoni biss mhix biżżejjed. Hemm bżonn ukoll tas-sostenn finanzjarju. Mingħajr il-finanzi ma nistgħu nagħmlu xejn. Ma jkunx iktar possibbli li nibqgħu ngħallmu l-banda bla ħlas, u wisq inqas noffru s-servizzi mużikali fil-festa tagħna kollha b'xejn. Filwaqt li aħna hekk nixtiequ, il-possibiltajiet ma jiddependux biss minna. Kulħadd għandu jkun parteċipi u jagħti s-sehem tiegħu. Flimkien, naqra mingħand kulħadd, grazzi għall-ġenerożità tagħkom, naslu.

Il-festa ġġib magħha ħafna xogħol u impenn. Dan nagħmluh minn qalbna għax dejjem sibna lilkom warajna. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu għall-festa tagħna, u lil kull min jgħin biex ikollna festa sabiħa.

Viva Santa Marija!

**MARINA GARAGE**

**MECHANICAL WORKS & SPARES**
***JOE ABELA***

**Barbara Street, Mġarr MGR 1330, Malta**
**Tel/Fax: 21574662**



In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)

Ex Deputat Parlamentari tad-Distrett



*jawgura kull suċċess*

*lis-Soċjetà Filarmonika*

*Marija Mtellgħa s-Sema*

*tal-Imġarr*

*u jitlob li ningħaqdu*

*u nagħtuha sapport tassew.*

Tel
21454008

Mob
99493541

Fax
21456114

E-mail
tony@nutarabela.com


BAILEYS
STRAWBERRIES
& CREAM
LIMITED TIME ONLY
NEW
BAILEYS
Strawberries
& Cream
LIMITED EDITION
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
drinkawaremalta.com
for the facts
demajowinesandspirits.com



# Għatxana għas-suċċess

Joseph Caruana
*Segretarju Ġenerali*

Insellmilkom.

Reġgħet waslet festa oħra. Żmien tant mistenni u għażiż għalina l-Imġarrin. Issa li ilni noqgħod f'dan ir-raħal bosta snin inħossni wieħed minnkom. Grazzi talli lqajtuni f'dan ir-raħal tant għażiż għalina l-Imġarrin.

Il-festa ta' Santa Marija. Żmien li jħobbu kulħadd. Aħna tal-banda nkunu ilna nistennewh sa mill-għada tal-festa ta' qabel, u daqshekk inkunu ilna naħdmu u nippreparaw għalih. L-Għaqda tagħna hi waħda ħajja u għatxana għas-suċċess; għalhekk timbuttana biex inkunu innovattivi u professjonali f'dak li nagħmlu. Inħossni ferm kburi u kuntent li l-Għaqda tagħna hi l-ewwel għaqda mużikali fil-gżejjer Maltin li qed tgħallem it-teorija tal-mużika online. Dan kollu sar possibbli wara li ngħatajna l-fondi meħtieġa mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat taħt l-iSkema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar. Barra minn hekk issa għandna wkoll il-website uffiċjali tagħna – xewqa kbira li minn ħolma saret realtà u diġà qed tagħti l-frott.

Mill-festa tas-sena 2018 'l hawn il-Banda tagħna kellha diversi impenji mużikali. M'iniex se nidħol fid-dettall f'dan il-messaġġ, għax iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb se ssibu l-informazzjoni kollha. Iżda ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon tiegħi li l-Banda tagħna, f'Diċembru 2018, kienet l-ambaxxatriċi ta' raħalna u gżiritna, billi daqqet f'Mathi f'Turin. Dan kien kollu grazzi għall-ġemellaġġ li dan il-villaġġ sabiħ għandu mar-raħal tagħna l-Imġarr. Grupp sabiħ ta' Mġarrin u ħbieb tagħna akkumpanjaw il-Banda Mġarrija waqt din l-ewwel safra tagħha. Hawn ma nistax ma nsemmix u nirringrazzja lis-Sindku tagħna s-Sur Paul Vella, li ħadem qatigħ biex din is-safra tkun suċċess. Filwaqt li sena ilu kont ħabbart din is-safra, issa nista' wkoll ninfurmakom li fi Frar li ġej se mmorru ndoqqu f'Napli, l-Italja. Għalkemm li torganizza safra bil-Banda hi biċċa wġigħ ta' ras, għall-ġid tal-Banda u isem l-Imġarr aħna lesti nagħmlu kollox. Ibdew aħsbu minn issa ħalli tkunu magħna u flimkien nerġgħu niktbu l-istorja ta' raħalna u tal-Banda tagħna.

Programm ieħor li ma nistax ma nsemmix hu dak tas-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Din is-sena, għall-ewwel darba kemm ilna mwaqqfin, konna aħna li daqqejna fis-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Preparajna programm mill-isbaħ u ninsabu sodisfatti li l-udjenza numeruża li attendiet ħadet pjaċir magħna. Fuq nota personali hawn ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li għarfu l-imħabba li għandi jien għall-Banda tagħna. Inħossni ferm obbligat u nirringrazzjahom talli waqt din l-istess serata, ta' Ġieħ l-Imġarr 2019, jien ingħatajt rikonoxximent tal-ħidma tiegħi biex twaqqfet il-Banda Mġarrija, li għadha tiffunzjona u rrappreżentat lil pajjiżna barra minn xtutna. Veru nirringrazzjakom u nħoss responsabbiltà kbira biex nibqa' naħdem għall-ġid ta' din is-Soċjetà żagħżugħa.

Tul din is-sena l-Għaqda tagħna se tkun irċeviet finanzjament minn tliet proġetti ffinanzjati mill-Gvern. Iktar 'il fuq semmejt dak li ħadna mill-iSkema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar. Ngħatajna wkoll għajnuna mill-Fond Festi Inklussivi u mill-Aġenzija Żgħażagħ. Dawn il-

proġetti huma kollha frott ħidma kbira. Nista' naċċertakom li l-proċess biex tingħata fondi jirrikjedi dedikazzjoni u sigħat twal ta' ħidma u ħsibijiet. Imma dawn huma importanti għax jagħtu boost lid-dħul limitat tagħna.

Nistħajjilkom tgħidu li x-xogħol fuq il-proġett tal-każin waqaf. Naċċertakom li jekk taħsbu hekk ma tkunux korretti. Tul din is-sena ltqajna ma' diversi problemi. Ewlenin fosthom dawk finanzjarji, bdil fil-pjanti u nuqqas kbir ta' voluntiera. Sar kważi impossibbli li taħdem bil-voluntiera biss. Illum tant hawn xogħol li ma ssibx min jiġi jaħdem volontarjament, u ngħiduha kif inhi, ma tlum lil ħadd. Però, kif tafu, qed insibu għajnuna kbira mill-Ministru tal-Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onor. Ian Borg, u nista' naċċertakom li wara l-festa se nagħtu spinta kbira lil dan il-proġett. Semmejt ukoll il-bdil fil-pjanti. Iva, filwaqt li konna qed naħdmu l-każin ħassejna l-bżonn li jkollna store mdaqqas u sala għall-kunċerti. Peress li l-ispazju hu dak li hu ddeċidejna li napplikaw biex inħaffru quddiem id-daħla prinċipali tal-każin u dawn il-bżonnijiet jinbnew hemm. Għalhekk tifhmu li ż-żmien kellu jitwal sakemm jinkisbu l-permessi meħtieġa.

Il-finanzi huma problema kbira. Sakemm ikollna l-każin lest se nibqgħu niddependu fuq l-attivitajiet li norganizzaw, id-donazzjonijiet u l-isponsors. Ilkoll tafu kemm naħdmu biex norganizzaw xi attività, u dan nagħmluh mill-qalb, però xi drabi nistennew konkorrenza ikbar. Nappellalkom biex tibdew tattendu dawn l-attivitajiet mal-familji tagħkom. Filwaqt li niżgurawkom li tieħdu pjaċir, tkunu qed tgħinuna nkomplu naħdmu għall-ġid tal-Banda u l-festa. Fejn jidħlu donazzjonijiet ma nistax ingerger għax dejjem tkunu ġenerużi, u naf ċert li hekk se tibqgħu tagħmlu.

Il-Banda dejjem kienet, għadha u se tibqa' l-prijorità tagħna. Dan hu dak li nemmnu fih. Ħafna mir-riżorsi tagħna ninvestuhom għall-Banda tant għażiża tagħna. Bħalissa fl-iskola tal-mużika tagħna għandna erba' għalliema professjonali. F'Ottubru li għadda bdejna nagħtu sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika lit-tfal żgħar sa mill-età ta' 3 snin. Dawn is-sessjonijiet imsejħa 'Music Buzz' kisbu popolarità u qed jattiraw ħafna tfal. Importanti li nżommu quddiem għajnejna li filwaqt li aħna noffru t-tagħlim tal-mużika bla ħlas, l-għalliema aħna nħallsuhom. Għalhekk filwaqt li nitlob iktar koperazzjoni mill-allievi u bandisti tagħna, inħeġġiġkom biex intom ukoll tiġu jew tħajru lil uliedkom jiġu jitgħallmu l-banda. It-tagħlim tal-mużika hu arti. Filwaqt li tkunu qed titħarrġu fl-arti mużikali, taqtgħu ftit mir-rutina monotona ta' kuljum.

F'dawn il-kelmtejn tiegħi semmejt l-avvenimenti l-iktar importanti li kellna matul is-sena. Ħafna minnhom kontu diġà tafuhom u rġajt fakkarthomlkom. Minn qalbi nixtieq nirringrazzjakom tal-apprezzament tagħkom għall-ħidma tagħna. Fl-istess waqt ngħidilkom li l-bibien tagħna huma miftuħin beraħ għal kulħadd f'kull ħaġa li nagħmlu. Dan mhux qed ngħidu biss għat-tagħlim jew għall-attivitajiet. Inħeġġiġkom ukoll biex tissieħbu bħala membri fl-Għaqda tagħna u, għaliex le, tagħtu s-sehem tagħkom fil-ħidma kbira li qed inwettqu. Kulħadd hu importanti u kulħadd jista' jkun ta' għajnuna; għalhekk tibqgħux lura.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat eżekuttiv, lis-Surmast Direttur, l-assistenti tiegħu u l-għalliema, bandisti u allievi, presidenti u membri onorarji u soċi tal-għaqda tagħna. Ringrazzjament speċjali nixtieq inwasslu lill-Wisq Reverendu Kappillan Dun George Schembri u lis-Sindku u l-kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, lill-ħaddiema kollha li jagħtu daqqa t'id fil-proġett tal-każin, speċjalment lill-Perit David Vassallo u l-Inġinier Mario Sammut, lilkom, Imġarrin u emigranti, u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma ta' sostenn għalina.

Fl-aħħar nett, filwaqt li niftakru fil-morda u f'dawk li ma jistgħux igawdu l-festa magħna, inħeġġiġkom biex tattendu għall-funzjonijiet tal-knisja fil-jiem tal-festa u tgawdu l-festa flimkien magħna, il-Banda tagħkom l-Imġarrin.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema, Sultana tal-Imġarr!








Ta Ċelita
Sunny Bar and Restaurant
TRADITIONAL AND MEDITERRANEAN CUISINE
OPEN 8:00A.M. TILL LATE
21573705 27573714 99550905
Find us on: Facebook.com/TaCelitaMgarr @TaCelitaOffical
info@tacelita.com www.tacelita.com
1, Sir Harry Luke Street, Mgarr, MGR 1502




# L-ispejjeż tal-Banda dejjem qed jikbru

Rose Apap Bologna
*Kaxxiera*

Għeżież Imġarrin,

Waslet festa oħra u għall-grazzja t'Alla l-Banda tagħna dejjem qed tikber u toffri aktar tagħlim u attivitajiet varji għal kulħadd. Dan kollu qed isir bis-saħħa tal-membri tal-kumitat flimkien mas-Surmast, l-Assistent Surmast u l-għalliema tal-banda.

Bħal kull sena qed nippreżenta rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa Sema – L-Imġarr, għas-sena Ott. 2017 – Sett. 2018.

**Dħul**

Id-dħul din is-sena kien ta' €40,213.29, jiġifieri kellna żieda ta' €236.92 fuq is-sena l-oħra.

Filwaqt li s-sena ta' qabel kellna donazzjoni ta' €5,000 mill-Ministeru tal-Finanzi biex nixtru sett timpani, din is-sena rċevejna donazzjoni mill-Awstralja ta' €1,966.33 (din intużat għall-ispejjeż li qed isiru fil-każin) u d-donazzjonijiet mill-istreet collections din is-sena żdiedu b'€1,000.

Irċevejna fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ, li reġgħu sponsorjaw il-master classes u xi ħlasijiet tal-għalliema tagħna.

Id-dħul mill-attivitajiet żdied sew. Minn €11,469.40 sena l-oħra, din is-sena daħħalna €16,463.35 (dawn jinkludu xi oġġetti li begħna, bħal mugs, bnadar eċċ.). Din il-qabża seħħet għax qed isiru iktar coffee mornings u iktar ikliet. Barra minn hekk, l-attendenza tal-coffee mornings żdiedet sew.

Mit-tagħlim tat-teorija kellna tnaqqis. Minn €2,010.00 din is-sena d-dħul naqas għal €1,135.00. Dan għaliex l-allievi naqsu minn 11 u issa għandna 7. L-allievi jħallsu €5 għal kull lezzjoni (din il-miżata hija ssussidjata mill-Banda).

Is-sena l-oħra ħriġna bi skema ġdida (Sehmi għall-Każin Tiegħi) biex jinġabru fondi għall-każin tagħna. Minn din l-iskema konna daħħalna €3,542. Issa din is-sena ġbarna €1,920 kif ukoll id-donazzjoni mill-Awstralja ta' €1,966.33. It-total tad-dħul għall-każin din is-sena kien ta' €3,886.33.

Id-dħul mir-reklami tal-ktieb tal-festa naqas għax ġbarna inqas reklami, minn €7,685 is-sena l-oħra għal €5,530 din is-sena.

**Ħruġ**

Il-ħruġ kien ta' €38,001.52, filwaqt li s-sena l-oħra kien ta' €30,707.58, jiġifieri kellna żieda ta' €7,623.94 fuq is-sena l-oħra.

Din is-sena bħala nefqa fuq assi fissi/mużikali kellna €2,158.89. Dawn jinkludu x-xiri ta' mużika, xi arranġamenti ta' innijiet u kompożizzjoni ta' innijiet, xtrajna grill u kien għad baqgħalna xi dejn mal-music link li kien VAT fuq l-istrumenti li konna xtrajna s-sena l-oħra.

Servizz tal-Bandisti – Din is-sena l-ħlas lill-bandisti żdied b'xi €2,400 fuq is-sena ta' qabel.

Fejn fl-2016 il-ħlas lill-bandisti kien ta' €12,336.00, fis-sena 2017 kien ta' €14,754. Il-bandisti jitħallsu wara li nagħlqu s-sena finanzjarja, allura f'dan ir-rendikont jidher il-ħlas lill-bandisti tal-festa tal-2017.

L-ispiża ta' xi oġġetti għall-bejgħ bħal mugs, bnadar tal-festa u arloġġi kienet ta' €1,357.00, u d-DVD tal-festa u l-filming kien ta' €800. Minn dawn daħħalna €1,875.00.

Kif qed taraw, l-ispejjeż tal-Banda dejjem qed jikbru, u għalhekk għandna bżonn l-għajnuna tagħkom, speċjalment biex nirranġaw il-każin tagħna. Grazzi lill-benefatturi u l-volontiera kollha li dejjem insibuhom meta nitolbuhom l-għajnuna.

Nispiċċa biex nirringazzja lil sħabi tal-kumitat tal-ħidma tagħhom. Nitlobkom biex fejn tistgħu tgħinuna ħalli nkomplu nferrħu kemm lin-nies tal-Imġarr kif ukoll lill-barranin li jiġu jżuruna, bis-servizzi li noffru permezz tal-Banda tagħna.

Nitlob lil Sidtna Marija biex iżżomm idejha fuq il-familji tal-Imġarr biex ikollna dejjem paċi f'qalbna u għaqda bejnietna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

***RENDIKONT Ottubru 2017-Settembru 2018***

| | € |
|---|---|
| Bilanċ mis-sena l-oħra | 17,067.57 |
| **DĦUL** | |
| Donazzjonijiet | 9,847.39 |
| Menswalità | 1,234.00 |
| Attivitajiet | 16,463.35 |
| Servizzi mużikali | 3,830.00 |
| Lezzjonijiet tat-teorija | 1,135.00 |
| Ktieb tal-festa | 5,530.00 |
| Sehmi għall-Każin Tiegħi | 1,920.00 |
| Dħul ieħor | 253.55 |
| **TOTAL TAD-DĦUL** | **40,213.29** |
| **ĦRUĠ** | |
| Kiri | 165.00 |
| Assi mużikali | 2,158.89 |
| Ktieb tal-festa | 4,500.00 |
| Ħlas lill-bandisti | 14,754.00 |
| Tagħlim tal-banda | 3,910.00 |
| Assikurazzjoni | 93.00 |
| Spejjeż fil-każin | 6,359.02 |
| Amministrazzjoni | 350.00 |
| DVD Festa 2017 | 800.00 |
| Merchandise | 1357.00 |
| Spejjeż tal-festa 2018 | 2719.57 |
| Spejjeż oħra | 835.04 |
| **TOTAL TAL-ĦRUĠ** | **38,001.52** |
| BILANĊ/ŻBILANĊ SA SETTEMBRU 2018 | 19,279.34 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux (2018) | 2,555.00 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux (2017) | 640.00 |
| Ħlas li għadu ma sarx ta' servizzi tal-banda | 950.00 |
| Jibqa' bilanċ ta' | 22,784.34 |
| Dejn fuq il-ktieb tal-festa | 2,335.00 |
| Ħlas lill-bandisti (2018) | 19,922.00 |
| Dejn fuq id-DVD | 550.00 |
| **ŻBILANĊ TAL-2018** | **22.66** |


ÍAN BORG
Il-Festa t-Tajba
Il-Baħrija | Ħad-Dingli | l-Imġarr | l-Imtarfa | Ħal-Luqa
Ħal Qormi | Ir-Rabat | Is-Siġġiewi | Ħaż-Żebbuġ
ian@ianborg.eu | 99777666

Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**
u jwiegħed
lill-Imġarrin l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.



Viva l-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**,
tal-Imġarr


JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819

# Marċ ta' Filgħodu

**Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu 2019**
**mill-10am 'l quddiem**







*Il-marċ se jibda minn Triq iż-Żebbiegħ,*
*fejn ir-restaurant Ta' Soldi*

*Grazzi lil dawk kollha li kkontribwew*
*għal dan il-marċ*





























FESTA 2018



















































# It-tieni safra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

**Bejn il-21 u l-25 ta' Frar 2020**



*Mawra sal-Italja organizzata mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr bil-kollaborazjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr*

Programm ta' ħamest ijiem interessanti ħafna fejn noqogħdu ġo lukanda ta' 4 stilel abbażi half-board, inżuru postijiet popolari f'Ruma, Napli fejn se jkollna ukoll ħin għax-xiri, Pompei, l-vulkan Vessuvju u Caserta u nsegwu lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tipparteċipa f'kunċert flimken mal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi ġewwa r-Reggia di Caserta.

Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna.
Min hu interessat għandu jinkiteb sat-30 ta' Ottubru 2019.

**Postijiet limitati!**

Għal iktar dettalji kkuntatjana fuq info@bandamgarr.com jew 79674678



Marċ u Spettaklu
IL-MARĊ TAL-AĦĦAR
JUM TAT-TRIDU
IL-ĠIMGĦA, 16 TA' AWWISSU
MILL-10.30PM 'IL QUDDIEM
F'WESGĦAT IL-ĠUBLEW
FEATURE
BANDA
BRIJU
DAWL
NAR
Mistieden specjali
DJ Pierre Cordina

CAFE
BAR & GRILL

# Cavett Place

EST.2003






CAFE BAR & GRILL
ĊAVETT Place
EST 2003
ĊAVETT PLACE
Main Street, L-Imġarr,
Malta
Mob: 7944 1327
Tel: 2157 5738
We Cater for
all Occasions

# J&J Gauci Granite LTD

Għal kull għażla ta' Granite, Irħam, Travertine, Żonqor u Quartz. Isir ukoll xogħol ta' pavimentar, bankini eċċ.

J&J Gauci Granite L.T.D.
2, Triq il-Fdal Puniku,
Mġarr, Malta MGR2461
Tel: +356 21570540,
Mob: +356 99473248, 99852783
Fax: +356 21525022
E-Mail:jjgauci@yahoo.com








# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com




**We represent the following brands:**

ALLMAKES 4X4 • ASHCROFT TRANSMISSIONS • ARB AIR LOCKER • BEARMACH PLC • BF GOODRICH TYRES • BRITPART • DETROIT LOCKER • EQUIPE • EXMOOR TRIM • GENERAL TYRES • GOODRIDGE • HI-LIFT • K&N PERFORMANCE FILTERS • MACH 5 WHEELS • MANTEC • MUD STUFF • PRO COMP • RING AUTOMOTIVE • SAFARI • SILVERSTONE TYRES • T-MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • TERRAFIRMA • TIBUS OFFROAD ENGINEERING • WARN

Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: **2157 4615 / 2157 2504** Email: **adrian@ciapella.com**
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: **2141 4441** Fax: **2141 6837** Email: **info@ciapella.com**



Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

**Dr. Sonia Consiglio**
Avukat u
Konsulent Legali

Uffiċċini 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424
92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015
Mobile 9940 6207
Email avukat.consiglio@gmail.com

Agricultural Supplies
Gardening Supplies
Pet Supplies







# Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd.

Website: www.mgarrfarmers.com
Tel/Fax: 00356 21582410




**Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ**

**Opening Hours:**

| | |
|---|---|
| Monday | 7:00 – 12:00 & 15:00 – 19:00 |
| Tuesday | 14:00 – 19:00 |
| Wednesday | 8:30 – 12:30 & 14:00 – 19:00 |
| Thursday | 7:00 – 12:00 & 15:00 – 19:00 |
| Friday | 8:30 – 12:30 & 14:00 – 19:00 |
| Saturday | 14:00 – 16:00 |


Il-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha
Għal appuntament
ċempel fuq 2745 1996
Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji,
Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru
SILVIO SCHEMBRI
QRIB TIEGĦEK DEJJEM


Perit
Russell Marmara'
Il-Festa t-Tajba
E-Mail: russell.marmara@gmail.com
Mobile Number: 99422138


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!



# Sodisfazzjon kbir u responsabiltà

Colin Falzon
*Viċi President*

Imġarrin,

Ninsabu fix-xahar ta' Awwissu. Ix-xahar tal-festa ta' Santa Marija. Dan ifisser li wasal dak iż-żmien li tant inkunu ilna nistennew. Wara sena ta' ħidma bla waqfien jasal il-mument li niċċelebraw dak li nkunu ilna naħdmu għalih. Għalina l-festa ma tfissirx festa imma xogħol. Dan però nagħmluh minn qalbna għax inħobbu lil raħalna u l-Banda tiegħu.

Inħoss sodisfazzjon kbir u responsabiltà meta nilbes l-uniformi tal-banda. Dak il-waqt ma nkunx individwu imma nkun rappreżentant tal-Banda. Għalhekk nagħmel dak li jkun hemm bżonn isir. Illum kulħadd imħabbat ferm bix-xogħol tiegħu u bil-familja, però dawk il-ftit mumenti li nkun qed nagħti daqqa t'id għall-Banda nħoss mistrieħ. Ix-xogħol volontarju jirrilassani ftit u jgħinni naqta' r-rutina.

Jien inħeġġiġkom biex intom ukoll tagħtu sehemkom fil-volontarjat. Hemm bżonn li l-mentalità li għalxejn ma nagħmel xejn tinbidel. Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa ma' dawk li tgħożżu u f'komunità kollettiva li tħobb l-għaqda u s-serenità.

Viva Santa Marija!




Britannia Tours
BSL
SLOVENIA
AND ITS BALKAN NEIGHBOURS
Lake Bled in Slovenia
Choice of 3 or 4 star hotel from 25th June till 17th September
from €499
Sensational Slovenia
from €519
25th June - 2nd July, 9th - 16th July, 23rd - 30th July, 6th - 13th August, 13th - 20th August
from €369
End of season break in Lake Bled
17th - 21st September
Kranjska Gora in Slovenia
3rd - 10th September
from €499
Valletta Branch | 21238039
Paola Branch | 21809930
Mosta Branch | 21413030
Gozo Branch | 21565620
Email | sales@bsl.com.mt


Avukat Muscat
L-Avukat u Konsulent Legali
DR. BRANDON KIRK MUSCAT LL.D.
jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha!
46, Triq Ġużepp Xuereb, Swatar, Birkirkara
2144 8658
7944 8658
www.avukatmuscat.com
dr.muscat@avukatmuscat.com



Mgarr Farmers
Snack Bar
& Bennej Restaurant
Home Made Food!
Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta
Tel: 2157 1328, 7959 4938




NENU
THE ARTISAN
BAKER
Traditional
Maltese
Ftira
Fried Rabbit
Horse Meat
Stew
Authentic
MALTESE RESTAURANT
Date fritters
with traditional
Maltese ice cream
NEW RESTAURANT in Main Street, MĠARR, Malta (next to the Church)
143, St Dominic Str, Valletta, Malta
+356 22 581 535
www.nenuthebaker.com



# Tikseb Suċċess

Paul Vella
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Awwissu reġa' wasal, u dan ifisser li waslet il-festa tar-raħal tant għażiż għalina, dik dedikata lil Santa Marija. Qabel nibda dan il-messaġġ nixtieq nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, li għal darb'oħra tatni l-opportunità li nwassal dan il-messaġġ f'din l-okkażjoni speċjali. Inżid nirringrazzja lilkom ukoll, Imġarrin, li għal darb'oħra għoġobkom tagħżluni biex nerġa' nkun sindku ta' raħalna.

Kif tafu, lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet il-Kunsill flimkien mal-Banda ħdimna biex il-Banda tagħna setgħet issiefer għall-ewwel darba. Dan kien frott il-ġemellaġġ li l-Kunsill għandu ma' Mathi. Kulħadd kellu kummenti sbieħ għal din l-okkażjoni, li fiha il-Banda tagħna ngħatat l-opportunità li tkun l-ambaxxatriċi ta' raħalna u gżiritna. Kienet esperjenza sabiħa ħafna għalina li akkumpanjajna l-Banda, u għall-bandisti tagħna; mumenti li żgur m'aħna se ninsew qatt. Ta' min jgħid li diġà qed naħdmu fuq opportunitajiet oħra, u żgur li fil-qrib se jerġa' jkollna l-okkażjoni li nsiefru bil-banda.

Minbarra s-safra ta' Mathi l-Kunsill ikkollabora bis-sħiħ mal-Banda biex dejjem ikattar il-kultura u l-arti mużikali. Fl-aħħar Ħadd ta' Settembru l-Banda ppparteċipat waqt festival li ġie organizzat mir-reġjun tat-Tramuntana, l-Imġarr. Din kienet opportunità oħra li fiha l-Banda ħadet sehem flimkien ma' diversi baned internazzjonali.

Għall-ewwel darba l-Banda tagħna ħadet sehem waqt is-serata finali ta' Ġieħ l-Imġarr. Fi żmien il-ġimgħa mqaddsa għat-tielet sena konsekuttiva tellajna flimkien programm ta' marċi funebri u drama.

Minbarra dawn l-okkażjonijiet il-Kunsill laqa' fis-sede tiegħu lill-għalliema tal-banda biex komplew jagħtu t-tagħlim tal-mużika lill-Imġarrin u lil uliedhom.

Nemmen li l-Banda qed tikseb suċċess. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija nara bandisti tfal u żgħażagħ bi tbissima fuq fommhom waqt is-servizzi tal-banda. Żgur li dawk li jitgħallmu l-mużika se jiżviluppaw aħjar il-karattru tagħhom u jawguraw soċjetà aħjar fil-futur.

Minn qalbi nawgura kull suċċess lill-Banda tagħna u nħeġġeġ lilkom, Imġarrin biex tkomplu tgħinu lil din l-Għaqda li qed tagħmel ġid fil-komunità Mġarrija. F'isem sħabi l-kunsilliera nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba.


Contact us for the best prices on Reverse Osmosis Systems
A&A Mizzi Limited
www.ecosoft.com.mt | info@aamizzi.com
21488132 | 21488160 | 21488168 |
ecosoft
water professionals


Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distribituri ta makkinarju agrikolu, fertillizanti, xitel, frawli, bexx
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu

KopTaCo
Coaches Cooperative



tel: 21338667 mob: 79338667
email: info@koptaco.com
web: www.koptaco.com

address:
Koptaco Coaches Cooperative Ltd.,
Triq tas-Sliema, Gzira. GZR 1635

maltatransfer.com
Get on board

Hotel Transfers directly to the doortep
of your accommodation

Price starting from €5
**per person / each way**



**Tel:** +356 21332016 - **Mob:** +356 79646481
sales@maltatransfer.com - www.maltatransfer.com

VZ Lines Ltd.

**VEHICLE**
**AIR-CONDITIONING - REPAIR & SERVICES**

Mechanical Services - ECU Tuning - Automotiv HVAC
DPF Specialists & Remapping - Diagnostics



**Mob:** 99054996 / 99443588 - **Web:** www.vzlines.com.mt
**Garage 95, St. Georges Street, St. Paul's Bay, Malta, SPB 3475**



# Soċjetà b'talent lokali

Dr Sonia Consiglio LL.D
*Asst. Segretarju Fondi Lokali u UE*

Għaddiet sena oħra u rġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Għat-tieni sena ninsab nikteb dan l-artiklu bħala assistent segretarju u konsulent legali tal-Għaqda tagħna. Għalkemm forsi hawn min għandu l-impressjoni li l-ħidma tas-Soċjetà tagħna hija biss limitata għal dawk il-ftit ġranet ta' meta l-festa tiġi ċċelebrata esternament, dan ma huwiex kompletament korrett. Kienet sena ferm impenjattiva għas-Soċjetà, li fiha evolvejna u komplejna nsaħħu l-impenn tagħna sabiex inkabbru l-festa titulari tagħna. Il-ħidma tagħna kienet mifruxa matul is-sena kollha, bl-għan prinċipali dejjem ikun li l-Banda sservi ta' fulkru għal dan ir-raħal u li jkollha rwol ċentrali fil-ħajja tal-Imġarrin kollha.

Il-ħidma tas-Soċjetà hija bla waqfien, u hi riżultat tax-xogħol volontarju li jsir mill-kumitat u l-voluntiera tul ix-xhur kollha tas-sena. Is-Soċjetà toħloq inizjattivi u avvenimenti fir-raħal tagħna sabiex tħeġġeġ lill-Imġarrin kollha jipparteċipaw u b'hekk jinġabru l-fondi tant bżonjużi sabiex din l-Għaqda tkun tista' tkompli tesegwixxi r-rwol tagħha fil-komunità. Xogħol tabilħaqq mhux faċli u ta' strapazz, imma li l-membri tal-kumitat u l-voluntiera, b'tant dedikazzjoni u sagrifiċċju, jagħmlu minn qalbhom. Hawnhekk nixtieq inħeġġiġkom sabiex tattendu għal dawn l-attivitajiet u b'hekk mhux biss tkunu qegħdin tgħinu lis-Soċjetà u tieħdu gost imma tkomplu timlewna bil-kuraġġ sabiex inkomplu nwettqu l-ħidma tagħna għall-avvanz tal-Banda.

Huwa ta' sodisfazzjon li s-Soċjetà tagħna żżomm bħala l-pern tal-attivitajiet tagħha l-mużika, għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-għan finali ta' din l-Għaqda huwa li ssaħħaħ l-istrutturi tat-tagħlim mużikali fi ħdan is-Soċjetà b'talent lokali. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema qiegħda taħdem bla heda biex tnissel u tkattar l-interess fit-tagħlim tal-istrumenti mużikali, u dan jidher biċ-ċar hekk kif f'Ġunju ta' din is-sena tnediet il-website l-ġdida ta' din is-Soċjetà. Website li tipprovdi pjattaforma kontemporanja u progressiva, li tpoġġi lis-Soċjetà bħala protagonista fil-kamp tat-tagħlim tal-mużika. Dan qiegħed jingħad għaliex minn din il-website wieħed jista' japplika sabiex jieħu serje ta' lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika online, li għandhom l-għan li jgħallmu l-mużika b'mod innovattiv, u fejn wieħed jista' jieħu dan it-tagħlim bil-pass tiegħu fil-kumdità ta' daru. Din il-viżjoni tindirizza l-isfida tal-ħin, li aktar ma jgħaddi ż-żmien donnu aktar jiqsar, u tagħmilha possibbli sabiex it-tradizzjoni tal-banda li ddur mat-toroq tar-raħal tagħna matul il-jiem li fihom niċċelebraw il-festa ma tispiċċax.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat għax-xogħol li jagħmlu matul is-sena kollha. Nuri wkoll l-apprezzament tiegħi lill-benefatturi, il-voluntiera u l-membri tas-Soċjetà, kif ukoll lill-komunità kollha tal-Imġarr għall-ġenerożità tagħha ta' matul is-sena. Jalla bħas-snin ta' qabel ikollna festa sabiħa ad unur il-patruna għażiża tagħna Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.



# L-element volontarju jibqa' jipprevali

Onor. Dr Clifton Grima
*Segretarju tal-Parlament għaż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Organizzazzjonijiet Volontarji*

Is-settur tal-volontarjat hu wieħed vast. Illum wieħed jista' jgħid li l-volontarjat hu parti mill-identità tas-soċjetà Maltija. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema wkoll għandha fi ħdanha numru ta' volontiera li kontinwament jorganizzaw u jimpenjaw irwieħhom sabiex itellgħu attivitajiet soċjali.

Is-soċjetajiet tal-banda tagħna huma sinonimi mal-festi Maltin, u dan għaliex ma hemmx dubju li l-każini tal-banda jagħrfu li l-festi tal-lokalitajiet fejn huma stabbiliti huma parti integrali mill-ġabra kulturali u soċjali ta' pajjiżna. L-enerġija u l-entużjażmu li jittrażmettu l-għaqdiet mużikali lill-poplu kollu u l-ħidma tagħhom biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fil-festi tagħna huma xi ħaġa li kulħadd jammira u jirrikonoxxi. Dan jieħu xejra akbar ta' ammirazzjoni meta wieħed jiftakar li ħafna xogħol li jsir huwa kollu volontarju.

Il-fatt li minkejja ħafna diffikultajiet l-element volontarju jibqa' jipprevali fl-istrutturi tas-soċjetajiet mużikali huwa fatt li għandu jkollu rikonoxximent akbar minn kull min għandu għal qalbu l-kultura f'pajjiżna, u għandu jgħin biex dan l-element fundamentali ta' kull soċjetà jibqa' b'saħħtu.

Mingħajr dubju, il-ħoss melodjuż tal-mużika tal-baned tagħna jagħti ħajja lill-festi tagħna, u dan flimkien ma' elementi oħra importanti, bħall-arti piroteknika u l-armar artistiku li huma kollha l-għożża ta' ħafna. Dan kollu jagħmel il-festi tagħna kulturalment u soċjalment parti integrali mill-kalendarju tal-ħajja ta' pajjiżna. Matul il-perjodu tal-festi huwa naturali li jkun hemm aspettattivi kbar, mhux biss mill-partitarji u l-benefatturi ta' soċjetà mużikali partikolari imma anke mill-komunità nnifisha, biex tara li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jkunu sbieħ.

Il-festa għandha tibqa' waħda li fiha l-komunità tingħaqad biex issaħħaħ l-identità kulturali tagħha, dik reliġjuża kif ukoll dik soċjali, u anke dik bħala nukleu familjari, għaliex kulħadd jagħraf kemm huwa importanti li l-ġranet tal-festa jintużaw b'mod tajjeb u li jkunu ta' ġid veru għal kull min jieħu sehem fihom. Għalhekk, filwaqt li nawgura l-festa t-tajba u nirringrazzja lis-Soċjetà Mużikali Marija Mtellgħa s-Sema għall-ħidma tagħha, inħeġġeġ li l-ħidma sfiqa tissarraf f'ċelebrazzjonijiet tal-festa li verament tkun okkażjoni ta' għaqda u li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet mużikali jagħrfu r-responsabilità li jiċċelebraw il-festa b'maturità u b'serjetà, ħalli ma jintilifx is-sens kulturali u tradizzjonali tal-festi Maltin u Għawdxin.

Il-festa t-tajba, ħbieb!

# T. SPITERI






## MINI READY-MIX
## & MATERIAL TRANSPORT
## Mob. 7906 3000



# DineWest

RESTAURANT • PIZZERIA • TAKE-AWAY

30, Fisher Road,

Mgarr - Malta

**Tel:** 21434014/77434014

**Email:** dinewest.mgarr@gmail.com

• Free Wi-Fi • Wheelchair accessible •Private Party Room (up to 20 guests)



# "Infetaħ it-tempju ta' Alla li hemm fis-sema u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu"
(Apok. 11, 19)

Dun George J Schembri
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Din is-sena qegħdin infakkru l-ġrajja ta' meta 100 sena ilu missirijietna trasportaw is-Santissimu Sagrament mill-knisja l-antika biex propju nhar it-18 ta' Awwissu 1919 setgħu jibdew iħottuha, biex b'hekk jagħtu spazju lill-knisja parrokkjali li għandna llum. Missirijietna ħarsu 'l quddiem biex b'fidi kbira jnisslu fil-qalba tal-komunità tagħna mħabba lejn Alla. Tiġini f'moħħi, biex niddeskrivi dak li għamlu l-Imġarrin ta' 100 sena ilu, silta mill-Apokalissi, dik li naqraw nhar l-Għid ta' Santa Marija: "***Infetaħ it-tempju ta' Alla li hemm fis-sema u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu***" (Apok. 11, 19).

Din is-silta sabiħa mill-Kelma t'Alla tgħidilna li Alla jiftaħ beraħ il-qalb tiegħu biex fl-aħħar, wara l-ħajja tagħna, jilqagħna għandu. Hekk, mela, il-Knisja f'nofs il-komunità tagħna trid turina li d-destinazzjoni tagħna hija Alla l-Imbierek, għax huwa t-tempju nnifsu li nsejħulu 'ġ***enna***'. Wieħed jistaqsi, "X'inhi l-ġenna?" Żgur li mhix xi galassja jew xi pjaneta 'l bogħod, imma hija l-ħajja ta' Alla nnifsu. Il-festa ta' Santa Marija fl-assunzjoni tagħha tfakkarna li l-ġenna hija realtà tassew. Mhix xi ħolma u lanqas immaġinazzjoni. Il-ġenna hija reali – u ta' dan huma xhieda Ġesù u Marija.

Imma l-ġenna rridu nibdew ngħixuha minn issa. Meta l-awtur tal-Apokalissi qiegħed jistedinna biex naraw x'hemm fit-tempju tal-Mulej, irid ifakkarna fl-arka tal-patt. Din l-arka mhijiex oġġett materjali, imma hija persuna speċjali li l-Mulej xeħet għajnejh fuqha. Marija, l-arka tal-patt il-ġdid, dik li ġġorr fi ħdanha lil Alla nnifsu u fl-azzjonijiet tagħha tagħmel lil Alla attwali fil-ħajja ta' kuljum. Il-festa ta' tlugħ is-sema ta' Marija tfakkarna li Marija f'ġisimha bdiet tgħix il-ġenna minn fuq l-art. Anzi Marija, bil-qawwa ta' Alla, niżlet il-ġenna fuq l-art għax tat lil Ġesù l-frott tal-ġuf tagħha lid-dinja.

Ħbieb, il-festa ta' Santa Marija, li niċċelebraw ta' kull sena, trid tkun festa li tfakkarna fil-ġenna. Ejjew nibdew niċċelebraw il-festa tagħna kif suppost, billi l-ewwel nieħdu ħsieb ta' qalbna u ħajjitna biex b'hekk tassew ngħixu l-ispirtu ta' Santa Marija. Il-festa esterna trid tkun sinjal ta' dak il-ferħ li hemm f'qalbna. Minn qalbi nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-koperazzjoni u l-ħidma biex tassew nesprimu festa Nisranija. Minn qalbi nawgura festa qaddisa lil kulħadd.

Viva Santa Marija!



# Esperjenza sabiħa għall-Banda

Angela Muscat
*Asst Kaxxiera*

Awwissu reġa' magħna u dan ifisser li għaddiet sena oħra ta' ħidma kontinwa biex ikollna festa sabiħa kif jistħoqq lill-għażiża patruna tagħna Santa Marija. Sena li fiha, apparti li komplejna bl-attivitajiet kif ukoll bil-lezzjonijiet għall-allievi tagħna, bħala banda kellna l-opportunità unika illi nirrappreżentaw lil dan ir-raħal kif ukoll lil Malta ġewwa Mathi f'Turin. Kienet esperjenza sabiħa għall-Banda kif ukoll għall-Imġarrin illi akkumpanjawna matul dawk il-jiem.

Nixtieq bħal dejjem nirringrazzja lilkom illi dejjem attendejtu għall-attivitajiet kollha u tal-appoġġ kontinwu illi dejjem tajtuna. Mingħajrkom il-Banda ma tkunx tista' tibqa' tiffjorixxi, tikber u fuq kollox tagħti s-servizz massimu tagħha lill-patruna ta' raħalna, li jilħaq il-qofol tiegħu matul il-ġimgħa tal-festa!

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba!

Viva l-Banda! Viva Santa Marija!

Ta' L-Ingliz
Fenkata
Restaurant

59,
Triq il-Kbira,
Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4489



WHERE
EXPERIENCE
MEETS
INNOVATION



Framegrip

PROVIDING PLEASANT LIFESTYLES SINCE 1982

(+356) 2141 9787 • MOSTA ROAD, LIJA, LJA 9010, MALTA • WWW.FRAMEGRIP.COM


Il-bagalja Spiċċat l-Indja.
Moħħi mistrieħ! Ħadu ħsieb kollox
GasanMamo
INSURANCE
ngħinuk dejjem
96% tal-klijenti ta' GasanMamo huma sodisfatti
Mellieħa
59, Ġ Borġ Olivier Street
T: +356 2152 3672, 2752 3672
insurance@gasanmamo.com
GASANMAMO INSURANCE IS AUTHORISED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM
SOURCE: INTERNAL DATA (2018)



# Il-Banda tirrikjedi ħafna xogħol

Maria Vella
*Asst. Kaxxiera u PRO*

Għeżież Imġarrin,

Reġgħet waslet festa oħra. Festa li ġġib magħha xhur twal ta' preparamenti. Però biex nagħmlu l-festa rridu ħafna finanzi. L-għaqda tagħna hi pjuttost żagħżugħa u m'għandhiex ħafna mezzi ta' finanzjament. Niddependu ħafna fuq id-donazzjonijiet ġenerużi tagħkom u mid-dħul tal-attivitajiet li norganizzaw matul is-sena.

Bħala kumitat dejjem naraw x'nivvintaw biex nattiraw lilkom biex tattendu għal dawn l-attivitajiet. Ta' dan nirringrazzjawkom li dejjem kontu warajna u dejjem sibna l-appoġġ sħiħ tagħkom. Kieku ma jkunx hekk ma jsir xejn. Jekk ma tkunux intom kif se nkomplu nwettqu l-proġetti tagħna?

Il-banda tirrikjedi ħafna xogħol. Ngħid għalija jien qatt ma kont naħseb li hemm daqstant ħtiġijiet biex kollox imur kif mixtieq. Għalkemm għandna ħafna xogħol u l-għajnuna hi veru limitata, ilkoll, jien u sħabi tal-kumitat, kuntenti b'dak li nagħmlu u nħossuna grati ferm li nsibu lilkom ta' spalla għalina.

Jien nixtieq nappellalkom biex tibqgħu tgħinuna. Nafu li llum kulħadd impenjat ħafna, però nafu wkoll li l-Imġarrin dejjem ħabbew lir-raħal tagħhom u għalhekk jagħmlu minn kollox biex jarawh jimxi 'l quddiem.

Minn qalbi, filwaqt li nirringrazzjakom tas-sapport u s-sostenn kontinwu tagħkom, nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!




**Mario Calleja**
**Crane Services**
**for Hire**
**Mob: 99265419**

# Rajna żieda fil-festa



Christian Vella
*Delegat Briju u Spettaklu*

Imġarrin, nagħtikom merħba.

Kemm hu sabiħ li tkun involut fil-ħidma tal-festa! Ngħid għalija ma nistax nifhem kif tista' tasal il-festa u ma nkun għamilt xejn biex ikollna festa isbaħ mis-snin ta' qabel. Aħna tal-banda naħdmu s-sena kollha biex naraw x'se nwettqu biex inkomplu nsebbħu l-festa.

Tul dawn l-aħħar snin nemmen li rajna żieda fil-festa. Kulħadd jaqbel li bit-twaqqif tal-Banda Mġarrija l-festa kibret u ħadet bixra oħra. Il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu qed ikun iktar organizzat. Beda jintwera feature awdjoviżiv li fih jingħataw id-dettalji tal-ħidma li tkun saret matul is-sena. Saret ukoll drawwa li wara dan il-marċ ikollna spettaklu. Bdejna sentejn ilu b'show tal-karti u konfetti mal-mużika sinkronizzata, is-sena l-oħra konna għamilna tapit tan-nar u ħraqna n-nar mal-mużika kif ukoll kellna mistieden speċjali lil DJ Pierre Cordina. Din is-sena wkoll preparajna sorpriża sabiħa għalikom. Għalhekk inħeġġiġkom biex tiġu ħalli niċċelebraw il-festa flimkien.

B'xejn ma jsir xejn. Għalhekk hemm bżonn li kulħadd jagħti l-għajnuna tiegħu. Nappellalkom biex anke dawk li mhumiex dilettanti tal-festa jifhmu li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa huma parti importanti mill-kultura tagħna. Inħoss għafsa ta'qalb meta nisma' min igerger ħabba l-festa, xi kultant anke b'egoiżmu jew għira. Il-festa tiġi darba fis-sena u d-dilettanti kollha għandhom dritt jiċċelebrawha.

Minn qalbi nixtiqilkom il-festa t-tajba. Nistedinkom biex tiġu tingħaqdu magħna ħalli niċċelebraw il-festa flimkien.

Viva Santa Marija u viva l-Banda tal-Imġarr!





# Ħidma li ma tiqafx

Sandro Muscat
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Imġarrin,

Il-festa tar-raħal waslet, imma min hu dilettant tal-festi ilu jieħu pjaċir. Imma ngħiduha kif inhi, kulħadd l-iktar li jkollu għal qalbu hija l-festa tar-raħal tiegħu. Aħna l-Imġarrin għandna għal qalbna l-festa tat-tlugħ fis-sema ta' Marija. Iva, il-festa waslet, u għal dan il-għan l-għaqda tal-banda Mġarrija waslet biex turi x-xogħol li wettqet matul is-sena.

Ħidma li ma tiqafx. Biex jitwettqu l-proġetti matul is-sena kollha norganizzaw attivitajiet ta' fund raising. Dawn huma importanti biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kbar li niffaċċjaw kuljum biex nibqgħu mexjin 'il quddiem. Nieħu l-opportunità biex inħeġġiġkom tattendu għall-attivitajiet ta' matul is-sena, biex ikun possibbli li norganizzaw festa xierqa u sabiħa lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Mhux biss, iżda biex nibqgħu ngħallmu l-mużika lil ulied l-Imġarr bla ħlas.

Kif tafu issa qed noffru diversi korsijiet ta' tagħlim tal-mużika. Minbarra l-prattika tal-istrumenti tal-banda ngħallmu wkoll it-teorija tal-mużika, u riċentement bdejna anke nagħtu sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika lil tfal żgħar biex nibdew inrawmu fihom l-arti mużikali.

Issa ilna ftit li bdejna naħdmu fuq il-proġett tal-każin. Nappellalkom biex kull min jista' fil-ftit ħin li jkollu jiġi jgħinna, biex dan il-proġett ikun lest u b'hekk ikollna d-dar tagħna. Post ta' edukazzjoni u rikreazzjoni fl-istess waqt.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat ta' sena oħra li ħdimna flimkien, lis-Sindku s-Sur Paul Vella, li dejjem sibnieh ta' spalla fejn kellna bżonn, u lill-bandisti li dejjem jagħtu s-servizz tagħhom. Nirringrazzja lil ħutna l-emigranti li għalkemm jgħixu 'l bogħod minn xtutna xorta jgħinuna u jappoġġjawna fil-ħidma tagħna.

Nagħlaq billi nawguralkom il-ġranet tal-festa mill-isbaħ u flimkien napprezzaw ix-xogħol kollu li jsir minn kulħadd għall-festa. Nappellalkom biex fi żmien il-festassibu ħin tieqfu u tirriflettu biex ikollna festa iktar spiritwali.

Minn qalbi, il-festa t-tajba!

Viva Santa Marija!

**www.bandamgarr.com**

# Immense privilege to be involved



Gordon B. Fee
*Member Executive & Comitee*

Dear Friends,

I have now been living in Mġarr for 3 and a half years, and been a member of the band committee for 3 years. As some of you may know, I am originally for Glasgow, one of Scotland's largest cities, and it was purely by chance that I came to live in Mġarr. I was retiring for my job as a chiropodist and came to visit my sister and brother-in-law who had recently moved here. Since that first visit I immediately fell under the charms of this beautiful village.

The work over the last 3 years has been mostly in raising funds to realise the exciting creation of the band club. This is still ongoing, and with every fund raising event we are edging ever closer.

I would like to add that it has been and still is an immense privilege to be involved with the band committee and meet so many of Mġarr's residents. Although I am not Maltese, I have been made to feel very welcome and have made some lifelong friends.

So thank you for all your support, both with the band fund raising but also for being so friendly.

Viva Santa Marija!

Antoine Borg
FCCA FIA CPA

Accountant u Awditur,
jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

79030583
antoine@antoineborg.com





# Għoġobhom jafdaw fis-servizz tal-Banda tagħna

John Bugeja
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Għeżież ħuti Mġarrin,

Issa li ilni iktar minn sena f'dan il-kumitat, wara li suppost l-għan kien li nieħu ħsieb l-istandard waqt is-servizzi li l-banda tagħna tagħti, il-ġuħ għal iktar impenji fi ħdan il-banda ressaqni lejn impenji iktar importanti.

Matul iż-żmien ġejt mitlub nagħti kontributi oħra, fosthom għajnuna waqt l-ikliet li jsiru matul is-sena kif ukoll xogħlijiet fil-każin il-ġdid. Peress li dan ma kienx biżżejjed biex nimla l-ftit ħin li għandi, dan l-aħħar ġejt fdat ukoll biex nieħu ħsieb l-uniformijiet tal-bandisti tagħna meta noffru xi servizz kemm fir-raħal maħbub tagħna u kemm fi rħula oħra.

Is-sena li għaddiet kellna diversi servizzi, kemm fir-raħal tagħna kif ukoll fi rħula u bliet oħra li għoġobhom jafdaw fis-servizz tal-banda tagħna.

F'Diċembru li għadda kellna l-ħatra tal-Kappillan il-ġdid Dun George Schembri, u hawn ukoll il-Banda kkontribwiet biex il-Kappillan ingħata merħba mill-isbaħ mill-Imġarrin kollha. Okkażjoni pjaċevoli oħra li saret f'Diċembru, u dan jikkonfermah kull min għoġbu jingħaqad magħna, wasslitna għall-ewwel darba barra minn xtutna, ġewwa Mathi, li hu raħal żgħir fil-provinċja ta' Turin fl-Italja, peress li dan il-post ħelu għandu ġemellaġġ mal-Imġarr. Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-każin il-ġdid tal-banda ta' Mathi, il-banda tagħna Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema ġiet mistiedna sabiex iddoqq kemm fit-toroq flimkien mal-banda tal-lokal kif ukoll waqt programm tal-okkażjoni. Il-mawra damet ħamest ijiem, fejn żorna diversi postijiet oħra, u permezz ta' din il-mawra għamilna ħafna ħbieb ġodda. Ringrazzjament mill-qalb imur lis-Sindku s-Sur Paul Vella u lis-Segretarju tal-Banda s-Sur Joseph Caruana, tax-xogħol u l-kontribuzzjoni tagħhom, kif ukoll lil dawk kollha li għenu minn wara l-kwinti sabiex din il-mawra ssir suċċess.

Ħuti, il-Banda mingħajrkom ma hi xejn; għalhekk nistedinkom li tagħtu s-sostenn tagħkom sabiex is-suċċess li tant kulħadd qed jaħdem għalih isir realtà.

Grazzi mill-qalb u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

*Mario Xerri tal-Pespus*

**Ġbejniet friski u tal-bżar**

**Mob. 99408331**





# Nibqgħu mexjin ’il quddiem


Sharon Azzopardi
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*


Ħbieb Imġarrin,

Din hi t-tieni darba tiegħi li qed nikteb messaġġ f’dan il-ktieb li l-għaqda tagħna tippubblika ta’ kull sena propju għall-festa sabiħa ta’ Santa Marija. Ta’ dan nixtieq ngħid grazzi lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana, li huwa l-editur ta’ dan il-ktieb. Minkejja l-impenji kollha tiegħu xorta jsib il-ħin biex jitlesta dan il-ktieb.

Grazzi tmur ukoll għall-membri l-oħra tal-kumitat li flimkien nagħtu s-sehem tagħna fl-attivitajiet li norganizzaw matul is-sena b’risq il-Banda tal-Imġarr. Nixtieq nirringrazzja lill-għalliema tal-mużika tas-Soċjetà tagħna tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom.

Fl-aħħar nett nirringrazzja lilkom, Imġarrin, tas-sapport li tagħtuna. L-għajnuna tagħkom hi ferm meħtieġa biex nibqgħu mexjin ’il quddiem.

Nixtieq nagħlaq billi mill-qalb nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!






# Proġett li sar realtà

Tancred Grech
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi – Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni*

Nagħtikom merħba.

Awwissu reġa' magħna, u dan ifisser li wasal iż-żmien li niċċelebraw il-festa tant għal qalbna, il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Apparti li s-Soċjetà kellha sena impenjattiva bħas-snin preċedenti, din is-sena għamilna pass importanti li ħa jkompli kemm iżewwaq l-istorja tagħna bħala soċjetà kif ukoll jagħmel unur lir-raħal sabiħ tagħna.

**Il-Banda tagħna barra minn xtutna**

Is-sena l-oħra l-kumitat, flimkien mal-Kunsill Lokali, kien qed jaħdem fuq proġett li kien ser ikun ta' benefiċċju kemm għas-soċjetà kif ukoll għar-raħal inġenerali. Dan il-proġett kien jikkonsisti li l-Banda tagħna tieħu sehem waqt attività li kellha ssir lejn l-aħħar tas-sena ġewwa Mathi f'Turin. Jien hawn mhux ser nitkellem fuq il-ġita li għamilna, imma fuq is-sehem li l-Banda tagħna kellha l-unur tagħti fiha.

Fil-ħamest ijiem li għamilna hemm il-Banda kienet mistiedna biex iddoqq tliet darbiet. Dakinhar li wasalna, għalkemm kellna vjaġġ kemxejn twil, wara li wasalna l-lukanda u kilna, il-mużiċisti tagħna kien fadlilhom biċċa xogħol oħra. Ridna nagħmlu prova sabiex nippreparaw għall-programm li kellna l-Ħadd filgħaxija.

Il-Banda tagħna ħadet sehem waqt l-inawgurazzjoni tas-sede wara xi xogħol li sar fuq il-binja tas-Soċjetà Filarmonika Prinċipessa Jolanda. Dakinhar daqqejna flimkien mal-banda Taljana l-innijiet tal-pajjiżi rispettivi kif ukoll marċi brijużi ta' kompożituri Maltin u Taljani. Wara dan il-marċ iż-żewġ baned flimkien għamilna programm mużikali li kien il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom. Hawn il-Banda tagħna għamlet programm mużikali li fih ukoll daqqejna xogħlijiet ta' kompożituri barranin kif ukoll Maltin. Fost l-oħrajn daqqejna s-silta komposta mill-Assistent Surmast tagħna Mro Christopher Tanti. Dan il-kunċert għalaq billi ż-żewġ baned daqqew xi siltiet flimkien bħala banda waħda.

L-aħħar sehem li l-Banda tagħna tat kien waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament li saret ġewwa l-knisja ta' Mathi stess, li fiha numru ta' mużiċisti miż-żewġ għaqdiet ħadu sehem billi daqqew diversi innijiet reliġjużi.

**Lura Malta**

Lura Malta l-Banda żammet mal-kalendarju tagħha billi reġgħet għamlet il-kunċert tal-Milied ġewwa l-oratorju, billi daqqet diversi arranġamenti ta' siltiet li huma meqjusin bħala mużika tal-Milied.

Impenn ġdid li s-Soċjetà tagħna bi pjaċir ħadet sehem fih għall-ewwel darba kien fi Frar, meta daqqejna waqt is-serata organizzata mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni annwali ta' Ġieħ

l-Imġarr. Hawn daqqejna mużika varjata għall-gosti ta' kulħadd.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-membri fi ħdan il-Kunsill Lokali talli għal din l-okkażjoni ġiet mistiedna l-Banda tar-raħal biex din il-ġurnata tiġi ċċelebrata kif jixraq.

**Għeluq**

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nħeġġeġ lil kull min hu interessat biex jiġi għal-lezzjonijiet u jingħaqad magħna. Dawn isiru kull nhar ta' Tnejn ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

Nieħu wkoll din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi kbira tmur lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruana, li għandu għal qalbu ħafna din is-Soċjetà u li tant jaħdem biex jaraha tikber u timxi 'l quddiem. Grazzi kbira oħra tmur ukoll lill-kumitat ċentrali kollu tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri, lill-Assistent Christopher Tanti kif ukoll lill-għalliem tal-qasba Mro Charles Pace, li ngħaqad magħna proprju ftit tax-xhur ilu. Nifraħ u nirringrazzja wkoll lis-Sur Johann Borg li ngħaqad magħna; barra li hu bandist daħal biex jifforma parti mill-Kummissjoni Banda. Fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lill-istudenti u l-bandisti li qed jistudjaw mas-Soċjetà. Dawn għad iridu jkunu huma li jkomplu fejn inħallu aħna!

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!


CAFE BAR & GRILL Cavett Place EST.2003

*End of Summer BBQ in aid of Puttinu Cares*

Friday 13th September
Infront of Cavett Place, Triq il-Kbira, l-Imġarr

**Menu**
Appetizers • Mixed BBQ plate including chicken, pork, sausages and mix of salads • Fresh fruit

Kids menu available

*Live entertainment*

**Adults €15 • Kids €6**

For Bookings & details contact Antoine iċ-Ċavett on 79441327

**All money raised during the event will go in towards Puttinu Cares**

# L-id soda tas-Surmast tal-Banda



Mauro Spiteri
*(A Mus.) LCM, ALCM*
*Assistent Surmast*

Għeżież qarrejja ta' dan il-ktieb, f'dan l-ispazju tiegħi bħala Assistent Surmast Direttur dejjem nagħti ħarsa lejn xi aspett mill-qasam mużikali. Din is-sena xtaqt naqsam magħkom xi ħsibijiet dwar l-irwol tas-surmast tal-banda f'dak li għandu x'jaqsam mad-direzzjoni ta' kunċerti mużikali.

Nistgħu ngħidu li dan l-irwol huwa kumpless ħafna, iżjed u iżjed meta l-aspettattiva tal-baned Maltin tas-surmast direttur ikunu varji, minn tagħlim għal provi tal-banda, għal kunċerti u xi kompożizzjoni wkoll. Mingħajr ma nsemmu li l-istess surmast tal-banda jkun ukoll mużiċist fuq xi strument (jew iżjed minn wieħed) u jkun qed idoqq f'diversi okkażjonijiet matul is-sena. Dan kollu jagħmel l-irwol tas-surmast direttur wieħed mill-iktar impenjattivi.

Nieħu spunt mill-fatt li surmast direttur ikun ukoll mużiċist, għaliex huwa punt kardinali li s-surmast direttur ikun mużiċist ta' ċertu livell, jew ikun ħalla warajh karriera ta' mużiċist. Żewġ punti oħra importanti fix-xogħol tas-surmast huma li: a) is-surmast irid ikun jaf kif jaħdem fi grupp, u b) is-surmast irid ikun jaf kif jgħaddi l-messaġġi tiegħu lill-mużiċisti bil-mossi u l-movimenti tiegħu. Dawn il-messaġġi jgħaddu mid-direttur għal għand il-mużiċisti permezz ta':

l-id il-leminija (l-id primarja), li tagħti t-taħbita, u li ħafna drabi jkollha l-istikka (magħrufa bħala 'l-bakketta') bħala estensjoni tal-id, biex il-moviment jidher iżjed;

l-id ix-xellugija, li tagħti mossi addizzjonali għal dik primarja;

ċ) l-għajnejn, li jintużaw bħala komunikazzjoni diretta mal-istess mużiċisti.

Li wieħed jitla' fuq il-kaxxa ma sseħħx mil-lum għal għada, iżda hija riżultat ta' snin ta' preparazzjoni. Surmast irid ikollu tagħlim:

estensiv ta' prattika fuq tal-inqas strument wieħed;

bażiku fuq l-istrumenti kollha tal-banda u l-orkestra;

ċ) tat-teorija mużikali;

d) fuq kompożizzjoni;

e) dwar aspetti varji tal-eżekuzzjoni tal-mużika, bħal analiżi tal-mużika, interpretazzjoni tal-mużika, stil tal-mużika.

Il-kwalitajiet li wieħed jakkwista mit-tagħlim li għadni kemm semmejt jagħtu l-abbiltà li wieħed ikun jista' jaqra u jifhem dik li aħna nsejħulha 'partitura'. Il-partitura hija dak il-ktieb li s-Surmast Direttur ikollu quddiemu, li fih insibu l-mużika ta' kull strument li jkun hemm fil-banda jew l-orkestra. Waqt il-provi s-surmast irid ikun kapaċi jidentifika ħsejjes li ma jkunux f'posthom u jibbilanċja l-volum tal-ħoss, sabiex jikkoreġihom, ħalli waqt l-eżekuzzjoni jkun hemm l-aħjar riżultat possibbli. L-abbiltà f'dawn l-aspetti li semmejt tagħti l-awtorità lis-surmast biex ikun mexxej ġenwin, kemm waqt il-provi kif ukoll waqt

l-eżekuzzjoni. Is-surmast irid ikun l-ewwel wieħed li jagħti l-eżempju lill-mużiċisti li jkollu miegħu, eżempju li jkun ġej minn snin ta' rispett reċiproku minn u lejn ta' madwaru f'dan il-qasam mużikali, minn snin ta' serjetà mużikali, u tant affarijiet oħra.

Aspett ieħor importanti ħafna fl-irwol tas-surmast direttur li jmur lil hinn mill-mużikalità huwa li s-surmast għandu jkun jaf kif imur man-nies, kif jitkellem magħhom, kif jgħaddi l-messaġġ, kif jaħdem fi grupp, u fl-aħħar u mhux l-inqas kif se jakkwista l-aqwa riżultat fl-inqas żmien possibbli. Li wieħed ikun umli iżda fl-istess ħin ċar u dirett f'dak li jrid huwa valur importanti ħafna li surmast tajjeb għandu jkollu, biex iwasslu għal provi effettivi u eżekuzzjoni aħjar. Jekk kellna nsemmu preparazzjoni għal xi kunċert nistgħu ngħidu li mill-aspett ta' direzzjoni tal-banda s-surmast għandu bżonn ikun ilu jipprepara minn xhur qabel. Apparti li s-surmast direttur ħafna drabi jidħol fl-għażla tal-mużika, huwa vitali li l-preparazzjoni tal-partitura ssir bl-ikbar reqqa possibbli. Is-surmast irid ikun ippreparat għal kull silta li jkun se jikkunċerta, sabiex ikun jaf dwar l-armonija li fiha, liema individwi jew sezzjoni se ddoqq il-melodiji, x'bilanċ irid li jakkwista, u jiffamiljarizza ruħu mas-silta kemm jista' jkun. Tajjeb ukoll li kieku s-surmast ikollu l-possibiltà li jisma' xi recordings minn baned/orkestri differenti tal-istess silta, mhux biex jikkopja xi interpretazzjoni iżda sabiex ikun jista' jisma' soluzzjonijiet differenti. Ngħiduha kif inhi, li wieħed jara u jistudja eżekuzzjonijiet ta' nies kbar fix-xena tad-direzzjoni, nies bħal Riccardo Muti, Claudio Abbado, Herbert von Karajan, Leonard Bernstein u oħrajn, ma jkun qed jikser l-ebda regola, iżda żgur li jkun qed iżid fl-għarfien mużikali.

Illum il-ġurnata kunċert tal-banda jkollu mużika varjata. Dan sabiex jintlaħaq l-għan tal-banda, dak li jferraħ kemm jista' jkun nies li ġejjin minn spettri differenti tas-soċjetà. Wieħed jista' jifhem li mużika li ma fiha l-ebda bdil fit-temp, bħal pereżempju xi diska moderna, ma tkunx impenjattiva, filwaqt li xi mużika Klassika dejjem se ssib tibdil fit-tempijiet u ruxxmata aspetti li surmast irid joqgħod attent għalihom. Dawn tal-aħħar jagħmlu x-xogħol tagħna iżjed interessanti. Minn hawn ġejja r-raġuni li għalkemm l-aspettattiva tan-nies hija dejjem għal mużika tal-widna, surmast tal-affari tiegħu ma jiħux pjaċir idoqq biss mużika li ma tkunx impenjattiva, għaliex dan jagħmel id-direzzjoni monotona. Jien għalija jekk jiġi kunċert u ma nkunx tgħallimt xi ħaġa minnu, nista' ngħid li jkun delużjoni personali. B'hekk l-għażla tal-mużika tiegħi dejjem tkun waħda varjata bejn mużika popolari u oħra inqas popolari, b'din tal-aħħar tkun mużika li tagħti sodisfazzjon lili u lill-mużiċisti sħabi.



Nista' nassigurakom li l-Banda tagħna hija mogħnija b'surmast direttur bi kwalitajiet mużikali mill-aqwa u b'valuri sodi bħalma semmejt f'dan l-artiklu tiegħi. Jalla l-Madonna tkompli tħares fuq din il-Banda sabiex it-tajjeb jibqa' jirrenja u l-Banda timxi 'l quddiem b'direzzjoni mużikali ta' kwalità. Filwaqt li nispera li dan it-tagħrif sibtuh interessanti, nixtieq minn qalbi nibgħat it-tislijiet sinċieri lill-kumitat tal-Banda, lis-Surmast, l-għalliema, l-istudenti, il-ġenituri, u nawgura lill-membri u lil dawk kollha ta' rieda tajba l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema 2019.



# Inkomplu naħdmu b'mod professjonali

Christopher Tanti
*B.A. (Hons) Music*
*Assistent Surmast u Għalliem tat-Teorija*

Dawn l-aħħar sentejn li ilni ngħallem f'din il-banda Mġarrija lanqas rajthom għaddejjin. Dan għaliex il-Banda hi waħda attiva u t-tagħlim mużikali huwa ta' prijorità f'din is-Soċjetà. Ftit huma dawk is-soċjetajiet li jinvestu bis-sħiħ fit-tagħlim mużikali. Kif jgħid il-Malti, li tiżra' taħsad, u f'din is-Soċjetà qed tinbena banda b'mużiċisti ta' kwalità għolja u tajba. F'din l-aħħar sena l-istudenti kollha li tellajna għall-eżamijiet tat-teorija kollha ġabu marki tajbin, u dan huwa s-sodisfazzjon li tieħu tas-sagrifiċċji li jagħmlu l-għalliema u l-kumitat. Dan kollu huwa sinjal ta' inkoraġġiment biex il-Banda tkompli tissaħħaħ bl-allievi u l-bandisti tal-post tagħha, filwaqt li aħna l-għalliema nkomplu naħdmu b'mod professjonali għal din il-Banda Mġarrija. Inħeġġeġ lil dawk kollha li huma interessati li jibdew jitgħallmu xi strument tal-banda kif ukoll it-teorija biex ma jiddejqux jikkuntattjaw lil xi membru tal-kumitat jew lill-għalliema stess.

Il-kumitat ħabrieki qatt ma qata' qalbu mill-ostakli li ġie ffaċċjat bihom; wisq aktar bil-kontra. Eżempju ċar ta' dan huwa l-ewwel safra li l-Banda Mġarrija għamlet ġewwa Turin. Din is-safra kienet waħda ta' suċċess. Kollox kien pjanat kif suppost, grazzi għas-Segretarju ħabrieki tas-Soċjetà Joseph Caruana. Grazzi għal din il-Banda, l-ewwel concert piece li qatt ktibt għall-banda kellha tindaqq barra minn xtutna. Din il-biċċa mużika ntlaqgħet tajjeb mill-udejnza, bħall-bqija tal-programm li l-Banda esegwiet.

L-impenji mużikali ma waqfux mas-safra, iżda l-kunċerti u s-servizzi annwali baqgħu għaddejjin bħas-soltu. Bħas-sena l-oħra l-Banda esegwiet il-programm annwali tal-marċi funebri. Bħas-snin l-imgħoddija dan kien wieħed ta' suċċess, li għalih in-nies ġew u ma ddejqux. Nixtieq ngħid grazzi kbira lil din il-Banda li tatni l-opportunità biex jindaqq marċ ieħor funebru li ktibt jien, bl-isem ta' Ultimo Respiro. L-interpretazzjoni ta' dan il-marċ ħarġet tajba ħafna, grazzi għall-mużiċisti u s-Surmast Direttur tal-Banda Mro Tancred Grech. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Surmast Mro Tancred Grech tal-għajnuna u s-sapport li tani tul dawn is-sentejn. Nixtieq ukoll nirringrazzja lis-Segretarju Ġenerali tal-Banda s-Sur Joseph Caruana kif ukoll lill-bqija tal-kumitat, li dejjem kienu ta' spalla fejn jidħlu l-affarijiet tal-Banda. Filwaqt li nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil kulħadd tas-sapport kontinwu li dejjem sibt, nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif tixraq li tkun lil Ommna Marija Assunta. Viva Marija Assunta!



# Xejn inqas minn soċjetajiet oħra



Charlie Pace
*Għalliem tal-istrumenti tal-qasba*

Għeżież Imġarrin,

Ġejt mitlub mis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana biex inwassal il-messaġġ tiegħi fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija hawn fl-Imġarr.

Ovvja li se ngħid x'esperjenzajt jien f'dawn l-għaxar xhur kemm ilni ngħallem u ndoqq mal-banda tar-raħal tagħkom.

Il-ftit snin kemm ilha mwaqqfa l-Banda għamlet minn kollox, kumitat ħabrieki, surmast u assistenti jaħdmu minn qalbhom, tagħlim lil kull sezzjoni tal-banda, inklużi t-teorija u l-apprezzament tal-mużika għat-tfal. Dan minbarra diversi programmi u servizzi fir-raħal u barra r-raħal u sede għall-każin diġà maħsuba. Banda li għalkemm żgħira fl-età hi mżejna b'kollox.

Għalhekk, Imġarrin, ibqgħu sostnu lil din is-Soċjetà u l-banda, għax żgur m'għandkom xejn inqas minn soċjetajiet oħra.

F'dan l-ambitu nħeġġeġ iktar ġenituri biex iħajru lil uliedhom jersqu lejn il-mużika u jattendu għal-lezzjonijiet.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-President u l-membri tal-kumitat, lill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, li jipprovdi s-sede tiegħu fejn isir it-tagħlim, lis-Surmast u l-Assistenti Surmastrijiet u fl-aħħar lill-poplu Mġarri għall-festa mill-isbaħ.

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*



# Jean Pierre DEBONO
u l-familja tiegħu jawguraw

Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha



**Cell:** 99470062
**Social:** facebook.com/JeanPierreDebono/

# Kulħadd jaħdem bil-qalb



Onor. Kav. Louis J Vella MQR
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*
*President Onorarju*

Is-sajf wasal u s-sħana dejjem tgħanni, kif sikwit ninstemgħu ngħidu, hux hekk! Il-festa tant għażiża, tant mistennija u tant mixtieqa ta' Santa Marija reġgħet magħna. F'isem il-komunità Maltija u speċjalment dik Imġarrija ta' San Francisco, California, nixtieq inwassal l-isbaħ u l-egħżeż xewqat lill-Imġarrin kollha, huma fejn huma, kif ukoll lill-kleru, lill-kunsill, lill-għaqdiet u lill-każini u l-voluntiera kollha tal-Imġarr.

Meta kulħadd jaħdem bil-qalb, bis-sincerità, bis-serjetà u flimkien, is-suċċess ma jistax ma jasalx. Dejjem għandna nżommu f'moħħna li mhux dak li nieħdu imma dak li nagħtu verament jagħmilna sinjuri.

Nixtiqilkom festa mill-isbaħ, sew mil-lat spiritwali kif ukoll minn dak soċjali.

Il-festa t-tajba u viva Santa Marija!



# MUSIC BUZZ



Mro Andrea Cassar
*FLCM, B.Ed. (Primary) Hons*
*Għalliem fil-Music Buzz*

Nixtieq nibda dan l-artiklu billi l-ewwel nett insellem lilkom, għeżież qarrejja, speċjalment intom li qed tiċċelebraw b'tant għożża l-festa ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema f'dar-raħal pittoresk tal-Imġarr. Inħossni tassew onorat li mill-bidu ta' Novembru lil hawn ingħaqadt ma' dan it-tim tant ħabrieki.

Bla dubju ta' xejn waħda mill-iktar funzjonijiet meħtieġa u importanti ferm f'każin tal-banda hija l-iskola tal-mużika. Fil-fatt f'dawn l-aħħar snin bdejna naraw diversi sforzi minn għadd ta' każini biex mhux biss jipprovdu ambjenti xierqa għat-tagħlim tal-mużika, iżda wkoll biex jintuża kurrikulu addattat minn għalliema kwalifikati. Żgur mhux forsi l-irwol tal-għalliem mhuwiex biss li jgħallem u jħarreġ lit-tfal iżda li jqanqal imħabba u namur kemm lejn il-mużika kif ukoll lejn is-Soċjetà li tipprovdi dat-tagħlim. Għall-kuntrarju ta' dari, illum huwa diffiċli biex il-banda tkun l-għażla naturali għat-tfal tar-raħal, u għalhekk wieħed irid joħloq dehra divertenti, friska u addattata skont iż-żminijiet li ngħixu fihom. U dan hu kif nibtet l-idea ta' MUSIC BUZZ.

L-isem ta' MUSIC BUZZ ġie mnebbaħ minn idea tal-kumitat u s-surmastrijiet, li minn hawn nixtieq nirringrazzjahom tal-istedina tagħhom li ningħaqad ma' dan it-tim ħabrieki. Il-ħsieb u l-prinċipju ewlieni tagħna kollha kien li t-tfal jiġu jesperjenzaw ftit mużika waqt li jieħdu gost. Għal dan il-għan ridna nolqtu żewġ tipi differenti ta' udjenzi: i) tfal ta' età żgħira u ii) il-ġenituri. Ridna nagħmlu sessjonijiet li fihom kemm jista' jkun ikun hemm atmosfera familjari u ta' tagħlim fl-istess ħin. M'għandniex xi ngħidu, f'dawn is-sessjonijiet nippruvaw inwasslu l-mużika bl-iktar mod oriġinali kemm jista' jkun, bħal ngħidu aħna tpinġija, filmati, logħob interattiv, logħob fi gruppi u anke daqq fuq il-borom u permezz ta' materjal riċiklat, dejjem skont it-tema tal-lezzjoni.

Fil-fatt dis-sena t-tfal setgħu jiskopru temi bħar-ritmu, il-melodija, in-noti, il-kuluri tal-istrumenti, il-kompożituri kif ukoll l-istrumenti. Fil-fatt dawn it-temi dejjem ġew abbinati ma' stejjer bħal Peter and the Wolf u The Pied Piper of Hamelin, li komplew taw esperjenza ħolistika lil dawn it-tfal tagħna.

B'wiċċi minn quddiem nixtieq ngħid li dawn is-sessjonijiet huma ta' suċċess kbir, tant li minn meta bdejna, fil-bidu ta' Novembru 2018, it-tfal kellhom ukoll l-opportunità li jdoqqu flimkien mal-banda permezz ta' strumenti domestiċi u riċiklati waqt 'Flimkien għall-Banda 2019'. Bla dubju din kienet xi ħaġa importanti ferm għaċ-ċkejknin tagħna, fosthom l-iżgħar student tagħna li għandu biss sena u nofs.

Attivitajiet bħal dawn mhux biss iħeġġu lit-tfal iżda jimmotivawhom biex minn età bikrija jieħdu ħsieb l-imħabba tagħhom lejn il-każin tal-banda ta' raħal twelidhom u min-naħa l-oħra l-Banda nnifisha tibqa' żagħżugħa. Għalhekk minn hawn nixtieq inħeġġeġ lil dawk kollha li għandhom bejn sena u 8 snin flimkien mal-ġenituri tagħhom biex jattendu

għal dawn is-sessjonijiet ta' MUSIC BUZZ filwaqt li jingħaqdu mal-familja mużikali Mġarrija li dejjem qed tikber b'mod sabiħ.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-kumitat kollu, lis-surmastrijiet, l-għalliema, il-ġenituri, it-tfal u l-ammiraturi kollha ta' din l-għaqda mużikali għas-sapport kontinwu tagħhom. Grazzi mill-qalb u l-festa t-tajba lil kulħadd.

***Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tħabbar li għall-festa ta' din is-sena se tkun qed tingħaqad ma' bosta għaqdiet oħra u mhix se tagħmel użu minn bżieżaq bħala parti mill-briju. Minflok, se jintużaw bnadar magħmulin mid-drapp.***

***Dan hu kontribut żgħir b'messaġġ b'saħħtu favur l-ambjent.***

***Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni.***

# Bejn festa u oħra

Kitba ta' Joseph Caruana

Nista' ngħid li saret drawwa li nżomm dan l-impenn annwali billi permezz ta' din il-kitba msejħa *Bejn Festa u Oħra* nagħtikom rendikont tal-ħidma li tkun twettqet fis-Soċjetà tagħna. Għalkemm ħafna mill-attivitajiet u servizzi jkunu ripetuti bħal dawk tas-snin imgħoddija, xorta nħoss li jeħtieġ li nsemmihom sabiex l-istorja tibqa' miktuba.

Wara l-impenn li s-Soċjetà tagħna kellha fil-festa titulari ta' Santa Marija 2018, il-ħidma ma qatgħetx. Komplew ix-xogħlijiet fil-proġett tal-każin kif ukoll intensifikaw il-ħidma u l-preparamenti għall-ewwel safra tal-Banda.

Din is-sena se nagħmel bidla żgħira f'din il-kitba. Filwaqt li qabel kont inqassam dan l-artiklu skond l-attività jew l-avveniment, issa se nkun qed naqsam magħkom dak li ġara xahar xahar.

**Awwissu 2018**

Il-Banda tagħna ħadet sehem fil-festa titulari ta' Santa Marija bi tmien servizzi mużikali. L-ewwel impenn tagħna kien il-Ġimgħa, 3 ta' Awwissu 2018 meta l-banda daqqet marċi brijużi qabel il-ħruġ tal-vara min-niċċa, u ħadet sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara. Wara mbagħad kompliet iddoqq marċi brijużi sal-każin, fejn ġiet organizzata l-ikla l-kbira tal-festa. Waqt din l-ewwel attività, li ġiet organizzata fil-bitħa tal-każin, kellna varjetà mill-mistiedna speċjali Joe Farrugia, id-Dulli u Veronica. Il-banda ferrħet ukoll lil dawk preżenti. Dakinhar ġiet imżanżna d-diska *Ġmiel t'Awwissu*, li għandha mużika tas-Surmast Joe Brown u versi ta' Joe Julian Farrugia. Din tkantat live minn Rachel Lowell, li wkoll ferrħet lill-udjenza b'songs oħra tagħha.

Il-Ġimgħa 10 t'Awwissu l-banda daqqet waqt il-quddiesa li saret fi Triq Dun Edgar fl-okkażjoni tal-festa tat-tfal. Il-banda hawn kienet taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Mauro Spiteri.

Il-Ħadd 12 t'Awwissu l-Banda kellha żewġ impenji. Filgħodu għamlet il-marċ tant mistenni ta' filgħodu filwaqt li filgħaxija fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Tancred Grech, il-Banda Mġarrija tellgħet programm ta' mużika sagra. Waqt dan il-programm flimkien mal-banda ħadu sehem l-arpista Jacob



Waqt il-marċ ta' filgħodu



Il-banda waqt il-programm ta' mużika sagra fil-knisja



Il-banda waqt il-programm ta' light music li tellgħet il-Ħamis 16 ta' Awwissu, taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Mauro Spiteri

Portelli, is-Sopran Marita Bezzina u l-Kor Regina Coeli taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi.

Il-Ħamis, 16 ta' Awwissu 2018 il-banda daqqet marċi brijużi f'diversi toroq u wara tellgħet programm ta' mużika leġġera fuq iz-zuntier tal-knisja. Dan il-programm tmexxa mill-Assistent Surmast Mauro Spiteri.

Fil-jum tal-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu 2018 filgħodu numru ta' bandisti ferrħu lit-tfal li attendew l-iSkola Sajf tal-Imġarr. Minbarra li daqqejna l-innijiet tal-festa, is-Surmast Tancred Grech ta ftit informazzjoni dwar l-istrumenti tal-banda.

Filgħaxija mbagħad il-banda għamlet il-marċ popolari tal-aħħar jum tat-tridu. Fl-għeluq tal-marċ intwera l-feature *Inkomplu Nissudaw*, miktub minni Joseph Caruana. Segwa mbagħad spettaklu ta' nar tal-art u



Mro Tancred Grech jagħti informazzjoni lit-tfal dwar l-istrumenti tal-banda waqt outreach li għamilna fl-iskola tal-Imġarr



Briju waqt il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu



Il-banda takkumpanja l-purċissjoni
fi Triq Santa Marija



Programm vokali u strumentali ta' lejlet il-festa

tal-ajru. Wara d-DJ popolari Pierre Cordina ferraħ lil dawk preżenti bid-daqq tal-mużika akkumpanjata minn dawl u briju.

Lejlet il-festa, is-Sibt 18 ta' Awwissu, il-banda għamlet marċ qasir wara tmiem il-quddiesa tat-tranżlazzjoni, imbagħad tellgħet programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tancred Grech. Ħadu sehem mal-banda t-Tenur Georg Zammit u l-kantanti Michela Galea u Rachel Lowell. Ħa sehem ukoll kor ta' tfal Imġarrin.

Il-Ħadd, jum il-festa, nhar id-19 t'Awwissu 2018, il-banda daqqet marċi brijużi qabel il-ħruġ tal-purċissjoni bil-vara titulari. Waqt il-ħruġ daqqet *L-Innu l-Kbir*, tas-Surmast Joseph Abela Scolaro, u l-innu popolari *L-Imġarr Iben Marija*. Imbagħad akkumpanjat il-vara titulari ta' Santa Marija waqt il-purċissjoni hekk kif intemm ir-rużarju fi Triq San Pawl saz-zuntier tal-knisja.

**Settembru 2018**

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2018 ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place, l-Imġarr.

Fl-aħħar Ħadd ta' Settembru, propju fit-30 ta' Settembru 2018, il-banda ħadet sehem waqt festival organizzat mir-Reġjun Tramuntana fl-Imġarr. Il-banda daqqet diversi marċi brijużi fl-isfilata li bdiet minn ħdejn l-iskola tal-Imġarr u baqgħet sejra sal-pjazza. Wara ttellgħet varjetà minn diversi baned barranin.



Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr iddoqq waqt il-festival organizzat mir-reġjun tat-Tramuntana fl-Imġarr

**Ottubru 2018**

Is-Sibt, 13 ta' Ottubru 2018 ġie organizzat Torti Night fil-maħżen tal-knisja.

Il-Ħamis 18 ta' Ottubru għamilna coffee morning għand iċ-Ċavett Place.

F'dan ix-xahar l-għalliem tal-allievi Henry Fenech ta r-riżenja tiegħu minħabba



Is-Sur Charlie Pace




Il-poster tat-Torti Night organizzat fil-maħżen




Poster tal-coffee morning tat-18 ta' Ottubru 2018



Mro Andrea Cassar

raġunijiet personali. Wara diversi kuntatti, is-Sur Charlie Pace intgħażel biex jieħu l-post battal li ħalla s-Sur Fenech. F'dan ix-xahar ukoll tqassam ktieb tat-tpinġija lil dawk kollha li jattendu l-iskola primarja tal-Imġarr. Id-disinji saru minn Amanda Muscat. Dan il-ktieb kien jifforma parti minn proġett li għamlet l-għaqda tagħna ffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ. Ta' min jgħid li permezz ta' dan il-ktieb, wara d-domanda li kellna bdew is-sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika msejħa Music Buzz. Biex imexxi dawn is-sessjonijiet il-kumitat ħatar lil Mro Andrea Cassar.

**Novembru 2018**

F'dan ix-xahar ukoll il-banda kellha impenn l-Imġarr nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru u ieħor f'Birżebbuġa fis-7 ta' Novembru bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. F'dan ix-xahar ukoll ġie preżentat ir-rapport finali tal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ.



Mro Tancred Greh imexxi l-banda waqt il-programm li sar bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ fl-Imġarr nhar il-Ħadd, 4 ta' Novembru 2018

Nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Waqt din il-laqgħa ġew approvati r-rapport finanzjarju u r-rapport amministrattiv fost affarijiet oħra.



Waqt wieħed mill-coffee mornings organizzati għand iċ-Ċavett Place, l-Imġarr

Il-Ħamis 15 ta' Novembru ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place.

Il-Ġimgħa 30 ta' Novembru għamilna quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-membri u familjari mejtin.




L-avviż li sar minħabba l-quddiesa b'suffraġju għall-erwieħ tal-membri u familjari mejtin

**Diċembru 2018 – ix-xahar li fih il-Banda kellha l-ewwel safra tagħha**

Diċembru bla ebda dubju se jibqa' mfakkar u minqux fl-istorja tas-Soċjetà. Dan għaliex il-Banda kella l-unur li tirrappreżenta lil pajjiżna fl-Italja.



Membri tal-kumitat flimkien mal-Kappillan Dun George Schembri u l-Arċisqof Charles Scicluna qabel il-quddiesa tal-pussess




Il-poster li għamilna biex inħajru n-nies jiġu jakkumpanjaw il-banda waqt l-ewwel safra

L-impenji mużikali f'Diċembru bdew fit-8 ta' Diċembru, meta dakinhar daqqejna fl-okkażjoni tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid Dun George Schembri. Is-servizz beda billi lqajna l-Kappillan quddiem l-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija u wara daqqejna marċi brijużi fi Triq Santa Marija, Triq Fisher u Wesgħat il-Ġublew, fejn wassalna lill-Kappillan sal-knisja parrokkjali biex jieħu l-ħatra tiegħu. Wara l-marċ il-membri tal-kumitat attendew għall-quddiesa tal-pussess.

Qabel dan l-impenn mużikali nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place.

Imbagħad il-Banda kellha l-impenn barra minn xtutna. Il-kontinġent Malti ħalla l-gżejjer Maltin fit-13 ta' Diċembru u rritorna lura nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru. Kellna ġita organizzata b'mod mill-aqwa, li lanqas kellna ċans nistrieħu. Żorna ħafna postijiet u l-grupp sabiħ li akkumpanjana ħassu ferm kuntent meta fil-jum tal-Ħadd 16 ta' Diċembru l-banda daqqet fit-toroq keshin ta' Mathi u wara flimkien mal-Banda Principessa Yolanda ta' dan il-lokal tellajna kunċert tal-Milied. Imbgħaad ħadna sehem bil-banda fil-quddiesa li ġiet ikkonċelebrata fl-okażjoni tal-mawra tagħna fil-knisja tant sabiħa ta'



Waqt waħda mill-provi li saru bi preparazzjoni għal-ewwel safra tal-Banda



Parti mill-grupp li akkumpanjaw il-Banda fl-ewwel safra tagħha waqt eskursjoni f'Valle d'Aosta fil-post fejn jimmanifatturaw il-ġobon Fontina




Il-poster uffiċjali li ħareġ, b'tagħrif dwar is-safra tal-Banda f'Mathi

dan il-villaġġ, li jifforma parti mill-belt metropolitana ta' Turin fil-provinċja tal-Piemonte. Din is-safra żgur ma kinitx isseħħ mingħajr il-kontribut li tawna s-Sur Carlo Sopetti u s-Sindku s-Sur Paul Vella.



F'dan ir-ritratt nidher jien fuq il-lemin, flimkien mas-Sur Carlo Sopetti (xellug) u s-Sindku s-Sur Paul Vella fin-nofs

Ftit jiem wara r-ritorn lura Malta l-banda tagħna nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru filgħodu ferrħet lit-tfal tal-iskola primarja tal-Imġarr bid-daqq ta' innijiet tal-Milied fl-iskola stess. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tas-Sur Charlie Pace.

Nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru 2018 għamilna festin tal-Milied għat-tfal fl-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Kien hemm varjetà mill-grupp 4Teenth Productions.

Il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2018 ġie organizzat coffee morning fl-Oratorju.

Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru fl-Oratorju tellajna s-serata 'Il-Milied mal-Banda'. Dakinhar il-Banda tellgħet l-istess programm li ttella' f'Mathi. Is-Segretarju Joseph Caruana qara wkoll id-diskors tal-okkażjoni, li kien hu stess għamel f'Mathi l-Ħadd 16 ta' Diċembru. Waqt din is-serata ntwerew filmati li ġeddew il-memorja ta' din is-safra indimentikabbli. Wara ġiet organizzata ikla fis-Sala Dun Edgar b'risq il-banda.




Poster tal-party tal-Milied għat-tfal

**Jannar 2019**

Nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019 għamilna coffee morning il-maħżen tal-knisja.



Il-banda waqt is-serata Il-Milied mal-Banda 2018



Il-banda u l-udjenza waqt il-programm Il-Milied mal-Banda 2018

**Frar 2019**

Frar bdejnieh b'impenn mużikali. Dan hekk kif il-Ħadd 3 ta' Frar il-banda tellgħet programm mużikali waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Il-banda tmexxiet mis-Surmast Tancred Grech. Ingħata ċans ukoll jidderieġi l-banda l-Assistent Surmast Christopher Tanti, li mexxa l-banda waqt is-silta tiegħu stess *Spring Valley*, xogħol li nkiteb għal din l-attività. Mal-banda ħadu sehem ukoll it-Tenur Georg Zammit u l-kantanta Rachel Lowell.

Nhar is-Sibt 9 ta' Frar ġie organizzat Timpana Night fil-maħżen tal-knisja.




Il-banda waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr 2019




Is-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana qed jingħata rikonoxximent tal-ħidma tiegħu biex twaqqfet il-Banda Mġarrija waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr



Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt il-programm li sar f'Birżebbuġa nhar is-Sibt, 23 ta' Frar 2019

Nhar is-Sibt 23 ta' Frar bandisti mill-banda tagħna ngħaqdu ma' dawk tal-Banda Birżebbuġa bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. Is-Surmast Direttur Tancred Grech kellu wkoll l-okkażjoni jidderieġi l-banda waqt dan il-programm imsejjaħ 'Mill-Bandisti għall-Membri'.




Il-maħżen tal-knisja armat għall-party tal-Karnival tat-tfal

Nhar il-Ħamis 28 ta' Frar ġie organizzat coffee morning ieħor b'risq il-banda fil-maħżen tal-knisja.

**Marzu 2019**

Nhar is-Sibt 2 ta' Marzu għamilna party tal-Karnival għat-tfal fil-maħżen tal-knisja. Għal dan il-festin kien hemm varjetà organizzata mill-grupp 4Teenth Productions ta' Ħal Qormi.

Fl-istess jum filgħaxija għamilna ikla fil-maħżen. Waqt din l-ikla kien hemm varjetà minn Renato Micallef u Odessa Green.

Fil-weekend tat-23 u l-24 ta' Marzu




Il-poster li ħareġ biex jippromwovi l-ikla flimkien ma' Renato







Il-posters tal-jum tas-Sibt u tal-Ħadd tal-Maratonalbanda



Waqt il-Maratonalbanda 2019




Il-poster li nħareġ biex jippromwovi l-Malta Record

għall-ewwel darba għamilna l-attività Maratonalbanda. Kif juri l-istess isem din kienet ġabra ta' attivitajiet b'risq il-Banda. Fil-jum tas-Sibt fil-maħżen tal-knisja għamilna Torti Night. Waqt din l-attività kien hemm divertiment provdut minn Rachel Lowell, Leon, Cassidy Jade & Klara, Odessa Green u Renato Micallef. Fil-jum tal-Ħadd kellna wirja ta' karozzi klassiċi, bejgħ ta' pjanti, kotba, souvenirs, ikel u xorb. Kien hemm ukoll petting farm li attira ħafna tfal li ġew jaraw il-bhejjem u ħadu xi ritratt magħhom. Il-qofol intlaħaq filgħaxija bil-gran final meta bis-sehem tal-banda grupp ta' membri ħadu sehem fiċ-Chicken Nugget Challenge. Dawn mhux talli kisbu l-ewwel rekord nazzjonali b'din l-idea imma talli għamlu propaganda enormi madwar il-gżejjer Maltin u Għawdxin. Il-filmat rawh għexieren ta' eluf ta' nies.



Voluntiera waqt il-Maratonalbanda 2019



Wara l-preżentazzjoni tal-midalja u ċ-ċertifikat tac-Chicken Nuggets National Record



Żgħażagħ jaħslu l-karozzi waqt l-attività Maratonalbanda

**April 2019**

Fix-xahar ta' April, propju nhar it-Tnejn 15 ta' April, il-Banda kella impenn annwali. Dakinhar tellajna serata ta' marċi funebri u drama fil-knisja parrokkjali. Dan il-programm sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Tancred Grech. Ir-rappreżentazzjonijiet tad-drama kienu fdati f'idejn il-grupp 4Teenth Productions u dawn inħadmu fuq l-iskript *Jien Kont*, li ktibt jien stess, u adattah għall-palk is-Sur Gianluca Spiteri. Dan il-programm ingħata l-isem ta' *Jien Kont* bħall-istess script tad-drama b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ttellgħet.

Nhar il-Ħamis 25 ta' April għamilna coffee morning fil-maħżen tal-knisja.



Waqt coffee morning organizzat fil-maħżen tal-knisja

**Mejju 2019**

Is-Sibt 4 ta' Mejju fil-maħżen tal-knisja



Mro Tancred Grech waqt il-programm ta' marċi funebri Jien Kont



Line Dancing waqt l-American Night li sar fil-maħżen tal-knisja fl-4 ta' Mejju 2019




Il-poster tal-American Country Night



Il-poster ta' Flimkien għall-Banda 2019



Il-poster tat-Timpana Night li sar wara l-programm mużikali Flimkien għall-Banda 2019

organizzajna attività bis-sehem tal-Footsteps Line Dance Group. L-attività ngħatat l-isem ta' American Country Night. Minbarra li kilna ħadna gost flimkien f'atmosfera ta' familja.

Nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju ġie organizzat coffee morning fil-maħżen tal-knisja.

**Ġunju 2019**

Nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju ittellgħet is-serata Flimkien għall-Banda. Din is-sena saret fis-Sala Dun Edgar, li tagħmel parti mill-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Waqt din is-serata ħadu sehem flimkien mal-banda Mġarrija bandisti mill-Banda Birżebbuġa biex b'hekk temmew il-proġett konġunt flimkien mogħti mill-Aġenzija Żgħażagħ imsejjaħ 'Nitgħallmu Nikkunċertaw Flimkien'. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Christopher Tanti u s-Sur Charlie Pace. Mexxa wkoll il-banda s-Surmast Direttur tal-Banda Birżebbuġa Michael Bugelli.


Mro Christopher Tanti jmexxi l-banda waqt wieħed mir-rehearsals li saru bi preparazzjoni għal Flimkien għall-Banda 2019


Is-Sur Charlie Pace jmexxi l-banda waqt il-preparamenti għal Flimkien għall-Banda 2019

Mument importanti waqt din is-serata kien it-tnedija tal-website uffiċjali tal-għaqda tagħna, proġett taħt l-iSkema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar. B'dan il-proġett sirna l-ewwel banda fil-gżejjer Maltin li qed noffru t-tagħlim tat-teorija tal-mużika online.

Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju ġie organizzat coffee morning għand iċ-Ċavett Place.

**Lulju 2019**

Fil-bidu tax-xahar ta' Lulju tqassmu u nġabru l-envelopes bid-donazzjonijiet għall-ispejjeż tal-banda fil-festa. Għal darb'oħra grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

Dan ix-xahar hu wieħed impenjattiv ħafna u bir-raġun, għax viċin ħafna tal-festa. F'dawk li huma attivitajiet soċjali ġew organizzati żewġ ikliet. L-ewwel waħda kienet dik li saret nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju fejn is-Salib tal-Knisja. Din l-ikla saret bil-kollaborazzjoni tal-American Auto Club. Waqt l-istess ikla kien hemm wirja tal-karozzi Amerikani fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-Ħamis 18 ta' Lulju ġie organizzat coffee morning fiċ-Ċavett Place.

Nhar is-Sibt 20 ta' Lulju saret ikla fil-bitħa tal-każin. Għal din l-ikla ħadu sehem il-grupp tal-Line Dance mmexxija mis-Sur Joe Mifsud.

Lulju jġib miegħu wkoll diversi impenji mużikali. Il-Ħadd 21 ta' Lulju l-Banda bdiet l-impenji tagħha barra mill-Imġarr. Dakinhar akkumpanjat il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Nhar is-Sibt 27 ta' Lulju l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr kienet mistiedna mill-Għaqda Festi Esterni ta' Ħal Lija biex tagħmel marċ brijuż f'dan il-lokal fl-okkażjoni tal-ħruġ min-niċċa tal-vara ta' Ġesù Salvatur. L-għada l-Ħadd 28 ta' Lulju kien imiss li l-banda ddoqq fil-festa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn billi ddoqq fil-ħruġ u d-dħul tal-vara u takkumpanja l-purċissjoni.



Il-poster li sar għall-attività li ġiet organizzata nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019


Karozzi Amerikani waqt il-wirja li saret fuq iz-zuntier tal-knisja fl-4 ta' Lulju 2019


Uħud minn dawk li attendew għall-ikla organizzata nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019



Diversi voluntiera jaħdmu fil-proġett tal-każin



Waqt il-ħidma b'risq il-proġett tal-każin tal-banda

**Għeluq**

Hawn fuq semmejt dak kollu li sar fis-Soċjetà tagħna xahar b'xahar. Minbarra dan kollu, ta' kull ġimgħa saru l-lezzjonijiet tal-mużika. Tul is-sena saru wkoll diversi rehearsals biex il-banda tkun ippreparata sew għas-servizzi mużikali tagħna.

Ix-xogħol fil-każin kompla, għalkemm din is-sena b'pass iktar kajman mis-sena li għaddiet minħabba diversi raġunijiet u ostakli li ffaċċjajna. Nittamaw li wara l-festa nagħtu spinta biex jekk Alla jrid sal-festa tas-sena d-dieħla jkollna parti mill-binja tal-każin tintuża.

Issa waslet il-festa u l-banda tagħna għandha diversi impenji, kif tistgħu taraw iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb. F'nofs iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tagħna l-banda se tkun impenjata biex iddoqq waqt servizz ġdid – dak tal-aħħar jum tat-tridu fil-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba nhar it-13 t'Awwissu.

Dan kollu li wettaqna sar għax intom dejjem kontu hemm għalina. Dejjem tajtuna l-appoġġ u s-sostenn meħtieġ. Mingħajrkom żgur ma kien isir xejn. Il-ġid kollu li sar żgur qatt ma kien iseħħ. Inħossuna ferm obbligati li intom dejjem lesti tgħinuna u tagħtuna s-sapport kollu tagħkom. Jalla l-patruna tagħna Santa Marija tpattilkom ta' dak kollu li tagħmlu mal-Banda tagħha!



L-istatwa artistika ta' Santa Marija tal-Imġarr qabel tidħol lura fil-knisja wara l-purċissjoni nhar il-festa

# L-ewwel safra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr għamlet l-ewwel safra tagħha bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru 2018. Din kienet fil-villaġġ ta' Mathi, li jagħmel parti mill-belt metropolitana ta' Turin fir-reġjun tal-Piemonte. F'dan il-post il-banda kellha l-ewwel servizz mużikali tagħha barra xtutna.

Dan kollu kien possibbli grazzi għall-ġemellaġġ li hemm bejn il-Kunsill Lokali tal-Imġarr u l-Komun ta' Mathi. L-istedina saret mill-Komun ta' Mathi, fl-okkażjoni tal-10 sena minn meta ġie ssiġillat dan il-ġemellaġġ u fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-sede l-ġdida tal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi.

Il-banda Mġarrija kienet akkumpanjata minn grupp sabiħ ta' Maltin, l-iktar Imġarrin, li flimkien ma' din is-soċjetà żagħżugħa għexu dawn il-mumenti sbieħ u komplew jiktbu l-istorja ta' din l-għaqda mimlija entużjażmu u enerġija.

Il-qofol ta' din iż-żjara ntlaħaq il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018, meta ż-żewġ baned daqqew flimkien l-innu nazzjonali Malti u dak Taljan waqt iċ-ċerimonja tat-tlugħ tal-bnadar nazzjonali. Wara l-baned daqqew marċi brijużi fit-toroq ta' Mathi. Meta l-baned waslu quddiem is-sede l-ġdida tal-Banda Principessa Yolanda saret l-inawgurazzjoni tal-post.



Il-poster uffiċjali li ħarġu l-Komun ta' Mathi dwar il-mawra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

Wara li l-baned ferħu lil dawk preżenti fit-toroq bid-daqq ta' marċi brijużi, u f'kesħa xxoqq il-għadam, kien imiss li ż-żewġ baned itellgħu kunċert tal-Milied.

Fetħet dan il-kunċert il-banda Mġarrija, li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Tancred Grech. Waqt dan il-kunċert il-banda Mġarrija daqqet għall-ewwel darba s-silta miktuba għal din l-okkażjoni, *La Filarmonica di Mġarr a Mathi*, xogħol il-mużiċist, kompożitur u għalliem żagħżugħ fi ħdan din l-għaqda Christopher Tanti, li hu stess mexxa l-banda waqt din is-silta mużikali. Ta' min isemmi li dan kien mument ferm importanti għalih, għax kienet l-ewwel darba li hu dderieġa banda.

Iż-żewġ baned daqqew siltiet mużikali mexxejja u wħud minnhom b'rabta ma' żmien

il-Milied. Fl-aħħar iż-żewġ baned daqqew żewġ siltiet mużikali flimkien. Waqt dan il-programm saru wkoll xi preżentazzjonijiet biex tibqa' titfakkar din l-okkażjoni speċjali. Id-diskors ta' din l-okkażjoni speċjali sar mis-Segretarju Ġenerali tas-soċjetà s-Sur Joseph Caruana. Saru diskorsi oħra mis-Sindku tal-Imġarr, ta' Mathi u mill-President tal-Banda Principessa Yolanda. Is-Sinjorina Claudine Muscat kienet waħda mill-compere li ppreżenta s-serata.

Wara l-programm iż-żewġ baned ħadu sehem bid-daqq ta' innijiet waqt quddiesa tal-okkażjoni li ġiet iċċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' Mathi.

Kienet esperjenza kbira u sabiħa għal din is-soċjetà li fetħet bibien ġodda u awgurju għal futur sabiħ mimli opportunitajiet.

Sabiex jibqa' tifkira, hawn taħt qed inġibu d-diskors tal-okkażjoni li sar mis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana.

Diskors tal-okkażjoni – Kunċert Mużikali mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr f'Mathi – Il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018

Rispettabbli Sindku s-Sur Maurizio Faricello u s-Sindku s-Sur Paul Vella, ħuti Maltin u ħbieb tiegħi Taljani, f'isem il-President u sħabi tal-kumitat eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr nagħtikom merħba. Għall-ewwel darba qed nagħmel dan il-messaġġ tal-okkażjoni, f'okkażjoni speċjali iktar mis-soltu. Illum il-banda tagħna l-Imġarrin kompliet tikteb l-istorja glorjuża tagħha. Għal darb'oħra kompliet miexja 'l quddiem b'passi ta' ġgant. Dan għaliex għad li ilna biss 7 snin imwaqqfin, ġejna mistiedna mill-Komun ta' Mathi biex inkunu ambaxxaturi ta' raħalna kif ukoll tal-gżejjer tagħna. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija, Joseph Caruana, li wara xhur sħaħ ta' ħidma u preparamenti, illum qegħdin hawn.

Illum il-banda żagħżugħa tagħna kitbet l-istorja u mmarkat l-ewwel safra tagħha. Esperjenza li żgur se tibqa' fil-memorji tagħna lkoll. Dan kollu grazzi għall-Komun ta' Mathi, li fl-okkażjoni tal-10 sena mis-siġill tal-ġemellaġġ mal-kunsill lokali tagħna għoġbu jistedinna. Hu importanti ħafna għalina dan il-jum, u żgur se nibqgħu niftakruh u nfakkruh. Illum għamilna dak li baned li ilhom snin twal imwaqqfin għadhom ma għamlux.

Dan kollu żgur ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx hemm l-imbuttatura ta' ħafna individwi. Fuq quddiem nett insemmi lis-Sindku tagħna Paul Vella, li emmen bis-sħiħ f'din iż-żjara u tana l-appoġġ kollu meħtieġ, u lil sħabna t-Taljani, b'mod speċjali lis-Sur Carlo Sopetti, li ħa paċenzja kbira bina biex għamilna din iż-żjara. Nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech u lill-mużiċisti kollha, li taħt it-tmexxija tiegħu preparaw sew għal dan l-avveniment. Nixtieq nirringrazzja lilkom li akkumpanjajtuna f'din iż-żjara, u lilkom, ħbieb ta' Mathi, li segwejtuna u għażiltu li l-banda tagħna tkun preżenti fil-jum tal-inawgurazzjoni tas-sede tagħkom. Aħna nifhmu kemm hu jum importanti għalikom illum li qed tinawguraw id-dar tal-banda tagħkom. Aħna wkoll għaddejjin bil-proġett tal-każin, u jekk hu possibbli għalikom ikun ta' sodisfazzjon kbir għalina li meta ninawguraw il-każin tagħna intom tonorawna bil-preżenza tagħkom.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, speċjalment lil dawk li ġew hawn mal-banda; minn qalbi nirringrazzjahom tal-appoġġ li jagħtuni. Għadkom ma tafux kemm inħossni grat lejkom. Grazzi wkoll lill-familja tiegħi u lill-familjari ta' sħabi tal-kumitat tas-sagrifiċċju li jagħmlu.

Minn qalbi nixtieq nawguralkom Milied hieni u xewqat sbieħ għas-sena l-ġdida.

Dan id-diskors kien sar bit-Taljan.

# Jien Kont

Joseph Caruana

Għat-tielet sena konsekuttiva, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, tellajna serata ta' marċi funebri u drama fi żmien il-ġimgħa mqaddsa. Din is-sena s-serata ġiet imsejħa 'Jien Kont'.

Kien propju t-Tnejn 15 ta' April, fil-knisja parrokjali tal-Imġarr, li l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tellgħet din is-serata. Għal darb'oħra x-xogħol tad-drama kien fdat f'idejn il-4Teenth Productions.




Il-poster tas-serata ta' marċi funebri u drama Jien Kont

Il-banda daqqet diversi marċi funebri. Nistgħu ngħidu li kellna taħlita sew ta' marċi, bejn dawk ġodda u oħrajn antiki, xogħol kompożituri Maltin u barranin u anke stili differenti, li għoġbu lill-udjenza sabiħa li attendiet. Il-banda taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Tancred Grech daqqet dawn il-marċi funebri: *L'Ultimo Respiro* ta' Christopher Tanti, *Urna Sacra* ta' Roberto Guastella, *Alla Memoria di Francesco Spiteri* ta' Mark Spiteri Lucas, *Eterna Pace* ta' Umberto Nicoletti, *F'Jum Mewt Sieħbi l-Mundu* ta' Alexander Caruana, *La Desolata* ta' Raffaele Caravaglios, *Id-Dawl ta' Dejjem* ta' Wayne Bartolo, *La Sollevazione di Cristo* ta' Antonino Oddo, *Requiescat in Pace* ta' Carmel Borg u għalqet b'xogħol is-Surmast Direttur stess *In Memory of My Grandparents Joseph & Gawdenza Saliba*.

Din is-sena, biex is-serata tibqa' iktar fil-ġabra, il-compère deher biss fil-bidu u fl-aħħar tal-programm. Il-preżentazzjoni tas-siltiet saret viżwalment fuq l-iskrin, xi ħaġa li ntlaqgħet

tajjeb. Il-compère kienet is-Sinjorina Claudine Muscat. Ix-xogħol tal-viżwal inħadem mis-Sur Christopher Tanti.

Anke d-diskorsi kienu miżmuma qosra. Il-Kappillan Dun George Schembri għamel introduzzjoni qasira u talba fil-bidu tal-programm, filwaqt li s-Sindku s-Sur Paul Vella għamel kelmtejn ta' ringrazzjament lejn it-tmiem.



Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt il-programm ta' marċi funebri Jien Kont

Il-programm kien varjat, billi bejn il-marċi funebri kien hemm rappreżentazzjoni qasira drammatika. Din kienet fuq l-iskript *Jien Kont*, miktub apposta minni Joseph Caruana u addattat għad-drama minn Gian Luca Spiteri. Il-karattri li niltaqgħu magħhom fil-passjoni ta' Kristu pinġew dak li kien ġara, filwaqt li mbagħad il-karattru tal-kuxjenza qabbel dak li kien ġara ma' dak li għadu jiġri llum. Fl-aħħar imbagħad Kristu ta messaġġ ta' tama u kuraġġ.

Il-knisja kienet imżejna sabiħ ferm għal din is-serata. Il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira armati fin-navi u l-artal maġġur imżejjen b'weraq taż-żebbuġ u fjuri komplew daħħluna fl-ispirtu. Id-dawl tal-knisja wkoll inżamm baxx, biex kif għedna iktar 'il quddiem is-serata tkun waħda ta' ġabra.

Għal din l-okkażjoni s-Sur Michael Apap Bologna ħadem programm ta' tifkira li tqassam lil dawk preżenti.



Dehra tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr armata waqt il-programm Jien Kont. Fiċ-ċentru tidher il-banda waqt id-daqq ta' wieħed mill-marċi funebri

# Servizzi mużikali

## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 3 ta' Frar,2019 | Programm 'Ġieħ l-Imġarr' | L-Imġarr |
| 15 ta' April 2019 | Programm ta' marċi funebri 'Jien Kont' | L-Imġarr |
| 14 ta' Ġunju,2019 | Flimkien għall-banda | L-Imġarr |
| 21 ta' Lulju 2019 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju 2019 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 28 ta' Lulju 2019 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 7 ta' Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 9 ta' Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija – Festa tat-tfal | L-Imġarr |
| 10 t'Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija – Jum is-soċjetà mużikali Quddiesa u Programm ta' mużika sagra | L-Imġarr |
| 11 t'Awwissu 2019 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 t'Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija | L-Imqabba |
| 16 t'Awwissu 2019 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 t'Awwissu 2019 | Marċ u programm vokali u strumentali Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 t'Awwissu 2019 | Purċissjoni u programm mużikali Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 7 ta' Diċembru 2019 | Il-Milied mal-banda | L-Imġarr |

# Innijiet u marċi proċessjonali

## li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2019

| | |
|---|---|
| **Innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| **Innu popolari Infaħħruk Dejjem** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| **Innu popolari L-Imġarr Iben Marija** | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| **Innu marċ Sultana tal-Imġarr** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| **Innu marċ F'Jum il-Festa** | Mużika: Mary Cauchi<br>Arr. Victor Zammit<br>Lirika: Joe Sammut |
| **Auxilium Christianorum** | Neville Pace |
| **Marcia Processionale No 1** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 2** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 3** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 4** | Ray Sciberras |
| **Marċ proċessjonali** | Andrew Calleja |
| **Warda tal-Imġarr** | Daniel Vella |
| **L-Assunta** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **F'Dik Ħarstek Ħanina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fis-Santwarju tal-Madonna** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Innu ta' Fatima** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ismagħha l-Għanja** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Lil Marija Reġina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Madonna Sbejħa Tagħna** | Arr. Ray Sciberras |
| **O, Kemm Nixtieq Naraha!** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Angelus** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ave Maria** | Arr. Ronnie Debattista |

# *Programm ta' Mużika Sagra*

***mtella' mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr***
***fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr nhar is-Sibt,***
***10 ta' Awwissu 2019 fit-8.00 p.m.***

| | | |
|---|---|---|
| Innu popolari | *L-Imġarr Iben Marija*<br>Kor Regina Coeli | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Versi: Ġanni A. Cilia |
| Innu popolari | *Infaħħruk Dejjem*<br>Kantanta: Rachel Lowell | Mużika: Tancred Grech<br>Versi: Joseph Caruana |
| Talba | *Ave Maria* | S. Rachmaninoff |
| Talba | *There will be God*<br>Solista fuq l-ewfonju: Mark Vella | Arr. Tancred Grech |
| Silta | *Arioso – Cantata No. 156* | Johan Sebastien Bach |
| Talba | *Who I was Born to be*<br>Kantanta: Pauline Vella | Arr. Chris Sciberras |
| Silta | *Benediction* | J. Stevens |
| Innu reliġjuż | *La Vergine Degli Angeli*<br>Kor Regina Coeli | Giuseppe Verdi |
| L-Innu l-Kbir | *Lil Santa Marija – **Mġarr***<br>Kor Regina Coeli | Mużika: Joseph Abela Scolaro<br>Versi: Dun Orazio Vella |
| Innu marċ | *Sultana tal-Imġarr*<br>Kantanta: Rachel Lowell | Mużika: Tancred Grech<br>Versi: Joe Julian Farrugia |

Surmast Direttur: Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Il-kor tal-parroċċa Regina Coeli se jkun taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus., LCM, ALCM.
Kulħadd huwa mitlub ikun f'postu fit-7.45 p.m.

Compere: Is-Sinjorina Claudine Muscat






# Programm Vokali u Strumentali

**mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**
**taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech**
**fuq il-planċier f'Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr**
**nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu 2019**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | *L-Imġarr Iben Marija* | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu Popolari | *Infaħħruk Dejjem*<br>(Kantanta: Rachel Lowell) | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Soundtrack | *Around the World in 80 Days* | Victor Young<br>Arr. John Glenesk |
| Silta | *San Diego* | Juan A. Perez |
| Song | *Il Mondo*<br>(Tenur: Georg Zammit) | Arr.Andrew Calleja |
| Marċ | *Procession of the Nobles*<br>Jidderieġi l-Asst Surmast<br>Mro Mauro Spiteri | Rimsky Korsakov |
| Song | *Bohemian Rhapsody* | Queen<br>Arr. Darrol Barry |
| Musical | *Good Morning, Baltimore*<br>(Kantanta: Rachel Lowell) | Arr. Andrew Calleja |
| Silta | *Introducing the Band* | Kees Vlak |
| Selection | *The Greatest Showman* | Paul Murtha |
| Innu Marċ | *Sultana tal-Imġarr*<br>(Kantanta: Rachel Lowell) | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu tal-Banda | *Marija Mtellgħa s-Sema* | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |

Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat.
Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm.
Kulħadd hu mitlub ikun f'postu fid-8.45 p.m.










Mateja's
MAKE UP & BEAUTY SALON
CIBTAC Hons., CIDESCO
address: 111, St. Paul's Street, Mġarr.
tel: 21574748 / mob: 99262576
email: info@mateja.com.mt / web: www.mateja.om.mt


P.L & R Excavations (Tal-Palmier)
General Excavation & Demolition works
Supplies of beams & old building stones
Mobile: 79472898, 99498688, 99473250

# Marċi brijużi li se jindaqqu
## mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2019

| | |
|---|---|
| **Matthias** | Tancred Grech |
| **Kumitat 2011-2012** | Mario Testa |
| **Echo of the Emeralds** | Luigi Bongailas |
| **Pablito** | Archibald Mizzi |
| **Il-Famuża Koppla** | Willie Attard |
| **Tal-Qalba** | Joseph Busuttil |
| **Munchengladbach** | David Caruana |
| **Leona** | David Caruana |
| **Nigel** | Mario Testa |
| **Sorrento** | Orazio Cachia |
| **The King** | Archibald Mizzi |
| **Nicole** | Neville Pace |
| **Allegro con Fuoco** | Victor Vella |
| **Santiego de Cuba** | Joseph Abela Scolaro |
| **Il-Ħbieb** | Hector Dalli |
| **Come on the Stripes** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Chinese Rose** | Joseph Azzopardi |
| **Appassionata** | Joseph Abela Scolaro |
| **Blue Banner** | Luigi Bongailas |
| **Nathan il-King** | Tancred Grech |
| **Kummissjoni Banda** | Ray Sciberras |
| **Il-Bożen** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **It-Two** | Michael Bugelli |
| **Agrigento** | Andrew Coleiro |
| **Cardenia** | Hector Dalli |
| **Coronation** | Joseph Azzopardi |
| **L.I.F.E.** | Julius Tanti |
| **Santos** | David Agius |
| **Bernardette** | Ronnie Pisani |
| **St Petersburgh** | David Caruana |
| **Victory** | Vincenzo Ciappara |
| **Fiesta** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Queen of Queens** | Andrew Coleiro |
| **Golden Jubilee** | Emanuel Bugeja |
| **Charlotte** | Alex Caruana Arr. Simon Farrugia |
| **Martina** | Mauro Spiteri |
| **Katya** | Tancred Grech |
| **Millennium** | Andrew Coleiro |
| **Antoine ċ-Ċavett** | Elton Lee Abela |
| **Lorenza** | Hector Dalli |
| **Blue Forever** | Christopher Tanti |
| **Giovanni Gatt il-President** | John Zammit |

*Surmast Direttur*

Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE



Future Properties Malta

**Are you looking to BUY, RENT or SELL your property?**

***WE ARE YOUR IDEAL SOLUTION***

Call us to find out
what your property is worth.

**Mariella Muscat**

**+356 7763 6868**
**info@futurepropertiesmalta.com**
**www.futurepropertiesmalta.com**



**TIZIANA BORG BUSUTTIL**
*BA (Hons) Italian, PGCE*

Kunsilliera ġdida fil-lokalità tal-Imġarr

Tixtieq tirringrazzja lir-residenti tal-fiduċja tagħhom, filwaqt li tawgura lill-Imġarrin kollha il-festa t-tajba.

*Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!*

Mob: 99346631
Paġna Facebook: @tiziana.borg.busuttil
Imejl: tiziana.borg.busuttil@gmail.com



BALLUT BLOCKS

**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.


Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles


Tunnelling


Precast Slab Roofing


Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC Concrete Solutions

**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com

# Profil Andrea Cassar



Andrea Cassar beda l-edukazzjoni mużikali tiegħu ġewwa l-Għaqda Mużikali San Pio X ta' Ħal Lija fil-flawt, u aktar tard l-ottavin, fl-età ta' ħames snin. Andrea llum il-ġurnata temm il-kors ta' għalliem tal-Primarja – B.Ed. (Primary) Hons – u huwa għalliem tar-raba' sena ġewwa l-iskola primarja ta' Santa Venera, fil-Kulleġġ Santa Tereża.

Fl-2017 Andrea Cassar inħatar surmast direttur tal-Kor u Orkestra Tabor ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Lija, fejn beda jikkomponi diversi quddisiet u antifoni għad-diversi ħtiġijiet liturġiċi. Huwa wkoll assistent surmast mal-Banda San Pio X ta' Ħal Lija, assistent direttur mużikali mal-Banda La Vittoria tal-Mellieħa, għalliem tat-teorija ġewwa l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, għalliem tal-flawt u t-teorija fl-Għaqda Mużikali Vittoria tan-Naxxar, għalliem tat-teorija ġewwa l-Għaqda Mużikali San Leonardu ta' Ħal Kirkop, imexxi sessjonijiet ta' mużika primarja għat-tfal 'KATUBINI' ġewwa l-Każin tal-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq, għalliem tat-teorija u l-flawt fl-iskola The Lodge f'Ħal Qormi, u resident conductor tal-Malta Wind Orchestra. Andrea jmexxi wkoll is-sessjonijiet Music Buzz ġewwa din is-soċjetà mużikali.

F'dawn l-aħħar sentejn Andrea ħadem fuq diversi proġetti għall-V18 mat-Tikka Banda, biex jippromwovi l-baned Maltin u l-letteratura Maltija bi skript oriġinali u divertenti. Il-proġett kien jismu ĠAĦAN18.

Riċentement Andrea daħal ukoll fix-xena tal-mużika Maltija permezz tal-għanja Kull Deni Ħudu b'Ġid, għax huwa l-awtur u l-kompożitur tagħha. Din l-għanja kienet waħda mill-finalisti fil-festival tal-Għanja tal-Poplu taż-Żgħażagħ fl-2019.

# Profil Charlie Pace



Charlie Pace, iben Francis u Georgina, twieled is-Siġġiewi fit-3 ta' Ottubru 1964.

Il-kbir fost erba' aħwa, Charlie hu miżżewweġ lil Frances née Farrugia u għandu tifla.

Charlie beda jdoqq il-klarinett mal-Banda San Nikola meta kellu 10 snin. Hu tħarreġ taħt is-Surmast Karmenu Vella, surmast magħruf ferm f'Malta, l-iktar għat-tagħlim, għax minn taħtu ħarġu bosta mużiċisti u surmastrijiet.

Charlie ilu jgħallem lill-allievi fi ħdan il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi sa mill-1986. Fis-sena 1992 hu ngħaqad mal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq bħala għalliem tal-istrumenti tal-qasba, u għadu jgħallem sal-lum. Fl-2017 hu beda wkoll jgħallem fi ħdan il-Banda Lourdes tal-Qrendi. Fis-sena 2018 hu beda wkoll jgħallem lill-allievi mas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Tul il-karriera tiegħu hu għamel 12-il sena jgħallem mal-Banda Żejtun (2006-2018).

Bħala mużiċista Charlie jdoqq ma' ħafna baned. Waħda mill-isbaħ esperjenzi li daqq fihom kienet f'Como, l-Italja fis-sena 2007, mal-banda nazzjonali taż-żgħażagħ tal-Ewropa.

Bla ebda dubju meta ssemmi lil Charlie Pace mill-ewwel iġġib quddiem għajnejk il-klarinett. Dan l-istrument hu ferm għal qalbu.





B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
STOP
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,




Ballut Farm Ltd
Traditional Barn Reared
Local Product ... Quality Guaranteed
FARM CHICK
Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!
We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large
Available at Supermarkets & Retail Shops.
We also supply Catering Establishments
(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta


J & L Supermarket
Variety of Fruit, Vegetables,
Groceries and Delicatessen
Main Street, l-Imġarr, Malta
Tel: 21579397


Simon iċ-Ċanti
TAC- CANTI
BAR & RESTAURANT
TRADITIONAL MALTESE CUISINE
TRIQ IL-KBIRA,, MGARR
MOB- 79704490 TEL- 21579496
79311291


tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721
Tomabnina
WINE
Room
NO. 2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MĠARR, MALTA

**Janie Vassallo – Sax Alto**

Janie twieldet fit-13 ta' Settembru 1983 u trabbiet Ħaż-Żebbuġ. Miżżewġa lil Johnny u għandhom żewġ subien, Andrei Felipe u Karol Ioannes. Hi tinteressa ħafna ruħha fl-istorja, l-aktar fejn jidħlu t-tradizzjonijiet Maltin u d-djaletti tal-irħula. Din in-namra wasslitha biex fl-2015 terġa' tibda tistudja, u fil-fatt attendiet kors ta' sentejn fl-Institute of Tourism Studies, u fl-2017 iggradwat bħala gwida bit-teżi dwar kif bdew u evolvew iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi f'Malta.



Janie Vassallo

Fi ċkunitha kienet bdiet titgħallem il-mużika mal-Banda San Filep imma avolja ma komplietx, l-interess u x-xewqa li titgħallem strument u ddoqq ma' banda baqa' hemm. F'Settembru 2018 bdiet tattendi għal-lezzjonijiet tal-mużika għand Mro Henry Fenech fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Wara ftit ġimgħat bdiet tipprattika bl-istrument. L-istrument tagħha hu s-saxophone alto. Meta Mro Charlie Pace nħatar għalliem tal-istrumenti tal-qasba, hi kompliet l-istudji tagħha għandu. Bl-għajnuna tiegħu u bl-impenn tagħha din is-sena ser tingħaqad mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr bħala bandista.



Bandista ġdida. Mix-xellug: Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Janie Vassallo, Charlie Pace (għalliem tal-istrumenti tal-qasba)



GREEN ENERGY
saver
(PROP MARK VELLA)
INSPIRED FOR ENERGY SAVINGS
$
BILLS
HATE YOUR ELECTRICAL BILLS?
WE CAN HELP WITH:
• LESS ENERGY & POWER
• LESS ELECTRICAL BILLS
• 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT
SUITABLE FOR:
• RESIDENTIAL
• COMMERCIAL
• & INDUSTRIAL PREMISES
INFO @ 9942 9644
Money Back Guaranteed


MARKET LEADERS
• Importers, Growers, Wholesalers & Retailers
• Seasonal & Non-Seasonal Fruits & Vegetables
• Fresh & Dry Herbs and Fruits • Pre-packed Salads
• Delivery to all parts of the Maltese islands
• Fleet of Refrigerated Trucks & Vans
FNG
SUPPLIES CO. LTD
We also supply to:
Hotels
Grocers
Supermarkets
Ship Chandlers
Restaurants
Catering Establishments
We also import exotic fruits & vegetables from all over the world
FREE SAME DAY DELIVERY
mobile: 99 455 911 • 99 892 959
99 422 593
Il-Warda, Triq Ras il-Wied, Wardija, San Pawl Il-Bahar SPB 6642 | F: 21 584 077
E: orders@fngmalta.com | www.fngsuppliesltd.com

# Flimkien għall-Banda 2019

Joseph Caruana

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2019 is-soċjetà tagħna tellgħet is-serata annwali 'Flimkien għall-Banda'. Din is-serata, li ttellgħet għas-sitt darba, saret ftit differenti mis-soltu. Dan għaliex filwaqt li s-soltu konna nammiraw it-talenti tal-allievi u l-bandisti tagħna individwalment, din is-sena rajna l-kapaċitajiet tagħhom flimkien mal-banda.

Dan kien possibbli wara li l-banda tagħna ħadet sehem fi proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ flimkien mal-Banda Birżebbuġa. Il-proġett kien jismu 'Nitgħallmu Nikkunċertaw Flimkien'. Kif tistgħu tifhmu, mal-bandisti tagħna ngħaqdu wkoll bandisti tal-Banda Birżebbuġa biex flimkien tellajna programm sabiħ. Permezz tal-programm ta' nhar il-Ġimgħa ngħalaq dan il-proġett li għadni kemm semmejtilkom. Il-proġett kien beda fi Frar ta' din is-sena meta bandisti tagħna ngħaqdu ma' dawk ta' Birżebbuġa biex nhar is-Sibt, 23 ta' Frar 2019 tellgħu programm f'Birżebbuġa.





Flimkien għall-Banda 2019 sar fis-Sala Dun Edgar, is-sala prinċipali tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Kien hemm attendenza sabiħa u kulħadd seta' jinnota t-talenti tal-bandisti u l-għalliema tagħna. Waqt dan il-programm mexxew il-banda l-Assistent Surmast Christopher Tanti u l-għalliem tal-allievi s-Sur Charlie Pace. Is-Surmast tal-Banda Birżebbuġa Michael Bugelli wkoll idderieġa l-banda waqt waħda mis-siltiet mużikali.

It-tfal li jattendu s-sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika Music Buzz ukoll ipparteċipaw waqt din is-serata u l-udjenza kompliet magħhom waqt iż-żewġ numri li tawna. Kulħadd iggustahom u faħħar l-inizjattiva, li għalkemm għadhom daqstant ċkejknin diġà bdew juru l-apprezzament lejn l-arti mużikali.

Għall-ewwel darba kemm ilha mwaqqfa l-għaqda tagħna, 3 bandisti frott is-soċjetà daqqew solo. Dawn kienu Jade Marie Falzon, li daqqet solo bis-sax alto waqt is-silta

*Windsong*, u Miriana Muscat bil-klarinett u Elisa Cilia bil-flawt, li daqqew solo waqt *L'Arlésienne*.

Siltiet oħra magħżula kienu *Tennessee from Pearl Harbour*, *Circle of Life from Lion King* u *Beauty and the Beast 3*, arranġamenti mużikali li saru apposta għal dan il-programm minn Christopher Tanti, *I will Survive*, *Baby Shark* u l-innu popolari *Infaħħruk Dejjem* u dak tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema.

Waqt importanti waqt din is-serata kien il-mument li tnediet il-website uffiċjali tas-soċjetà. Din il-website ġiet iffinanzjata mill-Iskema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar. Permezz ta' dan is-sit il-Banda tagħna saret l-ewwel banda fil-gżejjer Maltin li toffri it-tagħlim tat-teorija tal-mużika online. Il-website fiha wkoll ġabra ta' informazzjoni dwar l-Imġarr, il-banda u l-għalliema tal-iskola tal-mużika. Fiha wieħed jista' wkoll isib kopja tal-pubblikazzjonijiet annwali kollha tas-soċjetà, kif ukoll jista' jissieħeb bħala membru jew iġedded il-menswalità, jagħti donazzjoni lis-soċjetà u jixtri xi souvenir. Insomma, ħolma li fl-aħħar ukoll saret realtà.

Waqt is-serata ngħataw ukoll messaġġi tal-okkażjoni. Beda l-President tas-soċjetà tagħna, is-Sur Giovanni Gatt, li qal li l-isem 'Flimkien għall-Banda' hu ferm adattat, għax sabiħ li flimkien naħdmu għall-ġid tal-mużiċisti tagħna. Hu ħeġġeġ biex iktar



Is-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana waqt it-tnedija tal-website tas-Soċjetà



Il-bandista tal-post Jade Marie Falzon iddoqq għall-ewwel darba fil-karriera tagħha solo bis-sax alto mal-banda



Miriana Muscat iddoqq solo bil-klarinett mal-banda waqt is-serata Flimkien għall-Banda 2019



Elisa Cilia ddoqq solo bil-flawt għall-ewwel darba fil-karriera tagħha

tfal, żgħażagħ u kbar jiġu jitgħallmu l-banda. Temm billi rringrazzja lill-Banda Birżebbuġa, li għal darb'oħra ħdimna proġett flimkien.

Is-Sur Alexander Caruana, President tal-Banda Birżebbuġa, fid-diskors tiegħu spjega l-proġett fiex kien jikkonsisti. Hu wkoll irringrazzja lis-soċjetà tagħna, li flimkien erġajna wettaqna proġett b'suċċess. Irringrazzja wkoll lill-mużiċisti kollha tal-impenn tagħħom.



Fir-ritratt jidhru l-compère tas-serata Flimkien għall-Banda 2019, is-Sinjura Janie Vassallo, flimkien mal-President tal-Banda Mġarrija s-Sur Giovanni Gatt u dak tal-Banda Birżebbuġa Alexander Caruana

Wara l-President Giovanni Gatt ta tifkira lill-President tal-Banda Birżebbuġa biex jibqa' jitfakkar dan il-jum.

Ingħatat tifkira bħala ringrazzjament lis-Sur Henry Fenech, li sa ftit żmien ilu kien jgħallem l-istrumenti tal-qasba fi ħdan l-għaqda tagħna.

Is-serata kienet ippreżentata mis-Sinjura Janie Vassallo. Wara il-programm mużikali segwiet Timpana Night.




# Il-proġett tal-website tas-Soċjetà

Joseph Caruana - koordinatur tal-proġett




Id-daħla tal-website

Il-ħsieb li xi darba jkollna website uffiċjali kien ilu jberren. Minħabba nuqqas ta' finanzi u prijoritajiet oħra ma kienx possibbli li jitwettaq. Però fl-aħħar seta' jitwettaq grazzi għall-Iskema ta' Għajuna għal Inizjattivi Żgħar. Wara li ssottomettejna proġett bl-isem 'Learn from Home' lejn l-aħħar tas-sena 2018, il-bord tal-għażla deherlu li s-sottomissjoni tagħna għandha tkun waħda mill-proġetti magħżula.

Il-bażi tal-proġett kienet ilha lesta, peress li din riedet isseħħ qabel tiġi mressqa l-proposta. Għalhekk, wara li ġejna infurmati bid-deċiżjoni tal-bord tal-għażla, mingħajr telf ta' żmien bdejna naħdmu.

L-ewwel inġabru 3 stimi biex naraw min se jaħdem dan il-proġett. Ġie deċiż li din il-website tinħadem mis-Sur Fredrick Muscat, li apparti li tana l-iktar stima vantaġġuża hu mill-Imġarr. Sabiex dejjem ikollna website moderna saret riċerka biex apparti li naraw x'inhuma l-bżonnijiet tal-għaqda, nippreżentaw website moderna, sempliċi u li tintgħoġob.

Saru diversi laqgħat ma' dawk involuti u lkoll ħdimna flimkien biex kollox ikun professjonali u kif nixtiquh. Naturalment peress li dan il-proġett ġie ffinanzjat mill-Kunsill Malti tas-settur volontarju, taħt l-Iskema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar, dejjem ħdimna id f'id ma' din l-entità u osservajna l-linji gwida li ngħatawlna.

Kieku wieħed kellu jagħti deskrizzjoni



Dehra tal-faċċata prinċipali tas-sit

tal-proġett, jista' jaqsam dan il-proġett f'żewġ taqsimiet – il-website u s-sistema tal-Learn Online. Il-Learn Online hi innovattiva għall-aħħar, u kburin ngħidu li aħna l-ewwel u l-unika għaqda mużikali fil-gżejjer Maltin li noffru t-tagħlim tat-teorija tal-mużika online.

Il-website toffri diversi servizzi u informazzjoni. Fil-website wieħed jista' jsib tagħrif dwar l-istorja tal-Imġarr u l-Banda, informazzjoni dwar l-ewwel safra tal-Banda, l-iskola tal-mużika, is-surmastrijiet u l-għalliema, u l-korsijiet tat-tagħlim offrut. Hemm informazzjoni dwar l-amministrazzjoni attwali u passata tal-għaqda. Wieħed jista' jara diversi ritratti u videos. Xi ħaġa li ntlaqgħet tajjeb hi li l-pubblikazzjonijiet annwali li ħriġna matul is-snin wieħed jista' jarahom online wkoll.


Il-pubblikazzjonijiet annwali online

Mill-website tista' tixtri diversi souvenirs li l-għaqda ħarġet. Is-sit hu sigur ħafna u kull tranżazzjoni finanzjarja ssir permezz tal-Paypal. Il-website toffri wkoll il-faċilità li wieħed jista' jagħmel talba biex jissieħeb bħala membru jew iġedded is-sħubija tiegħu. Tista' wkoll tagħti donazzjoni lis-Soċjetà.


F'dan ir-ritratt tidher informazzjoni dwarna, xi servizzi offruti, fejn tirreġistra għan-newsletter kif ukoll min iffinanzja dan il-proġett

Ħadna ħsieb ukoll dawk li jgħinuna matul is-sena. Għalhekk għal diversi xhur matul is-sena taħt il-menù tal-isponsors qed inġibu reklam lil dawk id-ditti li jgħinuna.

Fis-sit tista' ssib ukoll xi avviżi li noħorġu minn żmien għal ieħor kif ukoll lista bl-avvenimenti li jkunu ġejjin jew għaddew. Hemm il-faċilità wkoll li wieħed jista' jintegra dawn l-avvenimenti mal-kalendarju elettroniku tiegħu. Fis-sit hemm indikatur li juri kemm fadal ġranet u ħin għall-festa titulari ta' Santa Marija tal-Imġarr.

Fejn jidħol it-tagħlim tal-mużika, minbarra li hemm tagħrif dwar l-għalliema li jgħallmu fl-iskola tal-mużika u x'korsijiet noffru, wieħed isib ukoll applikazzjoni biex wieħed juri l-interess tiegħu li jixtieq jibda jitgħallem il-mużika.

Servizz ieħor offrut fis-sit hu dak li tista' tirreġistra biex tirċievi newsletter bl-avviżi u l-avvenimenti tal-għaqda.

Hemm ukoll formola biex ikun jista' jsir kuntatt mal-amministrazzjoni tas-Soċjetà.

Kif diġà semmejt iktar 'il fuq l-innovazzjoni ta' dan il-proġett hi l-Learn Online. Hawn wieħed jista' jitgħallem it-teorija tal-mużika taħt il-kappa tal-London College of Music. Qed noffru 9 korsijiet – nibdew mill-initials u naslu sa Grad 8. Dawk li se jagħżlu li jitgħallmu t-teorija online b'din is-sistema se jkollhom l-assistenza ta' tutor kwalifikat. Is-sistema tippermetti li jsir kuntatt bejn l-għalliem u l-istudent. Il-lezzjonijiet offruti huma interattivi ħafna; saħansitra minbarra l-grafika hemm ukoll il-ħsejjes. Ix-xogħol tal-lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika fis-sistema online sar mill-Assistent Surmast tagħna Christopher Tanti.




Id-daħla tas-sistema Learn Online

L-Avukat Sonia Consiglio wkoll kellha rwol importanti f'dan il-proġett. Hi kienet inkarigata mill-aspett legali.

Il-website hi maħduma li tadatta skond id-device li tkun qed tuża. Is-sit jidher tajjeb kemm jekk tarah fuq mobile, tablet jew fuq kompjuter.



Waqt waħda mil-laqgħat li saru biex jiġi diskuss ix-xogħol tal-website tas-Soċjetà. Jidhru s-Sur Fredrick Muscat, is-Sur Christopher Tanti u s-Sur Joseph Caruana

Għalkemm jien tajtkom spjegazzjoni dettaljata tal-website tagħna, inħeġġiġkom biex iżżuru dan is-sit, www.bandamgarr.com, u taraw b'għajnejkom il-ħidma li saret u li qed issir fis-Soċjetà. Il-website hi għodda ħajja u din hemm bżonn li tiġi aġġornata regolarment.

Fuq nota personali nixtieq nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex dan il-proġett seta' jitwettaq. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-bord tal-għażla tal-Iskema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar li emmen fil-proposta tagħna. Naċċertakom li mingħajr dawn in-nies din il-ħolma ma kinitx tista' ssir realtà.





# Marija ma tħassarx festi

Fr Jimmy Bonnici

Il-bniedem ifittex u jistaqsi! Jitlaq mid-dinja u jasal sal-qamar u sa Mars sabiex ikompli jiskopri s-sigrieti wara l-univers li qed jgħix fih. Kif tibqa' tbaqbaq il-ħajja?

U waqt li n-nies qed tiżfen, xtaqt li mal-Papa Franġisku nfittxu x'inhu s-sigriet tal-festa. Il-ħajja kif tbaqbaq bil-ferħ u l-entużjażmu? U bħal fil-festa tat-tieġ ta' Kana, l-aħjar li nsaqsu huwa lil Marija. Insibuha wara l-kwinti biex tassigura li l-festa ma tinbidilx f'diżappunt. Ħa naraw x'qal il-Papa Franġisku liż-żgħażagħ fid-dokument riċenti tiegħu *Christus vivit*.

**1. Fl-għeluq ma tagħmilx festa**

"Meta kienet għadha żgħira ħafna, laqgħet l-aħbar tal-anġlu u ma baqgħetx lura milli tistaqsi (ara Lq. 1:34). Imma kellha qalb miftuħa u wieġbet: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Lq. 1:38)." (*Christus vivit*, 43)

Li tkun bniedem ta' fidi ma jfissirx li ma jkollokx mistoqsijiet, iżda li tirbaħ il-biża' u l-għeluq. Ifisser li tkun kapaċi titgħallem mill-ħajja u fuq kollox minn Alla. Ifisser li ma tgħixx magħluq fik innifsek iżda jkollok il-kuraġġ li tiddedika ħajtek għal Alla.

**2. Jiżfen tajjeb min jiżfen bil-qalb**

"Il-qawwa tal-iva ta' Marija… Kienet xi ħaġa differenti minn 'iva' li qisek qed tgħid: 'Tajjeb, ejja nippruvaw u mbagħad naraw x'jiġri.' Din l-espressjoni, 'imbagħad naraw x'jiġri', Marija ma kinitx tafha. Kienet deċiża, fehmet u qalet iva mingħajr tidwir ta' kliem. Kienet xi ħaġa aktar, xi ħaġa differenti. Kienet l-iva ta' min irid jinvolvi ruħu, ta' min lest jirriskja, ta' min lest iċedi kollox, mingħajr ebda garanzija oħra ħlief iċ-ċertezza li hi qed iġġorr wegħda. U nistaqsi lil kull wieħed u waħda minnkom: intom qed iġġorru xi wegħda magħkom? Liema wegħda qed inġorr f'qalbi, li rrid inkompli mmexxi 'l quddiem?" (*Christus vivit*, 44)

Kultant jista' jirbaħna l-biża' u ma niħdux deċiżjonijiet. Nistgħu nitilfu l-fiduċja fina nfusna, naħsbu li kollox għalxejn, naħsbu li m'għandna xejn tajjeb x'noffru lid-dinja. Meta qalet iva lil Alla, Marija ma setgħetx tara l-ġid li ser tagħmel. Iżda fdat li l-wegħda t'Alla se sseħħ permezz tagħha. "L-iva u x-xewqa li taqdi kienu aktar qawwija mid-dubji u d-diffikultajiet." U ż-żmien taha raġun. Int għandek fiduċja fiż-żerriegħa li Alla żera' fik?

**3. Il-mużika tat-tama tinbet fis-skiet**

"Din it-tfajla llum hi l-Omm li tħares fuq uliedha, fuqna wliedha li f'din il-ħajja mexjin spiss għajjiena, fil-bżonn, imma bix-xewqa li d-dawl tat-tama fina ma jintefiex. Dan hu li rridu: li d-dawl tat-tama ma jintefiex. L-Omm tagħna tħares lil dan il-poplu pellegrin, poplu żagħżugħ li hi tħobb, li jfittixha billi jagħmel is-skiet fil-qalb tiegħu minkejja li tul il-mixja

jsib tant storbju, konverżazzjonijiet u distrazzjonijiet. Imma taħt għajnejn l-Omm hemm post biss għas-skiet mimli tama. U hekk Marija ddawwal mill-ġdid iż-żgħożija tagħna." (*Christus vivit*, 48)

Mużika tajba tinbet fis-skiet. Hekk ukoll il-ferħ, il-kuraġġ u t-tama fil-ħajja tal-bniedem. Jekk ma tridx tħassar festi, sib ħin għas-skiet. Iltaqa' ma' Alla, fejn il-ħajja tbaqbaq, l-imħabba tibqa' u l-fiduċja titkattar.



# Treecake
## Confectionery

**Caterers for all Occasions**

Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060



# VEXILLINA

- **Printers**
- **Bookbinders**
- **Stationers**
- **Religious Articles**





71, Victory Street,Rabat Malta
2145 2624
www.vexillina.com

Like us on Facebook

# Il-Knisja l-Antika

Mario Vassallo

*(Dan it-tagħrif ittieħed mill-ktieb ta' Mons Alwiġ Deguara L-Imġarr, il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-Lum)*

**Il-knisja fl-iktar żmien imbiegħed**

L-ewwel dokumenti li fihom tissemma l-knisja l-antika tal-Imġarr iġibu d-data tal-1487, fejn insibu li kien hemm knisja ddedikata lil Santa Marija li kienet mibnija mill-familji Cumbo u Inguanez. Fuq il-faċċata kien hemm l-armi ta' dawn il-familji. Il-knisja x'aktarx li kienet tħares lejn il-Punent, għax it-triq prinċipali kienet tgħaddi minn dik in-naħa. Din kienet it-triq li mill-Imdina tgħaddi għas-Santi, tgħaddi minn fuq il-Ġnejna u tibqa' tielgħa lejn it-Tramuntana ta' Malta. Triq oħra kienet dik li mill-Mosta tgħaddi minn ħdejn il-Palazz ta' Charlie, tgħaddi minn Binġemma u tibqa' sejra lejn is-Santi. Ma' dawn kienu jingħaqdu t-toroq għal Għajn Tuffieħa u għall-Palma.

Din il-knisja kellha benefizzju msejjaħ 'Ta' Berqax', li twaqqaf minn Paolo Cumbo fis-27 ta' Jannar 1575 fl-atti tan-Nutar Placido Abela. Ir-rettur kellu l-obbligu li jqaddes fil-knisja tal-Imġarr fil-festi tal-Madonna.

Ħames snin wara, fid-9 ta' Diċembru 1580, Giulio Cumbo, ħu Paolo, waqqaf ġuspatronat fuq l-għalqa Ta' Ciantar fl-inħawi tad-daħla fl-Imġarr għand l-istess Nutar Placido Abela. Dan kien jobbliga lill-ewwel rettur tal-knisja, il-Kjeriku Giacomo Xicluna, biex jieħu ħsieb li titqaddes quddiesa kantata u jsir l-għasar solenni fil-jum tal-festa tal-Assunzjoni tal-Madonna. Uffiċjalment il-Kjeriku Xicluna ħa l-pussess fl-1586 u baqa' fil-kariga sakemm miet fl-24 ta' Marzu 1620.

Wara l-mewt ta' Xicluna, Dun Giorgio Gauci ħa l-pussess fit-22 ta' Mejju 1629. Warajh laħaq rettur tal-knisja Dun Vittorio Cassar fl-1 ta' Lulju 1633. Hu ħa l-pussess ta' dan il-ġuspatronat fis-16 t'Ottubru 1637. Dun Carlo Ordon laħaq rettur fl-1663. Sentejn wara, fit-13 ta' Lulju 1665, ħa l-pussess tal-ġuspatronat Dun Giovanni Dimech J.U.D., li żamm din il-kariga sakemm miet fl-1675. Warajh laħaq rettur tal-knisja tal-Imġarr Dun Vittorio Gatt fit-13 ta' Ġunju 1675 u ħa l-pussess fit-8 t'Awwissu tal-istess sena.

**Visti pastorali**

Tagħrif ieħor dwar din il-knisja jinsab fir-rapporti ta' diversi visti pastorali li kienu jagħmlu l-isqfijiet ta' Malta kull meta jkunu fil-kariga. Hekk nafu li l-ewwel vista pastorali lil din il-knisja saret mill-Isqof Tomaso Gargallo fl-1583.



L-Isqof Tommaso Gargallo

Vista oħra saret mill-Isqof Baldassare Cagliares fl-1615. Hu ħalla din id-deskrizzjoni dwar din il-knisja: "Ir-reverendissimi konviżitaturi ġew iżuru din il-knisja ddedikata lit-tlugħ fis- sema tal-Beata Verġni, li għandha l-bieb iħares lejn il-Punent; quddiemha għandha ċimiterju mdawwar b'ħajt baxx; għandha l-artal taħt daħla għamla ta' kappella żgħira u għandha ventartal tal-injam bil-pittura tal-Assunzjoni tal-Beata Verġni; għandha dvalja waħda b'kuluri differenti; għandha ikona tal-injam bix-xbieha tal-Assunta u xbihat ta' Santa Luċija u San Kosma u San Damjanu. L-artal għandu tarġa tal-injam u lampier. Il-knisja hija twila u wiesgħa, imdawla minn żewġ twieqi bil-bibien tal-injam. Fuq ix-xellug tal-bieb hemm fonti tal-ilma mbierek; għandha bank tal-ġebel mad-dawra kollha. F'rokna nstab li kien hemm xi xaħx li l-viżitaturi ordnaw li jitneħħa. Instab ukoll li kien hemm qanpiena mkissra."

Ir-Rettur Dun Giacomo Xicluna kien imwissi biex jirranġa l-qanpiena u jagħmel salib fuq l-artal. Il-viżitatur fakkru wkoll fl-obbligu li jqaddes f'kull festa tal-Madonna.

Vista oħra pastorali lill-knisja tal-Assunta fl-Imġarr saret mill-konviżitaturi tal-Isqof Michael Johannes Balaguer fit-30 ta' Jannar 1636. Huma sabu li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna u mdawla sewwa. L-artal kien tal-ġebel mastizz u quddiemu kellu tarġa tal-ġebel. Fuq l-artal kien hemm erba' gandlieri tal-injam u l-kantiglorja. Fuq in-naħa tal-epistola kien hemm żewġ armarji fejn jintrefgħu l-affarijiet meħtieġa għall-quddiesa. L-art kienet kollha taċ-ċangatura filwaqt li fuq il-bejt kien hemm il-qanpiena f'postha.

Fi żmien l-Inkwiżitur Gerolamo Casante (1658-1663) saret vista oħra lil din il-knisja. Fir-rapport imħolli nsibu miktub li l-knisja tinsab fil-limiti tal-Imdina u tinsab xi ħames mili bogħod mill-belt lejn il-baħar. Hija knisja mibnija tajjeb imma miżmuma ħażin. Fil-knisja kienet issir il-festa tal-Assunta bl-għasar u bil-quddiesa u kienet issir quddiesa f'kull waħda mis-seba' festi tal-Madonna matul is-sena.

Żjara oħra lil din il-knisja saret fl-1672 fi żmien l-Isqof Astiria. Il-konviżitaturi tiegħu rrappurtaw li l-knisja, li kellha l-bieb ewlieni jħares lejn il-Punent, kienet miżmuma tajjeb. L-artal kellu bżonn xi tikħil u t-twieqi kien hemm bżonn li jiġu rranġati jew isiru oħrajn ġodda.

Sitt snin wara, fl-1678, saret vista pastorali lill-kinisja tal-Imġarr mill-Isqof Michael Molina, li kien għadu kif ħa l-kariga. Il-konviżitaturi sabu li l-knisja kellha l-armi tal-familji Cumbo u Inguanez fuq il-faċċata tal-knisja, li kienet mibnija tajjeb ħafna imma ma kinitx miżmuma kif kien xieraq u kellha xi oġġetti nieqsa.

L-Isqof David Cocco Palmieri, li laħaq wara l-Isqof Molina, ukoll għamel żjara lill-knisja tal-Assunta tal-Imġarr fl-1685. Il-konviżitaturi nnutaw li l-kwadru f'forma ta' ikona tal-injam bix-xbieha tal-Assunta, imsemmi fil-visti ta qabel, kien hemm, kif ukoll lampier tal-metall li l-bdiewa kienu jixegħlu regolarment minn flushom, u wkoll kien hemm bank tal-ġebel mad-dawra tal-knisja minn ġewwa. Huma rrappurtaw li l-knisja kienet mibnija tajjeb imma kien hemm bżonn xi tiswijiet fuq il-bejt, u reġgħu tennew li kien hemm bżonn jinbidlu t-twieqi. Huma nnutaw li n-naħa tal-lemin tal-bieb kien hemm kaxxa żgħira tal-injam fejn il-bdiewa kienu jitfgħu xi flus għall-ispejjeż tal-quddies tal-Ħdud u l-festi.

Il-knisja tal-Assunta fl-Imġarr saritilha vista pastorali oħra mill-Isqof Jacobbus Camaves innifsu fl-1714. Huwa sab il-knisja miżmuma tajjeb u nnota li s-saqaf kien troll tal-ġebel filwaqt li l-ikona tal-injam kienet għadha l-istess ta' qabel. Sab ukoll li l-bdiewa kienu jieħdu ħsieb huma biex jorganizzaw il-quddies tal-Ħdud u l-festi u li l-festa tal-Assunta kienet issir fil-15 t'Awwissu bis-solennità kollha. Hu ordna li l-mejda tal-artal tkun merfugħa ftit 'il fuq u li jsir ħabel għall-qanpiena ta' fuq il-bejt tal-knisja.

Disa' snin wara, fis-sena 1723, il-knisja saritilha vista pastorali fi żmien l-Isqof Gaspar Gori Mancini. Huwa sab il-knisja fi stat tajjeb. Ir-retturi tal-benefizzju kemm Ta' Berqax kif ukoll Tad-Daħla jew Ta' Tliet Uqijiet, kif kien beda jissemma, kienu jaqdu dmirhom sewwa.

L-Isqof Alpheran de Bussan, li laħaq wara Molina, għamel tliet visti pastorali lill-knisja tal-Imġarr. Fl-ewwel waħda fl-1728 huwa sab li l-ikona tal-Assunta kienet ġiet impinġija mill-ġdid. Sab li l-knisja kienet miżmuma tajjeb u li l-bdiewa kienu għadhom iħallsu minn flushom għall-quddies tal-Ħdud u l-festi. L-Isqof ordna li jinxtraw żewġ gandlieri tal-injam għal fuq l-artal u li l-qassis jibda jieħu ħsieb jgħallem id-duttrina lill-bdiewa tal-post.



L-ewwel kwadru titulari tal-knisja l-antika

L-istess Isqof reġa' għamel żjara lill-knisja tal-Imġarr tmien snin wara, fl-1736, u sab li l-knisja kienet miżmuma tajjeb. Innota wkoll li l-qanpiena tal-bronż kienet tqiegħdet taħt il-gwarniċun tal-frontispizju u li fuqu kien tqiegħed salib tal-ġebel. Il-kalċi kien ġie indurat.

Fl-aħħar vista pastorali tiegħu fl-Imġarr fl-1744 l-Isqof Alpheran de Bussan reġa' sab li l-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna u li d-dmirijiet u l-obbligi meħtieġa fil-knisja kienu qegħdin jiġu moqdija tajjeb. Il-festa tal-Assunta kienet għadha ssir fil-15 t'Awwissu.

L-Isqof Bartolomeo Rull għamel żjara pastorali fl-Imġarr fl-1757. Huwa reġa' kkonferma li r-rapporti li ngħataw mill-visti pastorali ta' qabel kienu għadhom preżenti, li l-knisja kienet imdawla tajjeb u biċ-ċimiterju quddiemha, li l-quddies għadu jsir fil-Ħdud u l-festi u li l-bdiewa kienu għadhom iħallsu għall-quddies għalkemm ma kinux obbligati, u li kienu tranġaw it-twieqi. Milli jidher kien sar inventarju tal-knisja tal-Imġarr, u fost affarijiet oħra nsibu li kien hemm kalċi tar-ram, xi erba' pjaneti, sitt gandlieri tal-injam, salib għall-artal, żewġ missali u lampier tar-ram.

Fl-1771 l-Isqof Giovanni Carmine Pellerano għamel vista pastorali lill-knisja tal-Assunta fl-Imġarr u reġa' kkonferma li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb, li jsir il-quddies fil-Ħdud u l-festi u li ssir il-festa fil-15 t'Awwissu.

Milli jidher fis-snin ta' wara, għalkemm kienu baqgħu jsiru l-visti pastorali mill-isqfijiet, ma jidhirx li kien hemm xi tibdil mir-rapporti ta' qabel, anzi dejjem kitbu li l-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna. Iżda punt importanti ħafna deher fir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Gaetano Pace Forno fl-1859, li fih tissemma għall-ewwel darba s-sagristija fuq wara tal-knisja.

**Il-Viċendarju**

Minbarra ż-żewġ qassisin benefizzjati li kienu jieħdu ħsieb iqaddsu l-quddies fil-Ħdud u l-festi skont l-obbligu tagħhom, fis-seklu dsatax beda jinħatar qassis imsejjaħ 'prokuratur viċendarju' biex jara u jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-knisja fl-Imġarr. L-ewwel viċendarju kien Dun Salvatore Stivala, li sa mill-1851 kien beda jżomm il-kotba tad-dħul u l-ħruġ tal-ispejjeż tal-knisja. Insibu li għall-festa ta' Santa Marija kienu jinġiebu xi qassisin minn Ħal Balzan, li kienu jqarru u jieħdu sehem fl-għasar li kien isir lejlet il-festa. L-għada

filgħodu kienet issir quddiesa solenni bil-paniġierku tal-festa. Minn dawn il-kotba jidher ukoll li fl-1876, wara li sentejn qabel kien laħaq viċendarju l-Kappillan tal-Mosta Dun Franġisk Camilleri, kienu saru xi spejjeż biex jiġi rranġat is-saqaf tas-sagristija u għamlu rixtellu ġdid għaċ-ċimiterju. Fis-snin ta' wara kien sar xi xogħol fuq il-kampnar tal-knisja, ġew irranġati xi ċangaturi tal-paviment u tbajdet il-knisja kollha minn ġewwa. Il-viċendarju kien reġa' nbidel fl-1893 u laħaq Dun Mikiel Angelo Said.

Bil-ħatra tal-viċendarji u bix-xewqat tal-bdiewa li jżidu l-funzjonijiet fil-knisja tal-Imġarr insibu li sa mill-1851 kienu bdew isiru l-eżerċizzi tar-Randan u fis-sena ta' wara kienet bdiet issir ukoll il-prietka tal-Via Sagra u tal-Passjoni. F'Mejju tal-1855 kienet bdiet issir il-festa tas-seba' ferħiet tal-Madonna u kienet inġiebet ukoll il-Missjoni l-Kbira.

**Festi**

Il-viċendarju kien beda jieħu ħsieb ukoll jagħmel xi ġbir għall-ispejjeż tal-festa ta' Santa Marija, li kienet issir fil-15 t'Awwissu. Milli jidher il-ġbir kien isir billi joħroġ flimkien ma' xi żewġ bdiewa jduru l-inħawi, bil-ħmara u karettun biex jiġbru l-offerti mingħand il-familji. Sa mill-1873 il-ġbir ġieli wasal sal-Pwales u San Pawl il-Baħar. Dawn l-offerti kienu jinbiegħu x'aktarx il-Mosta, u l-flus li jinġabru kienu jmorru għall-ispejjeż tal-festa. Mill-kotba tal-ispejjeż nafu li l-viċendarju kien iqassam kuruna tar-rużarju, santa u xi tazza nbid abjad lil min joffri xi affarijiet.

Sa minn meta bdew jinżammu l-kotba tal-knisja fl-1851 kienet diġà tissemma l-festa ta' San Piju Martri bħala l-festa sekondarja tal-Imġarr. Kienet id-drawwa dak iż-żmien li kull parroċċa jkollha festa ddedikata lil qaddis li kien miet martri fl-ewwel żminijiet tal-knisja. Fl-Imġarr din il-festa kienet issir fl-istess ġurnata ta' Santa Marija, imma filgħaxija, bil-kant tal-għasar u bil-paniġierku.

Għal dawn il-festi l-faċċata tal-knisja kienet tkun imżejna bil-fjakkli u b'xi 150 tazza bi ħġieġ ikkulurit biż-żejt. Kienu jitwaħħlu xi erba' pilandri quddiem il-knisja u kienu jiġu sparati xi stoppini u maskri.

**Tibdil fl-istruttura tal-knisja**

Mill-kotba tal-ispejjeż tal-knisja li kien iżomm il-viċendarju jidher li kienu saru xi tibdiliet strutturali fil-knisja f'nofs is-seklu 19. B'hekk nafu li l-knisja li tidher fir-ritratt u li jiftakru missirijietna mhijiex l-istess waħda li kienet tissemma fil-visti pastorali. Huma kienu jsemmu li l-knisja tal-Assunta fl-Imġarr kienet tħares lejn il-Punent, biċ-ċimiterju quddiemha. Fuq il-faċċata kien hemm l-armi tal-familji Cumbo u Inguanez.

Dik li tidher fir-ritratt fil-fatt kienet tħares lejn il-Lvant u kellha s-salib tal-ġebel quddiemha. X'aktarx li saru bidliet strutturali qrib is-sena 1855. Dak iż-żmien sar self ta' 200 skud mill-parroċċa tan-Naxxar, li fuqhom kienu jitħallsu 6 skudi interessi fis-sena. Jidher li fl-1854 ġiet akkwistata ġardina fuq in-Nofsinhar (in-naħa t'isfel) tal-knisja u ġiet imdawra b'ħajt tas-sejjieħ. Sentejn wara, fit-12 t'Ottubru 1856, sar terremot u kellha tissewwa xi ħsara li ġarrbet il-knisja. Is-sena ta' wara, fl-1857, intefqu xi 17-il skud għal xogħol fil-ġebla. Fl-istess sena kienu ntefqu 16-il skud ieħor biex jinbnew kamra u loġġa maġenb il-knisja. Din il-kamra nbniet fuq oħra taħtha li kienet tinsab fil-ġardina diġà msemmija. Inbena taraġ biex mill-ġardina titla' għall-kamra l-ġdida ta' maġenb il-knisja. Ta' min jgħid li fis-snin ta' wara l-kamra li kienet fil-ġardina kienet tintuża biex titħalla d-debba li kienet twassal lil Dun Baskal Chetcuti, ħu l-ewwel kappillan Dun Ġlormu, mill-Mosta għall-Imġarr. Fl-

istess waqt, fid-daħla għall-kamra l-ġdida ta' fuqha kien tqiegħed inkwatru tal-Madonna tar-Ružarju, u din kienet tintuża bħala l-post fejn l-irġiel kienu jqerru. Sena wara, fl-1858, kien sar bieb ġdid għall-knisja u żewġ bibien laterali. Fl-istess sena kienu ntefqu 18-il skud għall-purtiera tal-bieb il-ġdid tal-knisja. Kienet saret spiża oħra ta' 37 skud biex inxtraw pjaneti ġodda. Bħalma ssemma aktar qabel, sena wara, jiġifieri fl-1859, kienet issemmiet għall-ewwel darba s-sagristija mal-knisja fir-rapport li kien sar tal-vista pastorali tal-Isqof Gaetano Pace Forno.

Minħabba li, kif jidher, il-faċċata tal-knisja kienet ġiet tħares lejn il-Lvant, iċ-ċimiterju issa ġie wara l-knisja. Dan baqa' jiġi użat u mnaddaf sewwa, u jidher li wara xi ftit snin inqata' xi blat biex jintgħamel taraġ minn mal-ġenb tal-knisja li jwassal għaċ-ċimiterju. Però dan iċ-ċimiterju ngħalaq fit-8 t'Ottubru 1871 u għalqulu l-bieb bil-ġebel.

Kien f'dawn is-snin, eżattament fis-26 ta' Novembru 1869, meta xi ħallelin kienu żgassaw il-bibien tal-knisja u serqu l-flus li sabu. Il-knisja kellha tħallas l-ispejjeż biex jitranġaw u jissaħħu l-bibien bil-pjanċi tal-ħadid.

**Tiżjin fil-knisja**

Wara li saru dawn it-tibdiliet strutturali fil-knisja, tkompla t-tiżjin fuq ġewwa. Hekk nafu li f'Settembru 1858 is-Sur Emidio Mallia Tabone mill-Belt Valletta kien irregala kurċifiss tal-injam twil madwar żewġ piedi, li wara li nħadem is-salib għalih kien tqiegħed fuq l-artal ewlieni. Sentejn wara kien sar kwadru titulari ġdid tal-Assunta, xogħol il-pittur Pawlu Cuschieri. Dan kien irregalat lill-knisja minn Dun Paolo Lebrun fil-31 ta' Mejju 1860. F'Ottubru 1863 kien ġie rregalat lampier sabiħ minn Dun Ġużepp Defelici. Fi Frar tas-sena ta' wara l-aħwa Borg Olivier kienu rregalaw lill-knisja kurċifiss kbir li kien jintuża għall-eżerċizzi u anke għall-prietka tal-Ġimgħa l-Kbira. Ma' dawn jissemmew anke xi individwi li bħala wegħdi kienu bdew jagħtu xi oġġetti tad-deheb lill-knisja, fosthom imsielet. Barra minn dawn, l-għotjiet tal-bdiewa mill-prodotti tagħhom tar-raba' u tal-merħliet komplew jgħinu fil-ġbir tal-knisja biex tkompli tlaħħaq mal-ispejjeż li kienu jinqalgħu minn żmien għal żmien. Id-dejn li kien sar mill-parroċċa tan-Naxxar tħallas kollu sal-1865. Il-knisja kompliet tissebbaħ meta fl-1883 għadd ta' benefatturi ġabru s-somma ta' 191 skud biex inxtara sett inkwatri tal-Via Sagra bil-gwarniċ indurat bid-deheb.


Il-kwadru titulari li sar fl-1860

Forma ta' ġbir ieħor kien isir permezz ta' fondazzjoni u legati. Dawn kienu jikkonsistu f'kera ta' xi raba' jew kmamar u anke xi għar, u l-flus miġbura mill-kera kienu jmorru għall-knisja. Fatt interessanti kien il-kiri ta' għar, li kien iservi ta' ħanut, li kienu jgħidulu 'l-ħanut tal-knisja', u xi żewġ għerien oħra fil-qrib li kienu jservu għall-annimali. Dħul ieħor għall-knisja tal-Imġarr kien isir permezz ta' merħliet ta' nagħaġ u mogħoż li xi bdiewa kienu jrabbu u jieħdu ħsieb u jbigħu l-ħalib tagħhom, biex imbagħad iħallsu forma ta' qbiela lill-knisja. Dħul ieħor kien sar direttament lill-viċendarju, li kien jieħu ħsieb il-knisja biex ikun jista' jgħix hu u jlaħħaq mal-ispejjeż. Dan kien sar b'digriet pontifiċju fit-12 t'Awwissu 1876 u kien obbliga lill-kappillan tal-Mosta jagħti 60 skud fis-sena f'forma ta' pensjoni lill-viċendarju.

Il-knisja baqgħet tissebbaħ u l-Imġarrin aktar bdew iħossuhom kburin billi jżommu l-knisja aktar imżejna minn qatt qabel, kemm għal kuljum u kemm għall-ġranet tal-festa. Il-ħsieb ewlieni kien li juru lill-isqof li huma kien jixirqilhom li jkollhom parroċċa tagħhom. Il-prokuratur tal-knisja, il-bidwi Salvu Galea, u dawk ta' madwaru ħasbu biex jagħmlu inkwatru tat-titular ikbar u isbaħ minn dak eżistenti. Minħabba li dak iż-żmien kien beda jissemma l-pittur Żebbuġi Lazzru Pisani, li kien mar jistudja Ruma, l-Imġarrin ordnawlu kwadru kbir tal-Assunta. Dan tlesta u tqiegħed f'postu għall-festa tal-Assunta f'Awwissu 1884. Madwar il-gwarniċ żdiedet skultura fil-ġebel u b'hekk kien jidher isbaħ bħala titular fuq l-artal ewlieni.


L-ewwel kwadru titulari ta' Lazzaro Pisani tal-1884

## L-Imġarr isir parroċċa bil-knisja tiegħu

Kien fl-1896 li l-Isqof Pietru Pace, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta, għamel iż-żjara pastorali tiegħu fl-Imġarr. Hu kien tal-ħsieb li jorganizza aħjar il-parroċċi tad-djoċesi, imma l-aktar dawn l-inħawi li kienu bogħod wisq mill-Katidral tal-Imdina, li miegħu kienu jagħmlu. Barra minn hekk kien diġà laqa' għandu grupp ta' bdiewa Mġarrin jitolbuh biex dawn l-inħawi jiġu magħqudin f'parroċċa bil-knisja tagħhom iddedikata lil Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema. Fid-digriet issemma kif l-Isqof kien qiegħed jilqa' t-talba tal-Imġarrin u wiegħed li l-Imġarr isir parroċċa meta jkun iż-żmien opportun.


L-Imġarr sar parroċċa fl-1898 b'din il-knisja ddedikata lill-Assunta

Sena wara l-Isqof Pietru Pace qabbad lil min jagħmillu pjanta tal-parroċċa l-ġdida. Dawn l-inħawi kellhom jinqatgħu mill-parroċċa tal-Katidral tal-Imdina u parti żgħira mill-parroċċa tan-Naxxar. Fil-fatt l-Imġarr sar parroċċa b'digriet maħruġ fil-11 ta' Ottubru 1898, bl-ewwel kappillan ikun Dun Ġlormu Chetcuti, mill-Mosta, li kien diġà qiegħed iservi bħala viċendarju f'dawk l-aħħar xhur. Fl-istess digriet tat-twaqqif tal-parroċċa ġie ordnat ukoll li tingħata pensjoni addizzjonali ta' 15-il lira sterlina mill-Katidral tal-Imdina u 5 liri sterlina mill-parroċċa tal-Mosta kull sena bħala għajnuna għall-għajxien tal-viċendarju u aktar tard il-kappillan tal-parroċċa l-ġdida.

Għaċ-ċelebrazzjonijiet tat-twaqqif tal-parroċċa kien preżenti l-Isqof Pace, fost il-ferħ u l-entużjażmu tal-Imġarrin. Ġiet mistiedna wkoll il-Banda Nicolò Isuoard tal-Mosta. Minħabba l-funzjonijiet ġodda li teħtieġ kull parroċċa, kien meħtieġ li jsir fonti tal-magħmudija u li jinfetħu reġistri parrokkjali għall-magħmudija, għall-griżma tal-isqof, għaż-żwiġijiet u għall-mejtin. Il-kappillan beda jgħallem il-katekiżmu lill-kbar filwaqt li xi xebbiet ġew mgħallma biex jgħallmu d-duttrina lit-tfal. Il-festa ta' Santa Marija bdiet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd wara l-15 t'Awwissu, ħalli Dun Ġlormu jkun jista' jistieden lil xi qassisin mill-Mosta biex jgħinuh fiċ-ċelebrazzjonijiet. Il-festa ta' San Piju bdiet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd wara s-6 ta' Novembru.

Kif kienet titlob il-liġi tal-Knisja, mat-twaqqif tal-parroċċa kien meħtieġ li titwaqqaf il-fratellanza tas-Sagrament. Dan seħħ fit-13 ta' Ġunju 1899, u għalhekk il-purċissjonijiet, kemm ta' Corpus Christi kif ukoll tal-Qalb ta' Ġesù, kienu akkumpanjati bil-fratellanza tas-Sagrament. Il-fratellanza tar-Rużarju ġiet imwaqqfa b'digriet tat-13 ta' Lulju 1902. Dawn iż-żewġ fratellanzi komplew għenu fit-tmexxija tal-parroċċa u tal-funzjonijiet liturġiċi.

Għal dawn il-festi l-knisja l-antika kienet tintrama bid-damask aħmar u kienu jiddendlu mazzettuni ta' fjuri maċ-ċinta. Fuq il-balavostri tal-presbiterju kienu jintramaw żewġ piramidi tal-ħadid bix-xema' tixgħel. Madwar il-presbiterju kien jimtela bi qsari tal-ortensji. Fil-festi tal-Milied kienu jinkrew sitt linef biex jiddendlu fil-knisja. L-art tal-knisja, li kienet biċ-ċangatura, kienet tinkesa bil-weraq tar-rand ħalli bil-fwieħa tiegħu jkompli jsebbaħ il-festi. Għas-solennità tal-festi ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Pawl Mifsud mill-Mosta kien ħadem ġilandra tal-injam b'raġġiera kbira warajha, fuq l-istess disinn bħal tal-Mosta.


Il-knisja mżejna għall-festa ta' Corpus

**Knisja ikbar**

Mat-twaqqif tal-parroċċa bdiet tikber ix-xewqa u l-bżonn li l-Imġarr ikollu knisja ikbar ħalli tkun tista' tesa' lill-poplu, li beda jiżdied ġmielu. Dun Ġlormu tefa' għajnejh fuq il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Imdina, li kienet togħġbu kemm fil-forma elittika tagħha u kemm fit-taqsim tal-kappelli u l-kappelluni. Xtaq li fl-Imġarr jibni knisja tixbahha imma akbar u bil-koppla. Wara ħafna ħsieb u talb lil Alla u lill-Madonna, il-Kappillan beda biex kellem lil Ġamri Camilleri mill-Mosta, li kien foreman u surveyer mal-gvern, biex jagħmel il-pjanta tal-knisja fuq ix-xewqa tiegħu. Camilleri, bħala arkitett, kien diġà kellu esperjenza fil-bini tal-knisja tal-Mellieħa. Malli tlestew il-pjanti meħtieġa, Dun Ġlormu għamel it-talba lill-isqof għall-approvazzjoni tal-bini tal-knisja.

Sadanittant kien meħtieġ li jingħażel il-post fejn kellha tinbena l-knisja l-ġdida. Mir-rikors li għamel lill-isqof jidher li kien hemm fehmiet differenti fost l-Imġarrin dwar il-post. Dawk li joqogħdu iktar 'il ġewwa mill-knisja xtaqu li l-knisja l-ġdida tinbena aktar lejn il-Punent minn dik eżistenti, filwaqt li dawk taż-Żebbiegħ u l-inħawi xtaquha li tinbena iktar lejn il-Lvant mill-oħra, jiġifieri fejn illum hemm il-housing estate fejn salib it-toroq. Minħabba f'hekk u biex ma jinħoloqx inkwiet bla bżonn, ġie deċiż li l-knisja l-ġdida tinbena fl-istess post tal-antika. Barra minn hekk, quddiem il-knisja l-qadima kien hemm salib tal-ġebel li kien jimmarka dan il-post bħala għażiż, u għalhekk il-ħsieb ta' knisja fl-istess post kien li titkompla din it-tradizzjoni. Meta mbagħad kien qiegħed jinbena z-zuntier, dan is-salib tal-ġebel kien inħatt u reġa' nbena mal-ġenb tal-knisja l-ġdida, biex ifakkar u jorbot il-kult il-ġdid mal-qadim. Il-pjan kien li l-bidla mill-knisja l-antika għall-ġdida jinfirex fuq erba' partijiet. L-ewwel kellha tinbena parti mill-ġdida, jittieħed is-sagrament mill-knisja l-antika għall-parti l-ġdida, tinħatt il-knisja l-antika u fl-aħħar jitkompla l-bini tal-knisja l-ġdida.

It-talba għall-bini tal-knisja lill-isqof ġiet aċċettata b'digriet maħruġ fil-15 t'April 1905. Dun Ġlormu medd għonqu għal dan il-proġett hekk kbir. Kien ilu sa minn meta laħaq kappillan tar-raħal li kien beda jaħseb għal fondi finanzjarji permezz ta' ġbir mingħand il-bdiewa, bħalma fil-fatt dejjem sar. Sa ħames snin wara kien xtara l-art meħtieġa madwar

il-knisja l-qadima biex seta' jibda l-bini tal-ġdida, li kellha tkun wisq ikbar.

Wara li Ġamri Camilleri tal-Mosta ħażż fl-art fejn kellhom jiġu l-pedamenti madwar il-knisja l-qadima, inbeda x-xogħol tat-tħaffir tal-blat. Sadanittant infetħu xi barrieri għall-ġebel tal-franka fl-inħawi Ta' Vneżja, limiti tal-Mosta, kif ukoll f'Ta' Mrejnu, limiti tal-Imġarr, għall-ġebel tal-qawwi, biex jintuża bħala qoxra fuq barra u anke għall-mastizz tal-ħajt wiesa'. Fl-1909 beda x-xogħol fuq il-pedamenti, filwaqt li riedu jgħaddu tliet snin, eżattament fit-2 ta' Ġunju 1912, biex issir iċ-ċerimonja tat-tberik tal-ewwel ġebla tal-knisja minn Mons. Luigi Attard bħala delegat tal-Arċisqof.


Il-pjanta tal-knisja l-ġdida fuq l-istess post tal-antika

Mill-għada tkompla x-xogħol fuq il-bini tal-knisja. Min-naħa tagħhom il-bdiewa kienu offrew li meta jkun possibbli kienu jġorru xi ġebla jew tnejn fuq il-karettuni tagħhom mill-barrieri sal-post tal-bini. Bħala mgħallem tal-bini tal-ewwel fażi tal-knisja kien inħatar Ċensu Galea mill-Mosta, li bħala bennej kellu lil Andrea Deguara mill-Imġarr. Din ir-responsabilità kibret meta ħabta u sabta miet l-arkitett li ħażż il-pjanta tal-knisja, Ġamri Camilleri tal-Mosta, fl-1917. Ix-xogħol tal-bini tkompla fuq il-parti ta' quddiem tal-knisja l-ġdida, li kienet tiġi wara l-knisja l-antika, li baqgħet tiffunzjona. Sa sentejn wara, jiġifieri sal-1919, din il-parti magħmula mis-sagristija, mill-kappellun ċentrali fejn hemm l-artal maġġur u miż-żewġ kappelli ta' quddiem, tar-rużarju u ta' San Ġużepp, kienu nbnew sal-għoli tal-ewwel gwarniċun tal-ewwel ordni. Din il-parti ngħalqet b'ħajt li nbena 'l barra mill-kappelli msemmija. Fil-ħajt tħalla bieb kbir fin-nofs flimkien ma' żewġ bibien laterali u tliet twieqi fil-għoli. Sar saqaf bit-travi tal-ħadid, oħrajn tal-injam u x-xorok. Ingħata wkoll id-deffun fuq kollox u l-art ġiet magħmula biċ-ċangatura, għax din il-parti riedet isservi ta' knisja għall-Imġarrin sa ma ngħalqet il-koppla 20 sena wara. Fuq is-sagristija nbena kampnar żgħir, fejn tqiegħdu ż-żewġ qniepen tal-knisja l-qadima. Biswit il-kampnar tqiegħed l-arloġġ tal-knisja, li kien għadu kemm inxtara.

**It-tberik tal-parti l-ġdida u t-tmiem tal-knisja l-antika**

Kien il-Ħadd, 3 t'Awwissu 1919, qabel il-quddiesa tas-7 ta' filgħodu, meta l-Kappillan Dun Ġlormu Chetcuti, bħala delegat tal-Arċisqof Mauro Caruana, bierek il-parti tal-knisja l-ġdida li kienet issaqqfet. Wara l-quddiesa saret purċissjoni bis-Santissimu Sagrament mill-knisja l-antika għall-knisja l-ġdida. Kien propju f'dan il-jum li l-knisja tagħna saret sagramentali, filwaqt li l-knisja l-antika twaqqfet milli tkompli tiffunzjona. Ħmistax wara, nhar il-Ħadd 17 t'Awwissu, saret l-ewwel festa ta' Santa Marija mill-knisja l-ġdida, li fiha ħa sehem l-Arċisqof Caruana, li għamel il-paniġierku għall-okkażjoni. L-għada t-Tnejn 18 t'Awwissu l-knisja l-antika, li kienet ilha tiffunzjona madwar 450 sena, bdiet tinħatt. Nistgħu ngħidu li l-knisja l-antika kellha tmut biex minflokha titwieled il-knisja kbira u sabiħa li għandna llum. Iżda ta' min ifakkar li l-post għażiż u qaddis żamm postu sa minn qabel dehru l-ewwel dokumenti tal-knisja fl-1487 sal-lum.


L-ewwel kappillan Dun Ġlormu Chetcuti

# Il-qima lejn il-Verġni Marija fil-Knisja Ortodossa



Patri Mario Attard OFM Cap.

Kif żgur li ħafna jafu, fil-Knisja Ortodossa teżisti qima kbira lejn Marija, liema qima aħna midħla tagħha kemm minħabba l-ikoni kif ukoll minħabba t-talb mill-isbaħ li hemm dwar il-Verġni Marija.

Il-Knisja Ortodossa tonora u tqim lil Marija Verġni b'mod mill-aktar speċjali. Fil-fatt f'innu sabiħ lil Omm Alla, 'Theotokos', insibu miktub hekk: "*Huwa tassew tajjeb li nfaħħruk, o Theotokos, dejjem imqaddsa u l-aktar safja, u Omm Alla tagħna. Int aktar għolja mill-kerubin, u aktar glorjuża milli wieħed jista' jimmaġina mis-serafin; int nissilt mingħajr ħtija l-Kelma ta' Alla. O Theotokos,* aħna nfaħħruk!" Isimha huwa msemmi f'kull servizz tal-Knisja u t-talb tagħha quddiem it-Tron ta' Alla huwa mitlub. Ġiet mogħtija t-titlu ta' Theotokos (li bl-ilsien Grieg tfisser 'dik li wildet lil Alla') u anki Omm Alla. Marija għandha rwol definittiv fil-Kristjaneżmu Ortodoss. U f'dan id-dawl qatt ma tista' tiġi kkunsidrata bħala sempliċi strument li ladarba ġie użat ġie midfun u hekk safa minsi għalkollox.

Meta jsiru oġġezzjonijiet minħabba l-qima li tingħata lit-Theotokos dawn isiru minħabba li, skont xi wħud, teżisti nuqqas ta' evidenza fil-Bibbja li twieżen din il-prattika. Filwaqt li hu veru li l-Knisja tiddependi ħafna fuq it-Tradizzjoni tagħha (jiġifieri mill-konċilji ekumeniċi, mill-kotba liturġiċi u mill-kitbiet ta' missirijiet il-Knisja) kemm għad-dettalji



Ikona tad-Dormitio Mariae

kif ukoll għad-definizzjoni preċiża tan-natura tal-qima lejn il-Verġni Marija, jeżistu fl-istess ħin għadd ta' passaġġi fit-Testment il-Ġdid li jiffurmaw tabilħaqq is-sisien tal-prattika tad-devozzjoni lejn Marija.

L-Anġlu Gabrijel kien mibgħut minn Alla biex iħabbar lill-Verġni t-twelid tas-Salvatur. Sellmilha b'dan il-kliem: "*Sliem għalik, mimlija bil-grazzja; il-Mulej miegħek*" (Lq. 1:28). Din it-tislima anġelika tifforma parti minn għanja li l-Knisja Ortodossa spiss tkanta biex tagħtiha qima. Jekk dan hu minnu, kif tista' l-Knisja tkun qed tiżbalja meta tirrepeti l-kelmiet li bihom sellmilha l-anġlu tal-Mulej? Eliżabetta, il-kuġina tal-Verġni Marija, qieset b'unur lilha li Marija, Omm il-Mulej tagħha, żaritha. "*U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?*" (Lq. 1:43). Teżisti differenza reali bejn li tgħid "Omm Alla" u meta tgħid "Omm il-Mulej"? Mela nsejna li l-Mulej hu Alla? F'każ li nsejna, ħa nisimgħu mill-ġdid x'jgħidilna s-Salm 118: "*Jaħweh hu Alla; hu d-dawl tagħna*" (S. 118:27).

Tul iż-żjara tagħha lil Eliżabetta, il-Verġni Marija tħaddtet il-kliem li jifforma l-għanja ewlenija li hi kantata għall-unur tagħha matul it-talb ta' sbieħ il-jum li l-Knisja Ortodossa tiċċelebra. "*U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja*" (Lq. 1:47-48).

Eliżabetta kienet diġà *mtliet bl-Ispirtu s-Santu* (Lq. 1:41). Tant hu hekk li għajtet: "*Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!*" (Lq. 1:42). Dan il-ġieħ mogħti lit-Theotokos mill-kuġina tagħha Eliżabetta hu eżattament dak li l-ġenerazzjonijiet tal-Knisja jagħmlu meta jsejħulha 'mbierka'. Fl-aħħar nett, meta Ġesù ra lil ommu u lid-dixxiplu tiegħu Ġwanni t-tnejn li huma ħdejn is-salib tiegħu, Ġesù ħalla lil Marija fil-kura tiegħu. Iżda b'dan l-att Ġesù waqqaf ukoll relazzjoni spiritwali ġdida bejniethom meta qal lil Ġwanni: "*Hawn hi ommok!*" (Ġw. 19:27). X'tifsira possibbli jista' jkollha din id-dikjarazzjoni tal-Mulej tagħna għajr li tagħmel lil ommu Omm l-Insara kollha? Jekk, kif jgħidu xi Nsara oħra, Marija kellha wlied oħra, kienet tassew tiġi bżonn il-kura ta' xi ħadd li ma kienx binha jew bintha skont il-ġisem?

L-inkarnazzjoni ta' Alla kienet imħabbra fit-Testment il-Qadim. Kien jeħtieġ li poplu jiġi magħżul għal għan speċifiku: li jipproduċi umanità qaddisa li minnha Alla nnifsu seta' jsir ġisem u demm. Marija hi dik li, fil-kliem tal-Mulej, hija l-ogħla eżempju ta' dawk "*li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!*" (Lq. 11:28). Permezz tal-qdusija personali tagħha Marija wettqet it-tamiet u l-profeziji kollha ta' Iżrael. Marija dehret b'mod tassew kbir fil-profeziji, l-aktar importanti minnhom dik ta' Isaija: "*Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el*" (Is. 7 :14). Il-Knisja Ortodossa minn dejjem qieset dawn il-passaġġi mill-Bibbja bħala xbihat u simboli tar-rwol tat-Theotokos fil-pjan divin tal-Mulej. Hi tagħżilhom biex jinqraw lejljet tliet festi li huma ddedikati lill-memorja tagħha.

L-ewwel insibu l-istorja tas-sellum ta' Ġakobb. Din l-istorja tirreferi għal Marija, li hi l-istrument li bih il-Mulej għażel li jidħol fid-dinja b'mod fiżiku. Jgħidilna t-test bibliku mill-Ktieb tal-Ġenesi: "*U ħolom, u ra sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli telgħin u niżlin miegħu*" (Ġen. 28:12). It-tieni, fil-ktieb tal-Profeta Eżekjel hemm il-kliem rigward il-verġinità perpetwa ta' Marija: "*U qalli: 'Dan il-bieb jibqa' magħluq: m'għandux jinfetaħ, u ħadd m'għandu jgħaddi minnu,* għax il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għadda minnu*;* għalhekk għandu jibqa*' magħluq.'*" (Eżek. 44:2). Fl-aħħar nett l-istess jista' jingħad għall-għollieq li kien qed jaqbad, li Mosè ra. Marija żammet f'ġufha lil Alla-bniedem, Ġesù Kristu, dak Alla li hu nar li jikkonsma u li qatt ma safa kkunsmat.

Il-konsegwenzi meta wieħed ma jilqax lit-Theotokos bħala parti mill-ħajja tal-Insara

huma ħafna aktar serji milli wieħed, mad-daqqa t'għajn, jista' jaħseb. It-teoloġija Ortodossa tinsisti dwar iż-żewġ naturi perfetti tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Hu kien Alla perfett u bniedem perfett. Il-Verġni Marija tat l-umanità lil Alla magħmul bniedem. Il-fidwa tar-razza umana setgħet tkun possibbli permezz tal-għaqda bejn Alla u l-bniedem fi Kristu. Għalhekk meta ma ssirx enfasi qawwija fuq il-qdusija ta' Omm Kristu, u meta jibdew deħlin ideat bħal li Marija kellha wlied oħra minn Ġużeppi (xi ħaġa li t-Testment il-Ġdid ma jgħidilniex li seħħet), u meta ma jitfakkarx ir-rwol ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni tal-umanità, jiġri li jkun hemm għarfien tassew żbaljat tal-inkarnazzjoni u tal-qawwa tagħha. Meta jiġi miċħud it-twelid verġinali ta' Kristu bilfors li mbagħad ikun hemm attakk fuq id-divinità ta' Kristu u l-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet. U jekk dawn jisfgħu attakkati, anki d-duttrina tat-Trinità tkun f'periklu kbir. Dan kollu jurina kemm fil-Knisja Ortodossa, bħal dik Kattolika, sehem Marija fil-ħajja tan-Nisrani hu importanti ħafna.

Fil-viżjoni Ortodossa l-Verġni Marija hi interċessura għalina. U l-kontenut tat-talb li hu indirizzat lilha hu wieħed ta' interċessjoni. Marija tidħol għalina mal-qaddisin quddiem it-tron tal-grazzja tal-Mulej. Il-Knisja li qed tissielet hawn fuq l-art u l-Knisja rebbieħa fis-sema huma tabilħaqq marbutin b'mod intimu fl-imħabba. Jekk hu tabilħaqq sewwa għal midneb li jitlob lil midneb ieħor biex dan jitlob għalih, kemm tabilħaqq huwa aktar sewwa u xieraq li wieħed jitlob lill-qaddisin, li diġà huma gglorifikati fis-sema u qrib it-tron tal-Mulej, biex jitolbu għalina! M'hemmx dubju li l-qaddisin jafu xi ħaġa dwar dak li qed iseħħ fis-sema. Humiex huma wkoll parti mill-festa li sseħħ fis-sema għal kull midneb li jindem? Ejjew ma ninsewx li fis-sema l-qaddisin huma ndaqs mal-anġli. Bħalma jgħidilna t-test ta' San Luqa: "*Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet*" (Lq. 20:36). Barra minn hekk il-qaddisin huma użati mill-Mulej biex bihom iwettaq il-pjan tiegħu. Isimgħu x'jgħidilna l-ktieb tal-Atti tal-Appostli: "*F'daqqa waħda deher anġlu tal-Mulej, u dawl idda mal-kamra. L-anġlu ta daqqa lil Pietru fuq ġenbu, qajmu u qallu: 'Qum malajr.' U l-ktajjen waqgħu minn ma' jdejh*" (Atti 12:7).

Bħalma rajna x-xhieda tal-Bibbja nnifsha turi l-attitudni ta' mħabba u qima kbira li l-Knisja Ortodossa għandha lejn il-Verġni Marija u anki l-qaddisin. Min-naħa tagħha t-Tradizzjoni turi xhieda abbundanti tal-importanza li l-Verġni Marija għandha fil-ħajja tan-Nisrani.

Nagħlaq din ir-riflessjoni tagħna b'silta minn talba mill-isbaħ lil Marija li ġejja mit-Tradizzjoni Ortodossa:

*Ifraħ, Marija, Omm Alla, Verġni, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek. Imbierka int fost in-nisa kollha u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, għax int wilidt lis-Salvatur ta' rwieħna. Ammen.*




# Ikun minni skont kelmtek



Fr. Brian Glalanzè

"X'qed nagħmel b'ħajti?" Din hija mistoqsija li xi darba jew oħra f'ħajjitna, fil-fond ta' qalbna jew b'għajta ta' disperazzjoni, staqsejna lilna nfusna. Mistoqsija li xi darba jew aktar minn darba staqsejna lilna nfusna f'xi mument ta' ħajjitna meta ħassejna li missejna l-qiegħ, qed negħrqu.

Xi kultant din il-mistoqsija toħroġ spontanja, sforz l-għeja jew mument ta' frustrazzjoni. Imma xi kultant din il-mistoqsija tkun karba lil Alla f'mument ta' disperazzjoni.

Forsi l-ħajja mhux qed tagħtik dak li dejjem ittamajt fiha. Forsi dak li qed tagħmel mhux qed itik sodisfazzjon. Jew forsi minflok qed tiffoka fuq it-triq ta' ħajtek, qed tintilef f'dak li qed jagħmel ħaddieħor. Forsi qed taħseb: "Ħares lejha, ara x'lussu ta' ħajja qed tgħix! Kollox jiġiha tajjeb. Jien qatt nista' nirnexxi bħalha? Ma naħsibx li dak li qed nagħmel jien jiswa daqs dak li qed tagħmel dik."

Min qed ifittex li jkun jaf, iħobb u jaqdi lil Alla, qalbu hija mħeġġa li jagħmel ħwejjeġ kbar għal Alla. U min jaqdi lil Alla b'qalb kbira jkun lest li jkollu l-aqwa relazzjoni ma' Alla. Iżda xi kultant ir-rutina tal-ħajja ta' kuljum iġġegħelna naħsbu: "Xi d-dinja qed nagħmel b'ħajti?"

It-tweġiba ta' Marija f'mumenti bħal dawn hija, "Ikun minni skont kelmtek. F'mumenti bħal dawn, l-ubbidjenza mingħajr kundizzjoni għar-rieda t'Alla ġġiegħlek tikber fl-imħabba lejn Marija u tersaq għall-kenn tagħha. F'mumenti bħal dawn Marija hija l-għajnuna tagħna, il-konsolazzjoni tagħna. F'dawn il-mumenti għandna bżonn lil Marija biex tieqaf magħna – fis-silenzju.

Għalhekk x'jagħmel lil Marija persuna tant qaddisa? Jiena naħseb l-ubbidjenza tagħha, il-fedeltà u l-imħabba lejn Alla u lejn il-Familja Mqaddsa. Għal dawk ta' madwarha probabilment li f'ħajjitha Marija kienet tidher li mhi qed tagħmel xejn straordinarju għal Alla. Dak li Sidtna Marija kienet qed tagħmel fil-ħajja kwieta tagħha ta' Nazaret kien li kull ħaġa li kienet qed tagħmel, anke jekk kienet diffiċli, ta' rutina jew repetittiva u ta' dwejjaq, Marija kienet timlieha bi mħabba qawwija. Is-silenzju tagħha jitkellem waħdu għax kienet tfittex il-ferħ tal-Mulej f'kull mument ordinarju tal-ħajja. Marija tpoġġi qalbha fis-servizz tagħha għal Alla.

Il-qdusija ma tfissirx li minn issa jarawk liebes raġġiera, iżda li tkun fidil fl-affarijiet ordinarji tal-ħajja, bħal Marija. San Franġisk de Sales kien iħobb jagħti l-parir, "Bloom where you are planted". Għandna bżonn inpoġġu qalbna f'dak kollu li nagħmlu u nagħmlu l-ġid lill-oħrajn. Mhux li kien li nikkonsultaw ma' Alla fit-talb dwar kull pass li nagħmlu biex inkunu nafu r-rieda tiegħu u nagħmluha.

Għandna bżonn infittxu mumenti ta' silenzju u ngħarblu d-direzzjoni ta' ħajjitna fid-dawl tal-Kelma t'Alla. Il-Papa Franġisku jħeġġiġna biex kuljum naqraw l-Evanġelju tal-ġurnata;

kulma joħodlok hu żewġ minuti biss. Ibda din l-użanza llum u tara kif jikber fik l-għatx għal Alla u l-ħeġġa biex tagħmel ir-rieda tiegħu.

Għandna bżonn inrabbu l-familji tagħna fl-ispirtu tal-Familja Mqaddsa u nrawmu lill-familji tagħna fil-biża' ta' Alla u nkunu ġenituri ideali bħal Marija u Ġużeppi. Ejjew bħal Marija nkunu protetturi, billi noqogħdu attenti kif nużaw ilsienna, kif nesprimu l-emozzjonijiet tagħna, noqogħdu attenti minn x'inhu jiġri f'qalbna, għax mill-qalb joħorġu intenzjonijiet tajbin u ħżiena – huma l-intenzjonijiet li jibnuna jew ikissruna. M'għandna qatt nibżgħu mit-tjubija u l-ħlewwa fl-attitudnijiet tagħna.

Minn qalbi f'ismi nawguralkom festa li tqanqal f'qalbna x-xewqa li bħal Marija nfittxu li npoġġu qalbna u lil Alla f'kull ħaġa u f'kull mument ta' ħajjitna, żgħir kemm hu żgħir. Viva Santa Marija!



# L-Imġarr fi żmien il-Preistorja



Kitba ta' Chev. Mario Coleiro O.S.J.

Il-gżejjer Maltin għandhom storja li tmur lura għal madwar 8,000 sena, sa minn mindu rifes fuq din l-art il-bniedem. L-ewwel ċiviltà f'pajjiżna kienet magħmula minn nies li ma damux ma ndunaw kif jistgħu jużaw dak li sabu madwarhom. Artna qatt ma kienet xi art magħrufa għal ħafna foresti, u għalhekk meta l-bniedem ġie biex jibni, ma sabx ħafna siġar biex jagħmel dan. Għalhekk kellu jitgħallem kif juża l-ġebla biex jibni biha. Din il-ħaġa għall-antenati tagħna kienet ħafna iktar diffiċli milli jużaw l-injam. Imma b'fortuna għalina din il-ħaġa hija ta' vantaġġ, għax filwaqt li l-injam jispiċċa maż-żmien, il-ġebel jibqa' għal dejjem.

Sal-ġurnata tal-lum għadna nsibu iktar minn 35 binja f'pajjiżna li jmorru lura għal dan il-perjodu fl-istorja tal-Mediterran, meta ċ-ċiviltà li kien hawn fuq il-gżejjer Maltin kienet l-iktar ċiviltà avvanzata li rnexxielha tiżviluppa sistema ta' bini li kienet ħafna iktar avvanzata minn ta' ċiviltajiet oħrajn. Fil-fatt illum nafu li l-binjiet megalitiċi tagħna, dawk li aħna nsejħulhom 'it-tempji', huma l-eqdem bini bil-ġebla li bena l-bniedem fid-dinja.

L-iktar binjiet magħrufin huma bla dubju ta' xejn il-Ġgantija f'Għawdex u dawk ta' Ħal Tarxien, Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Iżda dan ma jfissirx li tempji oħrajn huma inqas importanti. Ir-raħal pittoresk tal-Imġarr jista' jiftaħar li fit-territorju tiegħu għandu żewġ binjiet importanti ħafna, li jmorru lura għal dan il-perjodu fl-istorja ta' pajjiżna. Dawn huma t-tempju Ta' Ħaġrat, li jinsab fil-qalba tar-raħal, u dak ta' Skorba, li jinsab viċin iż-Żebbiegħ.

It-tempju Ta' Ħaġrat huwa wieħed importanti ħafna, għax dan jappartieni lill-ewwel fażi tat-tempji. Fl-arkeoloġija l-perjodu tat-tempji jinqasam fi tliet fażijiet: dik tal-bidu, li fiha nsibu binjiet bħall-



Figura tal-alla tal-fertilità li nstabet fit-tempju ta' Skorba



It-tempju ta' Skorba



Pjanta tat-tempju ta' Skorba

Ġgantija, l-Imnajdra u Ta' Ħaġrat. Insibu l-fażi tan-nofs, li fiha nsibu 'l Ħaġar Qim u Skorba, waqt lu fil-fażi tardiva nsibu t-Tempju ta' Ħal Tarxien. Hekk naraw li l-binja Ta' Ħaġrat hija primittiva ħafna u l-blat li ntuża huwa blat naturali, li donnu jidher bħal ħajt tas-sejjieħ magħmul minn ġebel kbir ħafna, filwaqt li fit-tempju ta' Skorba naraw li l-ġebel li hu mibni bih it-tempju huwa ġebel maqtugħ u maħdum. Dan ġej mill-fatt li fit-tieni perjodu tat-tempji l-bniedem kien jaf kif jaqta' l-ġebel u jaħdmu wkoll. Dan kollu minkejja li l-ħadid kien għadu ma ġiex skopert. Għalhekk dawn iż-żewġ tempji joffru studju interessanti ta' kif il-bniedem żviluppa l-metodu tal-bini u ta' kif jaħdem il-ġebla.




Pjanta tat-tempju Ta' Ħaġrat

Ħaġa oħra importanti ħafna li ħarġet minn dawn iż-żewġ binjiet hija l-fuħħar li nstab meta dawn kienu skavati, speċjalment dak ta' Skorba, li kien kważi mgħotti kompletament bil-ħamrija, u għalhekk meta tneħħiet il-ħamrija fiha nstabu bosta artefatti li llum kollha jinsabu fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta. Fost is-sejbiet importanti li nstabu hawnhekk insibu l-eqdem figura umana li għandna fil-kollezzjoni nazzjonali.



It-tempju Ta' Ħaġrat

# Il-Ġmiel u l-Kobor tal-Madonna ta' Pinu

Fr David Muscat

It-titular tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex huwa bħal tal-Imġarr, jiġifieri l-Assunta – Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Dis-sena l-inkwatru devot jagħlaq 400 sena minn meta kien tpitter, u għalhekk fl-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju qiegħed idur il-parroċċi ta' Għawdex għall-qima tan-nies. Minn dan l-inkwatru l-Madonna kellmet fl-1883 lil Karmni Grima u lil Frenċ tal-Għarb, li semgħuha tgħid "Ejja!" u minn dak iż-żmien kotra ta' grazzji ħarġet minn dan is-santwarju bażilika.

Interessanti li fiż-żjara pastorali ta' Monsinjur Dusina fl-1575 insibu li l-kappella l-qadima tant kienet fi stat ħażin li dan l-istess Monsinjur ordna li dil-knisja ċkejkna kellha tiġġarraf. Imma Alla l-imbierek kellu ħsieb ieħor għal dal-maqdes ċkejken li ommu Marija kienet tefgħet ħarsitha fuqu.

Meta l-ewwel bennej refa' idu biex bl-imterqa jkisser il-ġebel qaddis, mal-ewwel daqqa li fajjar dlonk kiser idu. Ir-raħlin twerwru kif saru jafu b'dak li ġara, u ħadd ma ried imissha l-kappella. Dlonk qatgħuha li dak kien messaġġ mis-sema. Tabilħaqq il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.



Karmni Grima



Frenċ tal-Għarb

Ftit tas-snin wara nqala' benefattur li ħallas għat-tiswijiet minħabba l-ħsarat kbar ta' tmermir u xquq li kien hemm. Għaddew aktar snin u sar ukoll l-inkwatru li għadna naraw sal-lum. Iż-żmien tal-grazzji l-kbar kien għadu ma wasalx, u l-kappella baqgħet hemm fil-ħemda tistenna l-waqt u l-persuni magħżula mill-Madonna.



Il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu

Fl-aħħar wasal iż-żmien. Xebba u ġuvni minsijin mid-dinja imma kbar quddiem Alla fetħu qalbhom għall-ħidma tal-grazzja u tassew "ħwejjeġ kbar għamel il-Mulej" magħhom u bihom.

Dawn bħall-Madonna kkoperaw mal-grazzja u l-post inbidel minn kappella ċkejkna għal santwarju kbir u mill-



Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex

isbaħ fejn Omm Alla tilqa' n-nies resqin lejha jitolbuha tidħol għalihom f'dal-wied tad-dmugħ.

Hekk jaħdem Alla l-imbierek fl-istorja tal-bniedem. Il-kbar u s-setgħanin jitwarrbu. Huma mingħalihom li se jkunu huma li se jwittu l-muntanji u jordmu l-widien għal ġieħhom u l-folol jagħmu quddiemhom.

Alla mhux hekk jaħdem, għax huma bħall-ħaxix li jinbet filgħodu u jidbiel filgħaxija. Il-veri stejjer ta' grazzja u ta' ħniena s-Sinjur jiktibhom b'nies ċkejknin bħal Karmni Grima u Franġisk Portelli.

Erħulha għalhekk lejn is-santwarji tal-Madonna bil-mixi, bir-rota, bil-karozza, kif tridu. Morru lejn dawk ta' veru u mhux dawk mibdula f'suq, għax "ma tistax taqdi żewġ sidien… lil Alla u lill-flus" (Mattew 6, 24).

Oqogħdu b'seba' għajnejn għax kif qal il-Papa Franġisku, "ix-xitan jidħol fir-ruħ mill-but." "Fittxu s-saltna t'Alla u l-bqija jingħatalkom b'żieda" (Luqa 12, 31). Itolbu lil Ommna Marija Santissima l-grazzji spiritwali kollha li għandkom bżonn.



Il-Papa Franġisku

# Il-Kult Marjan fil-Gżejjer Maltin

Max Farrugia
*Dip. Lis.*

Il-kult u d-devozzjoni Marjana fil-gżejjer Maltin imorru lura għal diversi sekli. Dawn insibuhom taħt forom differenti, bħal pereżempju wegħdi, pellegrinaġġi, purċissjonijiet, movimenti dedikati lill-Madonna, kitbiet, poeżiji, innijiet, talb, domni, midalji, laptijiet, kuruni, santi u diversi oġġetti oħra. Xi wħud minn dawn il-forom huma fuq bażi individwali u varjaw ħafna, u oħrajn huma kollettivi. Dawn tal-aħħar fil-biċċa l-kbira huma mmexxija mil-lajċi bl-approvazzjoni tal-Knisja. Fuq skala nazzjonali u lokali, dan il-kult huwa popolari permezz ta' xogħlijiet tal-arti, fratellanzi, artali, vari, statwi, niċeċ, kappelli, knejjes, bażiliki, santwarji u festi, fost affarijiet oħra.

Matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru f'Malta minn dejjem kien hawn kult u devozzjoni qawwija lejn il-Madonna, tant li huma dedikati lilha u minn dejjem kienu u għadhom isiru ħafna attivitajiet Marjani matulhom. Barra minn hekk, matul is-sena ħafna huma l-attivitajiet Marjani li huma prattikati. Ta' min isemmi li x-xahar ta' Awwissu jiġu ċċelebrati diversi festi dedikati lit-tlugħ ta' Marija Santissima fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, filwaqt li matul xhur oħra jiġu ċċelebrati festi oħra lill-Madonna taħt titli differenti.

F'diversi bliet u rħula f'Malta u Għawdex hemm il-kultura li xi għaqdiet iħaddnu devozzjoni lejn il-Madonna. F'dawn ix-xhur, b'mod speċjali, jinġabru fi gruppi biex ifaħħru u jqimu lil Marija permezz tat-talba tar-rużarju, kant u tifħir Marjan ieħor. Fil-familji kien hawn drawwa qawwija ħafna li matul Ottubru, b'mod speċjali, il-meditazzjoni tar-rużarju ma tonqosx. Mas-sebħ f'nofsinhar u ma' nżul ix-xemx kienet id-drawwa li tingħad l-Angelus filwaqt li fit-tmienja jingħadu tliet Ave Marijiet. Din il-kultura kienet qawwija anki fuq il-postijiet tax-xogħol. Il-ħaddiema, ikunu fejn ikunu, jieqfu għal ftit minuti biex isellmu lill-Madonna permezz ta' talba żgħira.


Kuruna li tintuża mill-fratelli tal-fratellanza tar-rużarju

Fuq bażi personali, ħafna huma dawk l-individwi li jġorru fuqhom u fuq uliedhom domni tal-Madonna taħt titli differenti, biex tinterċedi għalihom u tħarishom minn kull deni li jistgħu jiltaqgħu miegħu matul il-ġurnata. Kien hawn żmien meta minbarra l-laptu tal-Madonna tal-Karmnu u laptijiet oħra, fosthom il-laptu l-aħdar, kienu jinħadmu laptijiet kbar taċ-ċarruta bi xbieha tal-Madonna fuqhom u dawn kienu jitwaħħlu mas-sodod tat-trabi u t-tfal żgħar għall-

protezzjoni tagħhom. Illum il-ġurnata din il-kultura naqset u dawn il-laptijiet saru aktar parti mill-patrimonju kulturali ta' pajjiżna. Dawn il-laptijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu maħduma u rrakkmati missorijiet u jingħataw bħala rigal.



Il-knisja parrokkjali tal-Imġarr, dedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema

### IL-KULT MARJAN MIFRUX MAL-GŻEJJER MALTIN

Kontra dak li nsibu fil-kult tal-qaddisin, fejn id-devozzjoni f'ħafna każi hija limitata għal xi raħal jew tnejn, permezz ta' artali jew pittura f'xi knejjes, il-kult Marjan jinsab mifrux f'kull belt u raħal tal-gżejjer Maltin. Tant huma kbar il-kultura u d-devozzjoni lejn Marija Santissima li saħansitra anki fuq il-gżira ċkejkna ta' Filfla kienet inbniet kappella troglodita ġo wieħed mill-għerien matul is-seklu erbatax, u kienet dedikata lill-Madonna. Sfortunatament din ma għadhiex teżisti. Fuq il-gżira ta' Kemmuna, li hija fost l-iżgħar fl-arċipelagu Malti, għad hemm imwaqqfa waħda mill-aktar kappelli antiki ta' dawn il-gżejjer. Oriġinarjament, bħal ħafna oħrajn, kienet dedikata lil Santa Marija, imma meta ġiet rinovata kienet ingħatat it-titlu tar-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu għal Nazaret. Din il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u ta' kull sena fil-15 ta' Awwissu għadha tiġi ċċelebrata l-festa dedikata lil Marija Assunta.

Meta titkellem ma' nies f'lokalitajiet differenti u tistaqsi dwar xi kappelli, ħafna jgħidulek li dawn huma dedikati lil Santa Marija u jkomplu billi jżidu t-titlu ta' kif ikunu magħrufa fir-raħal tagħhom, jew inkella bl-isem tal-post fejn ikunu qegħdin. Ftit huma dawk li jagħtuk it-titlu ta' kif tkun dedikata l-kappella. Ħafna minn dawn il-kappelli u knejjes żgħar fl-oriġini tagħhom huma dedikati lil Marija Assunta. Maż-żmien ingħataw titlu ieħor biex jiddistingwuhom minn oħrajn peress li ħafna kellhom l-istess dedika. Biex nagħti xi eżempji dwar dan, insemmi fost l-oħrajn il-kappelli ta' Santa Marija Tal-Ftajjar f'Ħal Luqa, Santa Marija ta' Ħal Xluq fis-Siġġiewi, il-Madonna Tal-Ħlas f'Ħal Qormi, u titli oħrajn. Xi wħud oħra għadhom magħrufa bl-isem tal-fundatur jew ta' min kien jieħu ħsiebhom, bħal pereżempju Tal-Baruni minflok il-Madonna tal-Erwieħ Abbandunati li tinsab f'Ħaż-Żebbuġ, Ta' Dun Nard fis-Siġġiewi minflok Marija Assunta, u Ta' Nuzzu fil-Ħamrun minflok il-Madonna ta' Porto Salvo.

Storikament fis-seklu tlettax insibu li kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex diġà kien hawn imwaqqfa żewġ knejjes prinċipali fil-Gran Castello ta' Għawdex u fil-belt kapitali l-Imdina dedikati lill-Assunta. Aktar 'il quddiem fl-istess perjodu l-kult Marjan kompla jiżviluppa u d-devozzjoni kibret. Inbnew numru ta' knejjes ad unur il-Madonna, li kienu jkunu mżejna bi kwadri titulari, affreski u f'xi każi anki statwi. Fost l-ewwel postijiet ta' talb li huma Marjani nsibu kappelli semitrogloditi fil-Mellieħa u Sant'Anġlu, jew aħjar, kif kien magħruf, Castello al Mare.

Maż-żmien il-popolazzjoni dejjem kompliet tikber u minħabba f'hekk bdew jinħolqu dawk l-hekk imsejħa viċi parroċċi tal-parroċċa ewlenija, li kienet il-Katidral tal-Imdina, li wkoll oriġinarjament kien dedikat lill-Madonna. Kmieni fis-seklu ħmistax in-numru ta' viċi parroċċi diġà kien ta' sitta u erbgħin, bi tnejn u għoxrin minnhom dedikati lill-Madonna.[1] Dak iż-żmien il-popolazzjoni kienet madwar erbgħa u għoxrin elf f'Malta u tmint elef f'Għawdex.[2] Kien għalhekk li fl-1436 l-Isqof Senatore de Mello waqqaf uffiċjalment għaxar parroċċi fl-aktar partijiet tal-gżira li kienu popolati. Minn dawn, nofshom kienu dedikati lill-Madonna. F'dawn iż-żminijiet il-kult u d-devozzjoni Marjani ħadu spinta 'l quddiem, u d-dediki prinċipali kienu l-Assunzjoni tal-Madonna, in-Nativitá, l-Immakulata Kunċizzjoni u t-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel li kellha ssir Omm Alla.



Il-kwadru titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema, li insibu fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr, xogħol Lazzru Pisani

## IL-VISTA APPOSTOLIKA TA' DUSINA

Fis-seklu sittax id-devozzjoni u l-kult Marjan komplew jikbru. Meta Monsinjur Pietro Dusina ntbagħat Malta mill-Vatikan fl-1575 biex jagħmel żjara appostolika, minn fost l-erba' mija u tmienja u għoxrin knisja u kappella li żar fi tlieta u erbgħin villaġġ u rħajjel li kienu jagħmlu parti minn parroċċi li kienu diġà mwaqqfa, sab li mija u tmienja u sittin minnhom kienu dedikati lill-Madonna taħt diversi titli.[3] Minn informazzjoni miġbura miż-żjara appostolika ta' Dusina jirriżulta li sitta u tmenin minnhom kienu dedikati lill-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, u tnejn u għoxrin lit-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, dsatax oħra lit-twelid ta' Marija, ħdax lill-viżitazzjoni ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta, waħda lill-Immakulata Kunċizzjoni, waħda lill-purifikazzjoni tal-Madonna, waħda lill-Madonna tal-Karmnu u sebgħa u għoxrin oħra taħt titli differenti.

F'Għawdex żar ħamsa u erbgħin knisja u kappella, li minnhom ħmistax kienu dedikati lill-Madonna. Minn dawn, disgħa kienu dedikati lil Marija Assunta, tnejn lit-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, tnejn oħra lit-twelid ta' Marija, waħda lill-

1 Bonnici Arthur, *Marija u Malta*, Malta 1967
2 Ferris Achille, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, 1866, Malta Facsimile Edit., Malta 1985
3 AAM, VA Dusina 1575

Immakulata Kunċizzjoni u s-sebgħa l-oħra lil titli differenti.[4] Minkejja dawn it-titli kollha, Marija, omm Ġesù Kristu u omm tal-bnedmin tad-dinja kollha, tibqa' l-istess waħda.

## L-EQDEM XBIEHA MARJANA FIL-GŻEJJER MALTIN

Minn dak li għadu jeżisti f'pajjiżna jew hu dokumentat, jirriżulta li bħala bidu tad-devozzjoni u l-kult Marjan f'Malta fost l-eqdem u l-aktar popolari nsibu l-pittura li hemm fl-Għar tal-Madonna fil-Mellieħa. Imma din mhix l-eqdem, għax fl-Abbatija tad-Dejr fil-katakombi fir-Rabat ta' Malta, f'waħda mill-kmamar li kienet tintuża bħala kappella ġo speċi ta' apside, hemm affresk li juri l-Madonna. L-affresk huwa tal-kruċifissjoni ta' binha Ġesù. Fil-ġnub ta' Kristu msallab hemm il-Madonna, bil-kelma *Mater* taħtha, u San Ġwann, bil-kelma *Joannes*. Fl-istess apside hemm affresk ieħor li juri t-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel li Marija kellha ssir Omm Alla bit-titlu *Mater Domini*.



L-istatwa titulari ta' Santa Marija waqt il-ħruġ tal-purċissjoni nhar il-festa tal-Imġarr

Dawn iż-żewġ affreski huma fost l-eqdem fdalijiet ta' tifkiriet Marjani li għadhom jeżistu sal-lum. Illum il-ġurnata din il-pittura tinsab kważi mħassra minħabba li dan il-post huwa umduż u rari jinfetaħ. L-affresk tneħħa u jinsab il-Mużew tal-Arti. Dan il-katakombi/abbatija kien ġie skavat fis-snin 1926-1927 minn Louis Upton Way. Imur lura għas-seklu erbgħa wara Kristu imma l-abbatija hija ta' madwar is-seklu tnax.

Il-kappella semitroglodita tal-Madonna tal-Għar fil-Mellieħa diġà kienet ta' importanza kbira u kienet tgawdi devozzjoni kbira. Insibu dokumentat li r-Re Federiku ta' Sqallija ġie Malta fl-1373, mar jitlob f'din il-kripta, u l-istess għamlu r-Re Martin fl-1408 u r-Re Alfonso fl-1432. Dawn kienu ftit mir-renjanti u nies prominenti li talbu f'dan il-post. Mill-1468 din il-knisja kienet post tal-pellegrinaġġi. Aktar riċenti, anki l-Papa San Ġwanni Pawlu II, matul iż-żjara tiegħu f'Malta, mar jitlob f'din il-kappella.

Fost l-aktar knejjes antiki f'Malta dedikati lil Santa Marija kien hemm l-ewwel waħda fil-belt antika tal-Imdina. Il-katidral ta' din il-belt huwa omm l-ewwel parroċċi li twaqqfu uffiċjalment fis-seklu ħmistax, u li minnhom komplew joħorġu l-parroċċi kollha ta' Malta. Din il-knisja kienet spiċċat fi stat ta' abbandun fi żmien is-Seraċini, u mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta fl-1091 inbniet mill-ġdid.[5] Dan il-katidral kien ġarrab ħsarat kbar fl-1693 meta Malta ntlaqtet b'terremot li għamel ħafna ħsara. Minfloku reġa' nbena dak preżenti fl-1702. Is-saqaf ta' dan il-katidral kien tpitter minn artist bl-isem ta' Manna u minħabba f'hekk f'xi dokumenti antiki jirreferu għal din il-knisja bħala Tal-Madonna Manna fl-Imdina.[6] Fuq barra tal-belt tal-Imdina, magħruf bħala 'r-Rabat', diġà kien hemm jabitaw

4 AAM, VA Dusina 1575
5 *Ricordo della Cattedrale di Malta*, Riproduzione intercetta da fotografie, R. Ellis, Malta
6 *Ricordo della Cattedrale di Malta*, Riproduzione intercetta da fotografie, R. Ellis, Malta

diversi familji, u allura nsibu li nbnew diversi kappelli wkoll. Fejn illum hemm iċ-ċimiterju tar-Rabat kien hemm kappella magħrufa bħala Santa Marija della Rocca. Kappelli Marjani oħra hemm il-grotta taħt il-knisja tal-patrijiet Dumnikani, magħrufa bħala Tal-Madonna tal-Għar, u oħra li hemm fl-inħawi Tal-Virtù, li dik oriġinali ma għadhiex tintuża. Dawn huma kappelli trogloditi Marjani. Matul iż-żminijiet xi kappelli antiki nħattu minħabba l-istat li kienu jinsabu fih u minflokhom inbnew oħrajn, xi uħud b'dediki differenti.

Għawdex insibu wkoll numru ta' kappelli li xi wħud għadhom jeżistu u oħrajn le, bħalma ġara fil-każ ta' Malta, li juru li d-devozzjoni u l-kult Marjan anki f'din il-gżira huma antiki ħafna. Fost dawn hemm Santa Marija Ta' Calleja fl-Għarb, Santa Marija Ta' Gaudiorum, illum margħufa bħala Santa Marija Tax-Xagħra, Santa Marija Tal-Qala, Santa Marija Tal-Virtù fl-Għarb, Santa Marija Ta' Bebuna jew Ta' Sabbetta, u oħrajn. Il-knisja żgħira li minflokha llum il-ġurnata hemm is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fl-Għarb ukoll tmur lura ħafna snin.

**IT-TITLI MARJANI JIEĦDU XEJRA DIFFERENTI**

Mis-seklu tnax it-titli u d-dediki Marjani bdew jieħdu xejra differenti. Ma baqgħux jissejħu biss Santa Marija u l-isem tal-post, imma bdew dieħla titli u dediki oħra. Ir-raġuni prinċipali hija li l-kappelli bdew jiżdiedu bil-bosta. Minn hawnhekk bdew jingħataw titli Marjani differenti. Ħafna mit-titli Marjani jissemmew fil-visti pastorali antiki u xi wħud anki fir-rapport li kiteb l-Isqof Senatore De Mello fl-1436, li ħafna jirreferu għalih bħala Rollo De Mello. Fil-perjodu Medjevali nsibu li fil-g*żejjer Maltin il-festi Marjani fil-biċċa l-kbira tagħhom* kienu jiġu ċċelebrati fil-15 ta' Awwissu, u proprju għalhekk kien hawn rabta kbira ma' Marija Assunta. F'xi knejjes Medjevali kienu jirreferu għall-Madonna bħala *SANCTA DEI GENETRICIS VIRGO*. Eżempju ta' dan huwa l-kappella troglodita li hemm Bormla, viċin il-Bieb ta' Santa Liena, li hija dedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Dan il-kliem insibuh imħaffer mal-ħajt tad-daħla prinċipali tal-kappella. Meta l-kult Marjan f'Malta fis-seklu sittax ħa spinta qawwija 'l quddiem, mill-ewwel tferrxet id-devozzjoni taħt diversi titli.

Li nafu fiċ-ċert hu li fis-sena 1436 l-Isqof Senatore De Mello kien sab li f'Malta kellna żewġ parroċċi mwaqqfa uffiċjalment, dik tal-Katidral tal-Imdina u oħra fil-Birgu.[7] Dawn kienu diġà jeżistu qabel din id-data, għax mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta r-reliġjon reġgħet bdiet tieħu r-ruħ.

L-Isqof ta' Malta Monsinjur Senatore De Mello, fl-1436, mill-Katidral tal-Imdina waqqaf uffiċjalment għaxar parroċċi ġodda. Minn dawn il-parroċċi, dawk tan-Naxxar u tal-Mellieħa ġew dedikati lit-twelid ta' Marija Verġni u dik ta' Bir Miftuħ lill-Assunzjoni. Mit-tlieta u erbgħin villaġġ jew irħajjel li kien hawn fis-seklu sittax dak iż-żmien kien hemm fihom sitta u erbgħin knisja jew kappella, bi tnejn u għoxrin minnhom dedikati lill-Madonna, ħdax minnhom dedikati lill-Assunzjoni, ħamsa lit-twelid ta' Marija, erbgħa lit-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, u tnejn lill-viżitazzjoni ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta.[8]

Illum il-ġurnata nsibu li f'Malta hawn imwaqqfa tlieta u sittin parroċċa. Minn dawn, wieħed u tletin huma dedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Minbarra dawn f'Malta hawn tliet mija u tmienja u għoxrin kappella li minnhom mija u tmienja u tletin huma dediki Marjani taħt ħamsa u tletin titlu differenti.

---

7 De Mello Isqof Senatore, *Anno Domini MCCCCXXXVI: Ordinus fuit, et est preasens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverendissimo Domino Episcopo*

8 AAM, VA Dusina 1575

F'Għawdex, fl-istess perjodu, fil-lokalità magħrufa bħala Tas-Saqqajja kien hemm diġà kappella għall-ħabta tal-1340. Insibu wkoll li fl-1419 il-familja Vagnolo ġabet permess biex tibni kappella dedikata lil Marija Assunta fil-katidral l-antik ta' Għawdex. L-ewwel referenza dokumentata għall-katidral preżenti tad-djoċesi ta' Għawdex tmur lura għall-1435, meta din il-knisja kienet diġà dedikata lil Santa Marija. L-istoriku De Soldanis fl-1746 jikteb li wara l-miġja ta' San Pawl fil-gżejjer Maltin il-knisja prinċipali ta' Għawdex kienet dedikata lill-Madonna, imma ma jagħti ebda data ta' meta nbniet. Monsinjur Joseph Bezzina jgħid li mill-fdalijiet li nstabu meta kien qed jinbena l-katidral ta' Għawdex, jirriżulta li fis-sena sebgħa u għoxrin qabel Kristu kien hemm tempju dedikat lil Ġuno u anki nstabu fdalijiet ta' knisja Marjana dedikata lil Santa Marija. Żgur li din il-knisja fl-1435 kienet il-matriċi jew il-knisja prinċipali ta' Għawdex.[9] Xi wħud mill-kappelli f'Għawdex kienu fi stat xejn tajjeb ta' konservazzjoni u kien proprju għalhekk li l-Isqof Balaguer fl-1657, matul vista pastorali, ipprofana xejn inqas minn sittax-il waħda.[10] Minkejja dan, il-kult Marjan xorta waħda kompla jikber għax minflokhom inbnew xi oħrajn. Illum il-ġurnata hemm ħamsin knisja u kappella li minnhom erbgħa u għoxrin huma dedikati lil Santa Marija. Dediki oħra huma: Tal-Grazzja, l-Immakulata Kunċizzjoni, Ta' Pompei, Tal-Vitorja, Tal-Viżitazzjoni, il-Lunzjata, Tal-Patronaġġ, Ta' Loreto, Tas-Sokkors, Ta' Lourdes, Ta' Manresa, Tal-Ħniena, Tal-Karmnu, Stella Maris u l-Ħarba tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu. Din tal-aħħar tinsab fuq Kemmuna.

F'Għawdex illum il-ġurnata hemm ħmistax-il parroċċa, b'sitta minnhom dedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Minbarra dawn hemm ukoll disgħa u erbgħin kappella dedikati lill-Madonna taħt sittax-il titlu differenti.

Il-kult lejn il-Madonna matul is-sekli kompla jinfirex permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq u l-pjazez tal-irħula u l-bliet Maltin. L-istess nistgħu ngħidu għall-purċissjonijiet li jsiru ad unur Marija Santissma fil-bliet u l-irħula tal-gżejjer Maltin matul il-festi. Imma l-aktar waħda li tiġbed nies lejha hija dik magħrufa bħala l-purċissjoni tad-Duluri, li tinżamm kważi f'kull belt u raħal matul l-aħħar ġimgħa tar-Randan, ġimgħa biss qabel il-Ġimgħa l-Kbira.

## TWAQQIF TA' GĦAQDIET U FRATELLANZI

Xhieda tal-kult u d-devozzjoni Marjani fil-gżejjer Maltin hija l-fratellanzi, li xi wħud minnhom ilhom jeżistu aktar minn erba' sekli, u għaqdiet li bdew jinbtu fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Dawn l-għaqdiet u gruppi Marjani f'dawn l-aħħar snin komplew jiżdiedu ma' dawk li diġà kien hawn.

Il-kult Marjan fostna l-Maltin ikompli juri s-saħħa tiegħu permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq u ma' binjiet varji u artali dedikati lill-Madonna li nsibu fil-knejjes u l-kappelli tagħna, kwadri tal-wegħda magħrufa bħala 'tal-ex-voto', statwi u niċeċ ma' bini privat li nsibu fit-toroq tal-bliet u l-irħula tagħna, poeżiji, innijiet u kotba li nkitbu kemm bil-Malti kif ukoll b'ilsna oħra u ġew stampati lokalment.



Kwadru tal-ex-voto, li kien isir meta jkun hemm wegħda maqlugħa

9 Bezzina Joseph, *Marian Devotions in the Island of Saint Paul 1600-1800*, Malta 1983
10 AAM, VP Balaguer 1657

## IL-WEGĦDI U L-INTERĊESSJONI TA' MARIJA

It-turija ta' devozzjoni u kult lejn Marija Santissima permezz ta' knejjes, kappelli u affarijiet oħra ma kinitx issir b'kapriċċ, imma hija persważjoni u xhieda qawwija li Marija dejjem kienet ta' għajnuna kbira u bla qies għal Malta. Ħalli nsemmi xi avvenimenti storiċi li ġraw. Bejn is-sena 1467 u l-1470 f'Malta ftit li xejn għamlet xita. Dan in-nuqqas ta' ilma kkaġuna nixfa kbira li għamlet ħsarat kbar, b'mod speċjali fis-settur agrikolu, li minnu kien jiddependi l-poplu Malti, kemm għall-ħidma ta' kuljum kif ukoll għall-għajxien tiegħu u l-annimali li jrabbi. Il-Maltin talbu l-interċessjoni tal-Madonna meqjuma fl-Għar tal-Mellieħa u dik is-sena x-xita niżlet b'abbundanza. L-istess kien ġara fl-1640, meta Malta esperjenzat nixfa kbira oħra. Fiż-żewġ okkażjonijiet kienu ġew organizzati velji ta' talb, pellegrinaġġi lejn dan is-santwarju u anki purċissjonijiet f'xi rħula. L-istess ġara matul l-assedju kontra l-Mislem, u matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-Madonna interveniet għat-talb tal-Maltin u l-għadu ġie megħlub.



Żewġ kappelli Marjani ħajt ma' ħajt. Waħda dedikata lil Santa Marija, magħrufa bħala Tal-Ftajjar, u l-oħra lit-twelid tal-Madonna

Fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt Malta esperjenzat ġuħ kbir minħabba nuqqas kbir ta' qamħ. Il-Gran Mastru kien fost dawk li personalment talbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Filermo, flimkien ma' xi kavallieri u Maltin. Ġranet wara x-xwieni tal-Ordni marru jattakkaw il-Port ta' Patras, li kien qed iżomm it-tagħbija tal-qamħ milli titlaq lejn pajjiżna. Ix-xwieni tal-Ordni kellhom suċċess fl-operazzjoni tagħhom u rnexxielhom iġibu l-qamħ li tant kien bżonjuż f'Malta. L-ikona mirakoluża tal-Madonna ta' Filermo li kienet fil-Katidral ta' San Ġwann inġiebet minn Rodi mill-Kavallieri wara li kienu salvawha wara li tilfu Ġerusalemm. Illum il-ġurnata tinsab fil-Montenegro. Żewġ Presidenti ta' Malta, Dr Guido de Marco u Dr George Abela, it-tnejn ippruvaw iġibu din ix-xbieha lura lejn pajjiżna, li kienet ingħatat lill-Kżar tar-Russja mill-Gran Mastru Ferdinand Hompesch kontra r-rieda tal-poplu fl-1798, matul l-okkupazzjoni Franċiża, imma ma rnexxilhomx. Kulma ngħatajna kienet kopja tagħha.

Il-ħafna kwadri tal-wegħda magħrufa bħala 'ex-voto' li jinsabu f'diversi knejjes u anki kappelli, fosthom fil-knejjes tal-Madonna Tal-Ħerba f'Birkirkara, Tal-Ħlas f'Ħal Qormi, is-santwarju ta' Ħaż-Żabbar, is-santwarju tal-Madonna Tal-Ħniena fil-Qrendi, il-knisja Tal-Minsija f'San Ġwann u diversi kappelli huma xhieda kbira ta' grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna f'Malta. Għawdex hemm



Il-kappella oriġinali tal-Madonna ta' Pinu, illum parti mis-santwarju

kwadri simili fis-Santwarju Ta' Pinu fl-Għarb, il-knisja ta' Lourdes fl-Imġarr u l-knisja ta' Santa Marija tal-Qala.

Insemmu wkoll li l-Madonna wriet ukoll li hija l-fejqan tal-morda meta għal diversi drabi Malta ntlaqtet mill-pesta, l-agħar fosthom fl-1675 u fl-1813. Bħala ringrazzjament għall-wegħdi maqlugħa matul dawn iż-żminijiet tal-pesti nbnew kappelli minn gran mastru, kavallieri u anki individwi oħra bħala ringrazzjament lil Marija Santissima li kienet is-sejf u t-tarka waqt gwerer u mard. Fost dawn il-knejjes hemm dik magħrufa bħala Ta' Sarria fil-Furjana, tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Ħaż-Żebbuġ u s-santwarju tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi.

Il-kult Marjan f'pajjiżna kompla jissaħħaħ f'Malta meta l-Isqof Publiju Sant talab lill-Vatikan biex Marija Santissima tiġi dikjarata l-patruna speċjali ta' Malta. Din it-talba ġiet milqugħa b'dak li jissejjaħ '*brevi apostolico*', li bih il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX għoġbu jaħtar u jiddikjara lil Marija Santissima patruna speċjali ta' Malta u Għawdex, peress li dak iż-żmien iż-żewġ gżejjer kienu djoċesi waħda. Dan il-*brevi apostolico* kien inqara fil-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fil-jum tal-ingress solenni tal-isqof fit-18 ta' Mejju tal-1848. Dan il-*brevi apostolico* jinsab arkivjat mad-dokumenti tal-Isqof Sant. Huwa ffirmat mill-Kardinal Lambruschini u jġib id-data tat-12 ta' Frar 1848.

**PURĊISSJONIJIET U PELLEGRINAĠĠI**

Matul is-sena, b'mod speċjali fil-festi Marjani, jinżammu diversi purċissjonijiet u pellegrinaġġi. Dawn f'diversi każi huma t-twettiq ta' wegħdi li kienu jsiru ma' Marija Santissima, mhux fuq bażi individwali imma komunitarja. Fl-antik dawn il-pellegrinaġġi kienu ferm akbar fin-numru mil-lum. Dan il-kult mill-Maltin kompla jiżviluppa anki barra minn xtutna. Numru kbir ta' pellegrini ta' kull sena jmorru lejn santwarji sagri li nsibu fl-Ewropa. L-aktar pellegrinaġġ antik sar lejn Lourdes fi Franza. Dan kien ġie organizzat bejn id-19 u d-29 ta' Awwissu 1895.[11] Dan kien sar meta l-mezzi tat-trasport bejn pajjiż u ieħor kienu ferm diffiċli u jieħdu fit-tul. Pellegrinaġġi oħra lejn postijiet Marjani li huma popolari mal-Maltin huma dawk lejn Fatima fil-Portugall, Loreto, Pompei u Pietrelcina fl-Italja, post marbut ma' Padre Pio, u hemm knisja dedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Isiru wkoll pellegrinaġġi għal Aylesford, Kent, fir-Renju Unit, u Medjugorje fil-Bożnija-Ħerzegovina. Mawriet bħal dawn mhumiex xi divertita lejn xi wħud mill-isbaħ pajjiżi fl-Ewropa, imma pellegrinaġġi spiritwali bħala xhieda qawwija ta' fidi u qima lejn Ommna Marija.

Dan il-kult diffiċli ħafna li jmut fil-gżejjer tagħna minħabba l-għeruq fondi li għandu, u dan huwa apprezzat ħafna anki mill-Vatikan. Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1983 kien għażel lil Malta biex hawnhekk jinżammu d-disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-sittax-il Kungress Marjan f'għeluq il-mitt anniversarju mid-dehra tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex. It-tema tas-sittax-il Kungress Marjan kienet Marija Omm il-Ħniena u r-Rikonċiljazzjoni.

11 Farrugia Max, *L-Istorja tal-Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes*, Malta 2009

# Id-Dehriet tal-Madonna



Joe Chetcuti
*Preżentatur tal-programm ‘Marċi u Bandalori’ fuq NetFM*

Id-dehriet tal-Madonna ta’ Lourdes kienu bla dubju ta’ xejn mezz ieħor biex Alla jgħallem lill-poplu tiegħu ħalli jindem minn dnubietu u jiġġedded f’ħajja aħjar li tkun togħġbob lilu. Ma nistgħux nifhmu d-dehriet ta’ Sidtna Marija f’Lourdes bil-messaġġ tagħhom indirizzat lid-dinja jekk ma nistudjawhomx b’mod oġġettiv, fil-kuntest/l-ambjent proprju tagħhom. Iva, irridu ngħarbluhom lil hinn minn kif naħsbuha u nħossu aħna jew ħaddieħor dwarhom, imma kif fil-fatt huma fihom infushom jew kif suppost għandhom jiġu studjati tassew. Jekk ma nagħmlux hekk nitbiegħdu sew mill-iskop qaddis tagħhom u ma niksbu ebda ġid spiritwali minnhom. U dina tkun ħasra kbira. Dan kien il-messaġġ li darba smajt mingħand il-ħabib kbir tiegħi Patri Martin Mamo, Kapuċċin, fil-kappella tagħhom fil-Furjana, fil-festi tal-150 sena mid-dehriet tal-Madonna f’Lourdes.



Il-Madonna ta’ Lourdes

Il-Knisja mqaddsa fit-tagħlim sabiħ tagħha fuq il-Verġni Marija Omma Alla u Omm il-Knisja terġa’ tgħidilna bi preċiżjoni:

‘Iżda l-qima lejn il-Madonna twassal għall-adorazzjoni ta’ Alla’ (LG 66)…

Li minnu ġej u li huwa kbir f’għemilu mal-bnedmin (Salm 126, 2-3), speċjalment fejn tidħol is-salvazzjoni tagħhom ta’ dejjem. Huwa l-bidu u t-tmiem ta’ kollox. Hawnhekk jinsab il-qofol tad-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes. Hawnhekk iridu jaslu d-devoti ta’ Marija biex il-qima tagħhom lejha tkun kif għandha tkun, realistika. Irrid ninnota illi l-kurunella illi tingħad fil-ġranet tad-dehriet, miktuba minn Dun Pawl Xuereb mill-Isla, approvata b’digriet mill-Isqof Monsinjur Karmenu Conti Scicluna nhar it-23 ta’ Ġunju tal-

1881, tlieta u għoxrin sena wara illi spiċċaw id-dehriet ta' Lourdes, tagħlaq b'dawn il-kelmiet:

*Tkun imbierka, mela, dejjem,*
*o Konċetta mingħajr ħtija.*
*Taħt it-titlu minn ta' Lourdes*
*lilek nagħtu kull foħrija.*

In-Nisrani għandu jagħti *adoratio* (qima laterija) lil Alla waħdu, qima iperdulija lill-Madonna u qima dulija lill-qaddisin.

Mill-faqar tiegħi u b'umiltà rrid ngħid kemm kien ikun aħjar kieku almenu l-aħħar strofa tal-kurunella popolari kienet tagħlaq bi kliem ta' tifħir lil Alla, milli tagħlaq kif tagħlaq. In-Nisrani ma jistax isebbaħ lill-Madonna b'qima iperdulija kif jixirqilha, jew lill-qaddisin u lill-anġli b'venerazzjoni dulija kif jimmeritahom, u fl-istess ħin jaqbeż jew inkella jinsa qabelxejn jagħti ġieħ 'l Alla b'qima laterija. Tista' tgħid illi fil-Kotba Mqaddsa, kull darba li xi ħadd ikollu xi dehra sopranaturali, mill-ewwel jinżel għarkupptejh jew inkella jmil quddiem il-kobor ta' Alla. Hekk għamel Ġwanni, il-veġġent tal-Apokalissi, quddiem l-anġlu li deherlu kważi fl-aħħar tal-profezija u ħasbu Alla. (Apok. 22, 8-9)


Santa Marie-Bernardette Soubirous

Lil Alla rridu nkunu nafuhulu wkoll talli nqeda bil-kariżmi straordinarji li għoġbu jagħti 'l Santa Marie-Bernardette Soubirous (1 Kor. 12, 11) li huma ta' siwi għall-ħtiġijiet tal-Knisja u jaqblu magħha. Minħabba dan kollu għandhom jintlaqgħu b'sentimenti ta' radd il-ħajr u ta' faraġ. Hekk għallimna l-Konċilju Vatikan II (LG 12).

B'fomm il-Profeta Ġeremija, Alla qal:

'Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama.' (Ġer 29, 11)

F'dan il-kliem mimli ottimiżmu jinġabar il-messaġġ tad-dehriet ta' Lourdes. X'ma jagħtikx illi tinżel għarkupptejk u tadura lil Alla!

Meta kollna mċekknin quddiem il-preżenza u l-kobor tal-Persuni divini ninżlu għarkupptejna aħna wkoll, waqt illi ngħidu mal-ikbar fost l-anawim – l-ulied ċkejkna (Lq. 1, 48, 52) – li hija wkoll waħda mill-fqar ta' Jaħweh:

'Infaħħrek, Missier, sid is-sema u l-art, talli dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok.' (Mt. 11, 25-26)


Il-Profeta Ġeremija

# Il-Festa ta’ Santa Marija



Greg Caruana

Fil-gżejjer Maltin il-festa ta’ Santa Marija mhix festa bħall-oħrajn, iżda għandha sinifikat speċjali għalina l-Maltin, kemm mil-lat tradizzjonali kif ukoll mil-lat storiku. Santa Marija hija l-patruna tagħna l-Maltin kollha. Għaliex l-istess storja tgħallimna li missirijietna, speċjalment fl-irħula Maltin u fir-raba’ tagħhom, dejjem emmnu u mxew tradizzjonalment ma’ din il-festa mbierka. Huma kellhom il-kalendarju tagħhom biċ-ċentru tiegħu Santa Marija. Fil-mistier tagħhom dawn dejjem raw kif se jaħdmu r-raba’ skont l-istaġun. Il-ħsad tas-silla u tal-qamħ irid ikun sar sa Santa Marija. Il-qamħ imbagħad kien jinfirex fuq l-andar jew il-biegħa, fejn kien ikun hemm romblu tal-ġebel u ħmara dejjem iddur, ħalli b’hekk il-qamħ joħroġ mis-sbula. Barra minn hekk kienu jġagħlu t-tfal joqogħdu jaqbżu fuq dak it-tiben ħalli jgħinu iktar il-qamħa tingħażel mis-sbula. Wara t-tiben jinġabar f’qatgħet u l-qamħ jinġabar fi xkejjer u jeħduh għand it-taħħan biex jintaħan u jsir dqiq. Dan ix-xogħol kollu jrid ikun sar sa Santa Marija. Imbagħad wara jduru għas-siġar tal-frott. Kien ikollhom il-ħarrub, li jinqata’ għal Santa Marija u Santa Liena. Dawn missirijietna kellhom ukoll l-għeneb, li kien ikun irid jinqata’ sal-Vitorja. L-ewwel li jinqata’ kien dak tal-konsumatur (li tixtri l-mara tad-dar) u wara jinqata’ dak tal-għasir għall-inbid. F’dawk iż-żminijiet dawn



Santa Marija tal-Imġarr

kienu jaħsbu biex mill-abbundanza tal-frott li jkollhom jaħsbu għax-xitwa, bħal tadam imqadded jew fis-salmura, u anke bajtar ta' San Ġwann, li kienu jistivawh ġo laned jew btieti, b'xi weraq tar-rand u xi naqra xorb milli jkollhom. Wara jibdew jieklu minnu għal San Martin. Imma l-iktar ħaġa importanti għal dawn il-bdiewa kienet IL-QBIELA.

Issa x'kienet din l-imbierka qbiela? Ir-raba' li kienu jaħdmu kien ikun imqabbel (mikri) lilhom mingħand xi baruni jew il-Knisja. U f'Santa Marija kienet tagħlaq is-sena agrarja, u huma kienu marbutin li jħallsu din il-kera, kif ukoll jekk il-frott tar-raba' kien ikun tajjeb, kienu marbutin li jagħtu lis-sid xi ħaġa tal-perkaċċi (illum ngħidulhom tips), bħal xi fenek jew xi ħasi. Barra minn dan kien hemm il-ftuħ tal-istaġun tal-lampuki, li wkoll jaħbat ma' Santa Marija. F'Santa Marija għandna wkoll il-famużi Għerejjex ta' Santa Marija, li magħhom iġibu xi ftit tal-frisk li tant ikun milqugħ tajjeb f'dik is-sħana, kif ukoll tibda l-ewwel xita biex biha jitrejjaq ir-raba', li jkun mejjet bil-għatx. Tradizzjonalment kellna wkoll il-visti tas-seba' Santa Marijiet, li jingħad li missirijietna kienu jagħmlu kull sena, meta jitilqu mill-Imġarr billejl għal Ħad-Dingli u jkomplu sejrin fl-irħula l-oħra, għal Ħ'Attard u l-Mosta, fejn jisimgħu quddiesa u wara jkomplu lura lejn l-Imġarr. Illum il-festa ta' Santa Marija hija festa pubblika, għaliex f'Santa Marija tas-sena 1942 konna wasalna biex inċedu għall-għadu, għaliex provisti ma kienx baqa'. Iżda propju f'dan il-jum glorjuż daħal fil-Port il-Kbir il-famuż tanker Ohio, li kien megħjun minn żewġ destroyers, li kien fih il-bżonnijiet li kellna bżonn.

Hawn ta' min isemmi lill-ħaddiema li ħadmu bla heda bil-bombi niżlin fuqhom biex iħottu dak li kellna bżonn, sabiex Malta rnexxielha ssalva. Illum din il-festa, li tiġi fl-eqqel tal-istaġun tal-festi, baqgħet iżżomm is-sinifikat tagħha, għaliex tiġi fil-qofol tal-vaganzi. Anki l-istess fabbriki kienu jagħmlu x-shut down. F'Santa Marija eluf ta' Maltin imorru weekend Għawdex, fejn matul il-ġurnata tiġi organizzata wirja agrarja u jkun hemm il-famużi tiġrijiet tal-bhejjem.

Mil-lat reliġjuż insibu disa' parroċċi li għandhom lil Santa Marija bħala titular. Fosthom insibu l-Imqabba, il-Qrendi, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħ'Attard, il-Mosta, l-Imġarr, ir-Rabat, Għawdex u ż-Żebbuġ, Għawdex ukoll. Ftit snin ilu Mons. Ġużeppi Mercieca kien għamel ukoll zona f'Birkirkara bħala parroċċa ta' Santa Marija. Dan minn hekk hemm bosta kappelli oħra madwar Malta u Għawdex, fosthom f'Kemmuna. Ta' min isemmi li fl-Imġarr, il-Qrendi u ż-Żebbuġ, Għawdex il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata l-Ħadd ta' wara l-15 ta' Awwissu.



Dehra mill-ajru tad-dħul tal-purċissjoni fil-festa ta' Santa Marija tal-Imġarr




Powder Coated

Bingemma Road, Mgarr
7993 6547

Blasting / Ceramic Coating
Galvanising / Powder Coating
Micro Cement

Refurbishing of: Balconies, Windows, Auto parts & Wheels, Motorcycle parts & wheels, Exhaust manifolds & parts, Agriculture & Industrial machinery, etc

More info on
Facebook: Powder Coated Malta
Website: powdercoated.com.my

sounds good

Mob:
9947 3237

sound | light | vision
EQUIPMENT HIRE

# Analiżi tal-Innu *L-Imġarr Bin Marija*
## *(l-ewwel parti)*

Christopher Bonnici
*B.A. (Hons), M.A.*

Insellem lill-qarrejja kollha ta' din il-pubblikazzjoni annwali, speċjalment lis-Segretarju tas-Soċjetà Joseph Caruana, li għal sena oħra wera fiduċja fija u talabni nikkontribwixxi f'dan il-ktejjeb illi toħroġ din is-Soċjetà żagħżugħa iżda li għamlet tant passi kbar, speċjalment fejn tidħol il-banda u t-tagħlim tal-mużika.

### Sfond Storiku

Għal din is-sena ħsibt sabiex nagħti ħarsa lejn dan l-innu, li nkiteb f'Awwissu 1938, u għalhekk issa jgħodd 81 sena. Huwa għalhekk innu pjuttost antik, miktub minn Ġanni Cilia, bis-Surmast Ċensu Ciappara jqegħedlu l-mużika li l-Imġarrin tant jieħdu gost biha u japprezzawha. Is-sena 1938 kienet sena interessanti għaliex fl-Ewropa kienet qed tinħema gwerra, gwerra bejnna l-Alleati u l-qawwiet Nażisti ta' Hitler. Fil-fatt madwar sena wara l-Ġermanja Nażista kienet invadiet il-Polonja u b'hekk bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, li tant ħalliet effetti negattivi fuq l-Ewropa. Wara li Mussolini ngħaqad ma' Hitler fl-10 ta' Ġunju 1940, l-effetti negattivi ġarrabhom pajjiżna wkoll, mhux biss bit-telfien ta' bini prestiġjuż imma anke bit-telf ta' diversi ħajjiet.


L-IMĠARR BIN MARIJA

Kliem tas-Surmast ĠANNI CILIA

Musica tas-Surmast ĊENSU CIAPPARA

NIHIL OBSTAT.

IMPRIMATUR.

Sunett antik bl-innu L-Imġarr Iben Marija. Fuq il-parti t'isfel tidher ukoll in-nota ta' Nihil Obstat

Qed insemmi dan kollu minħabba li l-mod kif inhu miktub dan l-innu, b'Malti Taljanizzat, juri li l-ortografija Maltija, għalkemm mhux fi żmien tant imbiegħed, kienet għadha ma bdietx tinkiteb bħal-lum, u għalhekk kienet iktar Taljanizzata. Il-Malti huwa lingwa b'bażi Semitika (Għarbija) iżda jinkiteb b'alfabett Latin. F'dan l-innu wieħed jista' jiltaqa' mal-kelma *Lilec* minflok *Lilek*, *bnewlec* minflok *bnewlek*, *cbira* minflok *kbira* u *b-imħabbtec* minflok *bi mħabbtek*.

Interessanti l-fatt illi dan huwa wieħed mill-ewwel innijiet miktuba bil-Malti, minkejja li l-ortografija (l-alfabett) huwa ftit differenti. Diversi drabi kienu jinkitbu innijiet bit-Taljan. Wieħed jista' jsemmi l-innu miktub fl-1907 minn Patri Salvatore Mammana għall-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, innu li baqa' jitkanta bit-Taljan propju sas-sena 1939,

meta l-partitura mużikali ta' Lorenzo Galea ngħatat lill-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila u addatta nofs l-istrofi li oriġinarjament kellu dan l-innu popolari lil San Lawrenz. Donnu kellu jkun dan iż-żmien ta' gwerra mal-Ġermanja u mal-Italja li qajjem lill-Maltin fuq tagħhom sabiex jiddefendu l-lingwa tagħhom u jibdew jużawha mhux biss bħala *l-kingwa tal-k*ċina imma anke bħala lingwa letterarja.

Tajjeb illi niftakru wkoll illi minn nofs is-seklu dsatax sal-1934 f'Malta kien hawn żewġ blokki jissieltu kontra xulxin fil-Kwistjoni tal-Lingwa, min jissielet għall-Ingliż u min għat-Taljan, u s-sena 1938 kienet erba' snin wara li ntemmet din il-Kwistjoni tal-Lingwa, li rat lill-Malti jieħu status uffiċjali flimkien mal-Ingliż. It-Taljan imbagħad ma baqax il-lingwa tal-kultura għalina; anzi, l-Italja kellha ssir dak il-pajjiż illi jattakkana.

**Analiżi Tematika**

L-ewwel vers tal-innu jsemmi l-ħidma qalb ir-raba', u għalhekk isemmi t-timbru tal-Imġarrin illi għadhom sal-lum marbutin, uħud minnhom, mal-ħajja fir-raba'. Inżommu f'moħħna l-epoka li fih inkiteb. Cilia jsemmi x-xjuħ li wara ħidmithom fir-raba', ifaħħru lill-Madonna, li hija meqjusa *kbira* u ħelwa. Dawn iż-żewġ aġġettivi huma ftit paradossali, għax xi ħaġa kbira ma tistax tkun ħelwa, imma l-Madonna, illi Cilia jsejħilha mill-ewwel bħala *Ommna Marija*, jara fiha sens ta' kobor minħabba li hija Omm Kristu u Ommna lkoll iżda fl-istess waqt ħelwa għax taf tħobb, tagħder u tifhem. Isemmi l-fatt illi bnewlha knisja, illi huwa jsejħilha *dar u biha ssaħħru*. Nifhmu li qed jirreferi għall-knisja u mhux għal xi dar oħra minħabba li din id-dar bnewha lill-Madonna peress illi hija l-patruna ta' dik id-dar u fl-istess waqt il-kelma *dar* jiktibha b'ittra kbira, u għalhekk qed juri li dik hija d-dar ta' Alla l-Imbierek u ta' Ommna Marija. Jirreferi għall-Imġarr bħala żgħir. Minkejja li pajjiżna kollu mhux xi kbir, meta mqabbel ma' xi pajjiżi oħra, inklużi ġirien tagħna, illum l-Imġarr qed jikber, fosthom anke bis-subborg taż-Żebbiegħ. Madankollu, meta nżommu f'moħħna ż-żmien illi nkiteb fih dan l-innu, l-Imġarr kien ferm iżgħar. Ġanni Cilia jattribwixxi l-ħarsien ta' dan il-lokal lil Ommna Marija u l-wens lil imħabbitha.



Is-Surmast Ġanni A. Cilia

It-tieni strofa tibda b'deskrizzjoni ġeografika tal-Imġarr fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-post minn fejn tintlemaħ il-Gżira ta' San Pawl u l-post fejn tinżel ix-xemx, u għalhekk l-aħħar raġġ tagħha *jmut bil-baħar*. Il-fatt illi jsemmi l-Gżejjer ta' San Pawl juri li l-Imġarr huwa post illi ntlaqat mill-ewwel bit-tagħlim tal-appostlu Pawlu meta ġie f'pajjiżna. Ir-raba' versi l-oħra ta' din l-istrofa jsemmu li n-nies kotru u żiedu l-qima lejn is-Sultana. Hawnhekk għall-ewwel darba jattribwixxi l-kwalitajiet ta' sultana lil Ommna Marija. Dan il-fatt jinżel aħjar minħabba li l-Imġarr jiċċelebra lil Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem, fatt illi juri lil Ommna Marija bħala sultana, tant illi ġimgħa wara l-festa tal-Assunzjoni, jiġifieri fit-22 ta' Awwissu, niċċelebraw lil Marija Reġina. Mill-ġdid tissemma l-knisja li nbniet qalb

il-ħdura, u għalhekk ikompli jenfasizza kemm l-Imġarr kien marbut man-natura iktar milli mal-bini, u jisħaq illi din il-knisja kisbet mill-ewwel ċerta devozzjoni minħabba li n-nies resqu għall-barka ta' Ommna Marija *bla għadd*.

It-tielet u l-aħħar strofa tieħu l-forma ta' talba u jissemma l-għadu, l-għadu li huwa s-serp infernali li jrid jaħtafna għalih, u għalhekk għall-ħajr illi għandna lejn il-Madonna Ġanni Cilia jżur mill-ġdid b'mod indirett il-Ktieb tal-Ġenesi u jirreferi għall-ewwel dnub, tant illi jgħid:

B'riġlec irfes ras il-lifgħa.

Hija talba diretta lil Ommna Marija sabiex mill-ġdid tikseb il-ħakma fuq il-ħażen. Għedt illi b'mod indirett iżur il-Ktieb tal-Ġenesi minħabba li f'dan il-ktieb jissemma s-serp infernali, imma għal pajjiżna l-lifgħa li telgħet ma' id San Pawl appostlu nistgħu nxebbhuha wkoll ma' dak is-serp tal-Ġnien tal-Eden, u għalhekk dik il-lifgħa ppruvat tagħmel minn kollox sabiex San Pawl appostlu jbati u pajjiżna ma jiġix Kristjanizzat, ix-xitan illi għal diversi drabi nqabbluh ma' serp jew annimal illi jitkaxkar. It-talba tal-poeta tibqa' sabiex Ommna Marija ma twarrabna qatt minn ħdejha u teħlisna mit-tiġrib illi ġej… X'inhu dan it-tiġrib? Il-gwerra li semmejna fil-bidu kienet ilha tinħass, u l-poeta kiteb il-biża' tiegħu anke f'dan l-innu. Tant kemm iħossu mbeżża' li mhux qed jitlobha sabiex tgħinna fiż-żmien ta' tiġrib illi ġej, imma teħlisna, iżżommu 'l bogħod minna lkoll filwaqt illi tlibbisna bil-qawwa tagħha, il-qawwa li taffronta t-tbatija, bħalma għamlet fis-seba' waqtiet ta' duluri tagħha, meta s-Sultan Erodi ried joqtlilha lil Binha, meta kellha taħrab lejn l-Eġittu, meta ltaqgħet ma' Binha fit-triq tal-Kalvarju, meta ratu jmut u jindifen… Il-poeta Ġanni Cilia qed jitlobha sabiex tieqaf magħna u żżommna qawwija bħalma kienet hi matul ħajjitha.


Is-Surmast Ċensu Ciappara

Għal din is-sena nieqaf hawn. Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla nkomplu nanalizzaw dan l-innu fid-dawl tar-ritornell u l-istil oriġinali użat mill-poeta. Minn qalbi, l-isbaħ awguri lill-Imġarrin kollha għall-festa t-tajba mogħnija b'kull barka, saħħa u mħabba.

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**

# Għaliex Marija?



Fr Karm Borg MSSP



Il-kurċifiss

Hemm storja ħelwa dwar ħaddiem li kien qiegħed fil-għoli fuq l-iskafolding ġo katidral. Ħin minnhom, meta ħares ’l isfel, ra mara anzjana qiegħda titlob quddiem statwa tal-Madonna. U dan, biex jagħmlilha ċajta, qal b’leħen baxx: “Mara, dan hu Ġesù!” Il-mara lanqas biss tat kasu. Il-ħaddiem għolla kemm kemm leħnu u tenna: “Mara, dan hu Ġesù!” u l-istess, il-mara ma tatx kasu. Fl-aħħar il-ħaddiem għolla leħnu u qal b’leħen għoli: “Mara, int ma tismax? Dan hu Ġesù!” Hawn il-mara ħarset lejn il-kurċifiss u qaltlu: “Oqgħod kwiet, isa, Ġesù! Qiegħda nitkellem ma’ ommok!”

Għaliex aħna l-Kattoliċi ngħożżu d-devozzjonijiet Marjani u t-tagħlim dwar il-Madonna filwaqt li ħutna Nsara imma mhux Kattoliċi ma jgħożżuhomx? Ir-raġuni hija waħda sempliċi ħafna: għaliex il-Knisja Kattolika qiegħda tipprova tgħid l-istorja kollha, qiegħda tipprova xxandar il-vanġelu kollu.

Imma jkun hawn min jistaqsi, il-vanġelu mhux kollu dwar Kristu u x’għamel u x’għallem? Iva u le! Il-vanġelu huwa dwar Kristu daqskemm l-istorja tal-waqgħa hija dwar Adam. Lill-Korintin San Pawl jiktbilhom: “Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f’Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu” (1 Kor. 15:22). Għalhekk lil Kristu nsejħulu ‘Adam il-Ġdid’.

Imma mill-ewwel nintebħu li hemm xi ħaġa nieqsa. L-istorja tal-waqgħa mhix biss l-istorja dwar Adam, imma wkoll dwar Adam u Eva. Jekk Kristu huwa Adam il-Ġdid, Eva l-Ġdida min hi? Eva l-Ġdida hija Marija Santissima. U għalhekk, kif l-istorja tal-waqgħa ma tkunx għedtha kollha jekk ma ddaħħalx lil Eva, hekk ukoll ma tistax tgħid l-istorja sħiħa tas-Salvazzjoni mingħajr ma ddaħħal lil Marija. Hemm diversi paralleli bejn Adam u Eva fuq naħa u Ġesù, Adam il-Ġdid, u Marija fuq in-naħa l-oħra. Dawn huma ftit minn dawn il-paralleli:



Adam u Eva

Fl-ordni l-qadim, il-mara, jiġifieri Eva, ittieħdet mill-ġisem tar-raġel, kif naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi, imma fl-ordni l-ġdid huwa r-raġel, jiġifieri Ġesù, li joħroġ mill-ġisem tal-mara, Marija.

Il-mara Eva l-ewwel ma qagħditx għall-kmand ta’ Alla u mbagħad wasslet lir-raġel, Adam, biex huwa wkoll ma jobdix, filwaqt li Marija, l-ewwel hi qalet iva lil Alla (Lq. 1:38) u mbagħad rabbiet lil Binha Ġesù biex jagħmel l-istess, u jagħmel

ir-rieda ta' Alla, akkost ta' kollox.

Adam u Eva, flimkien, ħadu gost, biex ngħidu hekk, jiksru l-liġi ta' Alla, u Ġesù u Marija, flimkien, batew biex iwettqu r-rieda ta' Alla. Is-sejf tad-dulur nifed l-istess lill-qlub tagħhom it-tnejn. (Lq. 2:35b; Ġw. 19:34).

Adam u Eva, mal-mument tad-diżubbidjenza tagħhom, mill-ewwel bdew ibatu l-konsegwenzi u l-kastigi tal-waqgħa. Min-naħa l-oħra Ġesù u Marija mill-ewwel bdew jaqsmu flimkien il-konsegwenzi u l-barkiet li ġew mal-fidwa: il-milja tal-ħajja f'Alla, Ġesù permezz tal-Axxensjoni (it-tlugħ fis-sema) u Marija permezz tal-Assunzjoni (meta ġiet imtellgħa s-sema).

Id-duttrina dwar l-Assunzjoni tgħallimna li l-Verġni Mbierka, fit-tmiem ta' ħajjitha fuq din l-art, ġiet imtellgħa s-sema (assunta) bir-ruħ u bil-ġisem. Għalhekk dan ifisser li hemm żewġ iġsma umani ma' Alla fis-sema: il-ġisem tal-Mulej Ġesù u l-ġisem ta' Marija Santissima.

F'din id-duttrina naraw li hemm ħidma flimkien, kollaborazzjoni, bejn ir-raġel u l-mara fl-istorja tas-salvazzjoni, ibda mill-waqgħa, ibqa' sejjer sal-fidwa sakemm tasal, imbagħad, għas-sehem flimkien mill-frott tal-fidwa fis-sema. Mingħajr l-Assunzjoni ta' Marija Verġni biex tibbilanċja l-Axxensjoni tal-Mulej Ġesù, ir-raġel Ġesù waħdu mingħajr il-mara Marija jkun qiegħed igawdi mill-milja tas-salvazzjoni ma' Alla u din ma tkunx l-istorja sħiħa.

L-Assunzjoni hija l-aqwa prova li quddiem Alla r-raġel u l-mara huma ndaqs, huma ugwali, u prova wkoll tal-qdusija tal-ġisem uman u d-destin etern tiegħu. L-Assunzjoni tgħinna ngħidu l-istorja sħiħa, il-vanġelu sħiħ, li s-salvazzjoni hi għal kulħadd, kemm għar-raġel kif ukoll għall-mara, u għall-persuna sħiħa, ġisem u ruħ.

Meta nifhmu kif suppost id-duttrina dwar Marija Santissima u nipprattikaw kif inhu xieraq id-devozzjoni lejha, ma nkunux qed nitbiegħdu mill-misteru ta' Kristu, imma għall-kuntrarju, inkunu qed nidħlu aktar 'il ġewwa fil-qalba tiegħu. Il-mara tal-istorja, li kienet qed titlob u li stenniet li Ġesù għandu jiskot għax kienet qed titkellem ma' Ommu, ma kinitx qed tifhem l-armonija u l-għaqda li hemm bejn il-qalb u r-rieda ta' Ġesù u ta' Marija, armonija u għaqda li jidhru b'mod ċar fit-tieġ ta' Kana, meta Marija tordna lill-qaddejja: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu (Ġesù)." (Ġw. 2:5)

Lilna Marija tgħidilna wkoll l-istess kliem: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu." Bħala Ommna tas-sema Marija tħobbna, jimpurtaha minna, u anke tieqaf taħt is-salib tagħna bħalma waqfet taħt is-salib ta' Binha. U propju għax tħobbna u jimpurtaha minna li Marija tgħidilna biex nagħmlu dak li jgħidilna Binha. Hi taf li dak hu l-aħjar għalina.

Meta darba l-Papa Franġisku kien qed ikellem lis-sorijiet Klarissi, qalilhom: "Marija toqgħod ħdejn il-bieb tal-ġenna. Meta jaslu l-midinbin, San Pietru mhux dejjem jiftħilhom. U Marija tħoss għalihom u tibqa' tistenna hemm. Matul l-lejl, meta ħadd ma jkun qed jisma', Marija tiftaħ il-bibien tal-ġenna u ddaħħal lil kulħadd." Marija qatt ma tabbanduna lil uliedha. Imma min-naħa tagħna rridu nġibu rwieħna bħala wliedha billi nimitaw lil Ġesù, Binha l-waħdieni, u nagħmlu dak kollu li jgħidilna hu.

San Bennard ta' Clairvaux, devot kbir tal-Madonna, kull meta kien jgħaddi minn quddiem xbieha tal-Madonna, kien imdorri jgħidilha: "Urini li inti ommi." L-istorja tgħidilna li darba x-xbieha kellmitu u qaltlu: "Bennard, urini li inti ibni."


San Bennard ta' Clairvaux


Ray's Garage
TAĊ-ĊATT
Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.
Bingemma Road, Imgarr.
Contact: Raymond Muscat 99477571


HORACE ENTERPRISES
TROPHIES, SPORTS GOODS
AND EQUIPMENT
84, Triq Il-Gudja Għaxaq,
GXQ 2175 MALTA
21696302 / 99420346
horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com
Horace Enterprises Ltd
WE PRINT ON T-SHIRTS
SIMON
WHITLOCK



# Il-Maġġur Anthony Aquilina (1906-1985)

mill-ktieb Għamlu Isem ta' Joe Julian Farrugia



Il-Maġġur Anthony Aquilina

Ma hemm ebda dubju li l-aktar espressjoni ferrieħa fit-tradizzjonijiet ta' pajjiżna hija l-festa. Huwa ż-żmien meta l-knejjes, it-toroq u l-imsieraħ jilbsu l-aħjar ilbies għall-okkażjoni. Mal-kuluri, in-nar u l-istatwi wieħed ma jistax jinsa d-daqq tal-banda jirbombja fit-toroq. Il-ħoss irqiq tal-klarinett, il-fanfarra tar-ram, it-tifqigħ tal-platti flimkien mar-ritmu tal-katuba joħolqu melodija li ġġiegħel lil min jiżfen. Minkejja li ż-żmien tellifna ħafna mit-tradizzjonijiet, il-festi donnhom aktar qegħdin jikbru. U allaħares kellna nitilfuhom, għax inkunu tlifna s-sens ferrieħ awtentiku tagħna. Bħalma allaħares kellna nitilfu l-ħoss tal-marċ Malti. Għalkemm il-marċ fih għeruq ġejjin minn barra, maż-żmien żviluppa biex sar tabilħaqq tagħna. Kellna ħafna min jikteb il-marċi, iżda ma nkunx qiegħed niżbalja meta ngħid li ma hawnx banda waħda li fir-repertorju tagħha ma għandhiex xi marċ tal-Maġġur Anthony Aquilina.

Anthony Aquilina twieled Ħaż-Żebbuġ fil-25 ta' Lulju 1906. Missieru Lippu kien xogħlu bil-karettun iġorr il-qlugħ minn Ħaż-Żebbuġ sal-Marsa. Ommu kien jisimha Filippa u kellu żewġ ħutu bniet li emigraw lejn l-Awstralja. F'ħajtu kellu żewġ fissazzjonijiet: il-militar u l-banda. Bħat-tfal l-oħrajn kien jilgħab fil-ftuħ tar-raba' u kien iħobb joqgħod jiġri maġenb il-ferrovija waqt li tkun għaddejja bil-fizzjali telgħin jew neżlin mill-Imtarfa. Kien tifel 'miġnun' fuq il-baned. Mal-banda ta' San Filep kien hemm assistent tal-banda li kien ħaddied. Kien bniedem ta' dixxiplina u ħajjar liċ-ċkejken Toninu jitgħallem il-klarinett. Waqt it-tagħlim, dan il-ħaddied minflok kien iħabbat bil-bakketta kien iħabbat b'muftieħ, u ġieli biex it-tifel jifhmu… kien iħabbatlu anki fuq difrejh! Dan rabba dixxiplina kbira f'Anthony.

Ħareġ idoqq mal-banda Żebbuġija ta' 10 snin u wara kompla jitgħallem mal-King's Own tal-Belt taħt is-Surmast Awstrijak Aurelio Doncich. Kien hemm kurunell fl-armata li staqsa lil Doncich jekk kellux lil xi ħadd mill-allievi tiegħu tajjeb biex jidħol mal-banda tas-servizz. Doncich irrakkomanda lil Aquilina li biex ma jitlifx l-opportunità qal kelma b'oħra dwar l-età u daħal fil-militar sentejn iżgħar milli suppost.

Intervistawh u daħal fil-kariga ta' boy. Mal-banda tal-RMA kien idoqq f'parati, ballijiet u anki f'kunċerti fit-Teatru Rjal. Meta raw il-potenzjal tiegħu bagħtuh jitgħallem l-Ingilterra. Għamel tliet snin jitgħallem l-istrument fir-Royal Military School of Music ta' Kneller Hall, Surrey. Minn xi 300, fl-1927 ġie l-ewwel u rebaħ borża ta' studju

biex baqa' tliet snin oħra fl-istess skola jitħarreġ bħala surmast. Tgħallem l-istrumenti kollha, il-kompożizzjoni, l-arranġamenti, id-direzzjoni u kif jgħallem. Hawn ukoll ġie l-ewwel, u d-direttur tal-kulleġġ ried jibagħtu mal-Manchester Regiments. Iżda tal-RMA riduh surmast hawn biex ma joqogħdux jerġgħu jibagħtu ieħor jitgħallem, u tawh il-grad ta' Warrant Officer Class 1.

Waqt li kien l-Ingilterra ltaqa' ma' Catherine Ross. Kienet marret tara kunċert, ħadet grazzja mas-surmast Malti u ġiet miegħu Malta mingħajr ma kienet taf din Malta fejn tinsab. Huma żżewġu fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt u marru joqogħdu San Ġiljan maġenb fejn illum hemm l-għassa. Miż-żwieġ tagħhom kellhom lill-uniku tifel, Geoffrey.

Darba fl-armata kellhom kurunell Taljan li għal xi parata kbira ried iżanżan żiemel ġdid. Minħabba li ż-żiemel qatt ma kien għadu ħa sehem f'parata, il-kurunell ried idarrih il-ħoss tal-banda. Għalhekk sejjaħ lis-Surmast Aquilina u qallu biex waqt li jikkunċertaw f'Sant'Iermu jħallilhom iż-żiemel idur magħhom. Waqt il-kunċerti Anthony ta ordni lill-bandisti biex idoqqu *pianissimo*, li ma jmurx iż-żiemel jagħmel xi waħda! Iż-żiemel qagħad idur magħhom u deher li azzetta.


Il-Maġġur Anthony Aquilina

Għal dakinhar tal-parata minn Sant'Iermu sal-Furjana l-banda riedet bilfors iddoqq *forte*, biex is-suldati tar-riġment li jimxu warajha jimmarċjaw mar-ritmu. Is-Surmast Aquilina ssuġġerixxa li l-kurunell fuq iż-żiemel jimxi wara l-banda wkoll, biex il-ħoss ma jkunx daqstant qawwi għaż-żiemel. Iżda l-kurunell insista li jkun hu li jimxi quddiem. X'taħsbu li ġara? Hekk kif instema' l-ewwel tifqigħ tal-platti, it-tnabar u l-katuba, iż-żiemel sfratta u wasal ix-Xagħra tal-Furjana bil-kurunell b'kollox xi sagħtejn qabel il-bqija tal-parata!

Fil-gwerra l-RMA kienet nieqsa mill-fizzjali minħabba li kienu daħlu ħafna suldati bil-lieva. Għalhekk Anthony kellu jitlaq il-banda u sar fizzjal tal-1st Coast. Kienu għallmuh dwar l-isparar u l-kanuni, iżda fl-istess żmien baqa' jmexxi l-banda. Aktar tard, imbagħad, ħa l-kariga ta' maġġur, grad li baqa' magħruf bih. Kien intiż ħafna fl-ilbies militari li kellu. Erħilu jillostra ż-żarbun u l-buttuni tar-ram… filwaqt li jsaffar xi marċ li jkun qiegħed ifassal f'moħħu. B'kollox il-Maġġur Aquilina qatta' 35 sena fl-armata. Wara li rtira mis-servizz daħal jaħdem ir-Rediffusion u waqqaf il-librerija tad-diski. Kien ukoll jipproduċi programmi ta' mużika Klassika. Tant kien intiż fuq il-mużika Klassika li mhux l-ewwel darba kienu jċemplulu n-nies id-dar, isaffrulu xi biċċa melodija u jgħidilhom isimha.

Il-Maġġur beda bħala surmast ta' każin mal-Banda Duke of Connaught f'Birkirkara, fejn qatta' 10 snin. Wara għamel kważi 17-il sena mal-King's Own tal-Belt Valletta, minn fejn kellu jitlaq minħabba xogħol ġdid ta' manager f'fabbrika. Meta l-fabbrika għalqet spiċċa b'aktar ħin liberu għall-kitba. Lejn l-aħħar snin ta' ħajtu waqqaf u mexxa l-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara. Għalkemm kellu karattru ferrieħ u kull fejn tarah probabbli li jkollu tazza tax-xorb f'idu u s-sigarett in-naħa l-oħra, waqt li jkun qed jidderieġi l-banda kien jaf ikun iebes. Kien ikun irid skiet perfett u ħadd ma seta' jpejjep. Id-dixxiplina militari baqgħet fih u kien juri lil kulħadd li qiegħed imexxi hu! Kien professjonali u għalhekk kien jinsisti fuq il-perfezzjoni. Imma mbagħad fil-festa

ħallih jifraħ man-nies. Fi tmiem xi kunċert fuq il-planċier kellu ħabta jintefa' għal fuq in-nies, li jilqgħuh fost il-briju.

Darba kien qed jikkunċerta *La Forza del Destino* u ried li f'ħin minnhom il-banda taqta' qasir. Kulħadd obda minbarra tat-trumbun. Meta staqsieh għala tawwal in-nota, dak wieġeb li hekk kellu miktub. Xħin raw il-librett flimkien sabu li t-tikka li tfisser it-tul tan-nota ma kinitx ħlief… ħmieġ ta' dubbiena!

Bħala marċi l-Maġġur kien kiteb xi wieħed jew tnejn meta kien l-Ingilterra, iżda l-bqija, aktar minn mija, kitibhom hawn Malta. L-istil tiegħu tagħrfu mill-ewwel: stil militari iżda Mediterranju wkoll b'laqtiet Spanjoli. Marċi funebri qatt ma kiteb. Ma kienx iħobb jikkomponi fix-xitwa; il-kesħa qatt ma kienet ħabibtu, filwaqt li fis-sħana, l-istaġun tal-festi, kien jikteb bla ebda diffikultà. Kien iħobb jikteb la antika, bil-pinna u l-klamar, u maġenbu dejjem bix-xafra biex jekk jieħu xi żball jikkoreġi biha. Kien idum jikkontempla qabel ilesti marċ. Ġieli kien jieħu ġimgħa jew ġimagħtejn u jiktbu ħames jew sitt darbiet qabel ikun sodisfatt. Kien jinsisti li filwaqt li jkun hemm l-arti u l-oriġinalità, ikun tajjeb biex in-nies ikantawh u jagħmlu l-briju bih. Kellu ħafna marċi popolari, bħal *Melita*, *Come on the Stripes*, *Fiesta*, *Fiorentina*, *Zorro* u tant oħrajn.

Il-Maġġur kien iħobb jikteb ukoll dwar nies li kien jaf. Kien jistudja l-bniedem u jara x'melodija tixraqlu. Kien hemm raġel anzjan li kien iħobb jixrob miegħu. Kellu madwar 80 sena u kien iħobb jiżfen u jilbes ta' tifel fil-Karnival. Darba qallu: "Maġġur, qabel immut iktibli marċ!" U kitiblu l-marċ *Ix-Xiħ*.

Kien hemm ukoll tfajla mill-Belt, Ċensina, li kienet tmur il-King's Own ma' missierha. Kellha xi sittax-il sena u kienet fuq ruħha. Kienet tiżfen u tixrob. Darba missierha talab lill-Maġġur biex jiktbilha marċ. U kitbilha l-*Forza* Ċensina. Kiteb ukoll żewġ marċi, *La Señora Rita* u *Marija n-Naxxarija*, għal tnejn min-nies li kien jaf. Rita kienet tiġi omm Marija. Inċidentalment ħu Marija llum huwa t-tenur magħruf Joseph Calleja.

Il-marċ favorit għalih kien *Balfrendozan*. Kien kitbu għal żewġt iħbieb tiegħu li kienu jixorbu miegħu, Balzan u Frendo. Kien jiddeskrivih bħala marċ Klassiku u kien jogħxa jisimgħu waqt li l-banda tkun tielgħa Triq ir-Repubblika bil-marċ ta' San Duminku.

Il-Maġġur kien bniedem ferrieħ u jħobb jissoċjalizza ma' kulħadd. Erħilu jqatta' s-sigħat jixrob f'xi bar, imqar f'xi raħal imwarrab, jitkellem dwar l-armata u l-marċi. Kien iħobb il-mużika kollha minbarra dik pop. Kien iħobb il-futbol u l-favoriti tiegħu kienu s-Sliema Wanderers u l-Arsenal. Fil-ħin liberu kien iħobb ukoll l-għawm. L-aħħar marċ li kiteb kien jismu *Marie Louise*.

Il-Maġġur Anthony Aquilina miet fil-21 ta' Settembru 1985. Fl-aħħar tislima kienu rrappreżentati l-baned ta' Malta kollha u kienet ħaġa mhux tas-soltu li tul il-korteo funebri f'Birkirkara ndaqqu marċi brijużi. Wara kollox dawk kienu l-marċi li ħabb, li kiteb u li jiddeskrivu l-karattru tiegħu. It-tenur Joseph Calleja, dak iż-żmien tfajjel, kien wieħed mill-abbatini fil-funeral.

Jalla l-baned Maltin jibqgħu minn żmien għal ieħor jaqilgħu l-marċi antiki tiegħu u jferrħuna bil-melodiji ħelwin tagħhom – wirt imprezzabbli fil-kultura Maltija.



# Festi b'Kulturi u Tradizzjonijiet Differenti

Joseph Mintoff

Min hu intiż fil-festi li jiġu ċċelebrati f'Malta u Għawdex jaf kemm minn fost il-bosta bliet u rħula, għalkemm kważi kollha jorganizzaw programmi simili, xorta waħda hemm xi wħud li jagħmlu dik il-ħaġa partikolari li tiddistingwihom minn ħaddieħor.

Taħsbux li jien xi espert f'dan il-qasam. Altru minn hekk, imma mill-ftit esperjenza li għandi, mingħajr ma trid tinduna b'ċerti differenzi. Kemm ili noqgħod l-Imġarr sirt aktar konxju ta' kemm il-kultura tagħmel differenza. Mingħajr tlaqliq ngħid li kemm ilha li twaqqfet il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema l-festa hawn ġewwa l-Imġarr kibret. U dan bir-raġun, għaliex banda ġġib magħha bosta xogħol, però fl-aħħar ittik ukoll is-sodisfazzjon li tibda tara dak li tkun ilek taħdem għalih jirnexxi. Tieħu pjaċir tara tfal jitgħallmu l-mużika li tiġi offruta mingħajr ħlas mis-Soċjetà u tara żgħażagħ jieħdu pjaċir mal-marċ fil-ġranet tal-festa. Lejlet il-festa tara u tisma' programm mużikali mtellgħa mill-Banda fuq iz-zuntier tal-knisja, li jkun ta' livell għoli u li jkunu saru ħafna preparamenti għalih u li forsi ftit huma dawk in-nies li japprezzawh.

Fl-opinjoni umli tiegħi hija ħasra li dan il-programm isir f'din il-ġurnata u mhux f'xi ġurnata oħra fil-ġranet tal-festa. Meta għandek il-banda qiegħda ddoqq u fl-istess ħin għandek programm tan-nar tal-ajru għaddej, tispiċċa ma tgawdi l-ebda wieħed minnhom. Biex ma nsemmix ukoll li jkun hemm nies ikunu aktar moħħhom x'qed jieklu jew jirrakkontaw. F'bosta postijiet f'Malta dan il-programm ikun l-aktar avveniment importanti tas-sena għall-Banda, u nħoss li għandu jingħata l-attenzjoni u l-appoġġ xieraq.

It-twaqqif tal-Banda ġewwa l-Imġarr ġab miegħu wkoll ċerti tradizzjonijiet li ilna naraw fi rħula oħra f'Malta. Eżempju tipiku huwa l-marċ ta' filgħodu, li għalkemm ma jsirx nhar il-festa, iżda ġimgħa qabel, u għalkemm għadu fil-bidu tiegħu, xorta waħda diġà beda jikseb ċertu suċċess, u dan mertu tal-kumitat. Il-marċi ta' filgħodu mhux kollha jiġu ċċelebrati bl-istess mod. Hemm min jagħmel kannizzati, hemm min jagħmel umbrelel u mriewaħ b'pitturi u sfumar tal-aqwa artisti Maltin. Bżieżaq, kanuni jisparaw il-karti, min jitfa' l-ilma fuq il-partitarji u ħwejjeġ oħra. Forsi għadu ftit kmieni biex naraw ftit minn dawn l-affarijiet fl-Imġarr.

Anke l-marċ tal-aħħar tridu ħa ċerta ħajja ġewwa l-Imġarr. Kiber l-entużjażmu u qed isiru ċerti novitajiet li qabel ma kinux isiru, bħalma huwa perezempju l-feature li jittella' b'mod professjonali tassew. F'postijiet oħra ma' dan il-marċ, speċjalment fin-naħat t'isfel ta' Malta, dan il-marċ ikun akkumpanjat b'xi statwa li fl-aħħar tittella' fuq pedestall apposta fiċ-ċentru tal-belt jew raħal, fost il-ferħ tal-partitarji. Hemm diversi modi differenti kif din l-istatwa titla' fuq il-pedestall tagħha. Hemm għaqdiet li jużaw il-boma, hemm min juża arblu bil-parank, min jagħmel użu minn krejn u hemm min juża apparat mekkaniku. Ngħid għalija jien nippreferi nara l-istatwa titla' f'postha b'arblu apposta bil-ventijiet. Hija xi ħaġa spettakolari.

Hemm ukoll l-element tas-sorpriża, billi fl-aħħar tal-marċ tiżżanżan xi ħaġa ġdida tal-armar. Issa saret drawwa wkoll li wara l-marċ isir xi tip ta' disco, li biex inkun onest ma tantx jien favur tiegħu, għax m'għandu x'jaqsam xejn mal-festi. Però xi kultant ikollok tagħmel dak li ma tixtieqx sabiex tipprova tikkuntenta lil kulħadd.

Dawn huma xi ftit punti li nara waqt il-festi Maltin u li xi wħud minnhom qed jidħlu anke ġewwa l-Imġarr, sforz il-ħidma tal-Banda. Għalkemm inħoss li xorta waħda baqa' xi jsir sabiex il-festi esterni fl-Imġarr ikomplu jikbru, irrid ngħid prosit u grazzi lil kull min qiegħed jagħmel dan l-isforz. Naturalment PROSIT u GRAZZI kbira lill-Kumitat Banda Marija Mtellgħa s-Sema, li tagħmel bosta servizzi matul il-ġimgħa tal-festa mingħajr ħlas. Nassigurakom li ma tantx issib, jekk issib baned li jagħmlu hekk.

Dan li semmejt hawn fuq forsi mhux kulħadd jaqbel miegħu, però għalkemm il-festi esterni huma importanti, festa mingħajr il-knisja ma tkunx festa. Għalhekk nagħlaq dan l-artiklu biex inħeġġeġ lil kulħadd jattendi l-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja b'tant devozzjoni lejn Ommna Marija Assunta u li għandna dejjem inżommuha fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Jien personali, għalkemm m'iniex Imġarri, malli nisma' l-innijiet popolari *L-Imġarr Iben Marija* u *Infaħħruk Dejjem* inħoss ċerta emozzjoni li ġġegħelni nersaq aktar lejn Marija.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.





# Il-ġlieda dejjiema bejn l-Għarab Musulmani u l-Lhud

## X'hemm komuni bejniethom u għaliex il-mibegħda?

Kav. Stanley Mangion

Naħseb li bħali tisimgħu l-aħbarijiet, jekk mhux ta' kuljum, sikwit. Bħali tinnutaw il-ġlieda bla ma taqta' bejn il-Misilmin Għarab u l-istat Lhudi. Xi minn daqqiet donnu jkun jidher xi xaqq ta' tama li dawn iż-żewġ popli jkunu se jirranġaw bejniethom u jsibu kompromess ta' eżistenza jew għejxien paċifiku. Biss, dlonk, wara ftit minuti, iseħħ il-qtil ta' xi ħadd u jerġa' jibda l-inkwiet. Wieħed jistaqsi għalfejn din il-mibegħda kollha bejn dawn iż-żewġ popli meta fir-reliġjon tagħhom, għalkemm żewġ reliġjonijiet differenti, tant hemm affarijiet komuni bejniethom.

**Abram u Ismael**

Huma ħafna dawk li jaraw il-bidu ta' din il-ġlieda qalila fl-istorja li nsibu fil-Ktieb tal-Ġenesi, kapitlu XVI, li jittratta dwar iż-żewġ it-tfal li kellu Abram minn żewġ nisa differenti. L-istorja biblika tgħidilna li Abram ma setax ikollu iben minn martu Sarah biex iwettaq il-wegħda tal-Mulej li minnu joħroġ ġens kbir. Għalhekk Sarah ġagħlet lil Abram ikollu x'jaqsam mal-qaddejja tagħha Ħagar, u minn Ħagar Abram kellu tifel li semmieh Ismael. Dwar in-nisel ta' Ismael hekk ħabbar l-anġlu tal-Mulej: "U hu jkun bniedem bħal ħmar selvaġġ, idu kontra kulħadd u id kulħadd kontrih."

Imma dan kien il-pjan tal-bnedmin. Il-pjan t'Alla kien mod ieħor, għax dan kien li n-nisel Lhudi joħroġ minn wild leġittimu bejn Abram u martu Sarah. Hekk kien, għax kif ħabbar l-anġlu tal-Mulej, Sarah tqalet meta kemm Abram u kemm Sarah kienu xjaħu u twieled tifel li semmewh Iżakk. Il-patt t'Alla mal-poplu Lhudi sar permezz ta' Iżakk, imma dwar Ismael l-anġlu tal-Mulej kompla ħabbar: "Ara, jiena nbierku, inkattru u nkabbru ħafna u ħafna. Ikun missier ta' tnax-il prinċep u nagħmel minnu ġens kbir."

L-istorja tal-missjoni ta' Abram hi rakkuntata fil-Koran. Biss, hemm parti minnha li hi rakkuntata sostanzjalment b'mod differenti mill-Bibbja. Skont il-Koran Abram ma tellax għas-sagrifiċċju lil ibnu leġittimu Iżakk imma lil Ismael. Għalhekk, kuntrarju għar-rakkonti tal-Kotba Mqaddsa, il-ġens imbierek minn Alla mhux il-poplu Lhudi mnissel minn Iżakk imma l-poplu li nislu hu ġej minn Ismael. U dan hu l-Iżlam. Mill-Ġudaiżmu ħareġ il-Kristjaneżmu għax Kristu l-ewwel li ma ġie fid-dinja kien għall-poplu Lhudi. Hekk twieldu żewġ blokok ta' reliġjon li t-tnejn li huma jħarsu lejn Abram bħala l-għajn tat-tnissil tagħhom, l-Iżlam u l-Kristjaneżmu. Illum it-tliet reliġjonijiet għandhom għadd kbir ta' segwaċi. Il-Kristjaneżmu, li jħaddan fih tliet subreliġjonijiet differenti fit-twemmin, il-Kattoliċi, l-Ortodossi u l-Protestanti, iħaddan 2.2 biljun segwaċi. L-Iżlam, li fih żewġ subreliġjonijiet, is-Sunni, ix-Xiti u l-moviment axxetiku magħruf bħala Sufi, iħaddan 1.5 biljun ruħ. Il-Ġudaiżmu jħaddan 14-il miljun ruħ.

**Il-Kotba Mqaddsa u l-Koran**

Ir-reliġjon Iżlamika ma tistax tinftiehem sewwa jekk ma nifhmux ir-ruħ Iżlamika, li nsibu l-għeruq tagħha fil-Kotba Mqaddsa kemm tal-Patt il-Qadim kif ukoll tal-Patt il-Ġdid. L-Iżlam hu frott tal-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu. Ix-xebh bejn l-Iżlam, il-Ġudaiżmu u l-Kristjaeżmu jrendi ħafna dommi komuni għal dawn ir-reliġjonijiet. Għalhekk ir-reliġjon Iżlamika hi mibnija fuq il-prinċipju tal-monoteiżmu Ġudajku. Il-kelma 'monoteiżmu' tfisser 'Alla wieħed'. Ir-reliġjon Kristjana, għalkemm hi wkoll mibnija fuq il-kunċett ta' Alla wieħed, imma fil-Kristjaneżmu hemm ir-rivelazzjoni ta' Alla trinitarju, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, xi ħaġa li l-Iżlam jiċħad. Fil-Koran, bħal fil-Bibbja, Alla hu l-ħallieq tad-dinja li ħalaq id-dinja f'sitt stadji, u l-istorja tal-ħolqien tilħaq il-quċċata tagħha fil-ħolqien tal-bniedem, Adam. L-Iżlam isegwi l-istorja, bħal fil-Bibbja, tal-waqgħa fid-dnub tal-bniedem meta Adam u Eva jieklu mill-frotta u jindunaw li huma għarwenin. Il-Koran isegwi l-istorja biblika ta' Mosè u l-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-Eġittu, kif Alla ta ż-żewġ twavel tal-Liġi (l-għaxar kmandamenti) lil Mosè.



Il-Koran




Il-Bibbja

Il-parti l-kbira tal-kmandamenti huma l-liġijiet li fuqhom iridu jimxu s-segwaċi tal-Iżlam. Bħala poplu li jemmen f'Alla l-Iżlam ma jaċċettax l-idolatrija, jiġifieri l-qima lill-allat. Kmandamenti oħrajn huma la toqtolx, la tixtieqx dak li hu ta' ħaddieħor u agħti ġieħ lill-ġenituri tiegħek. Fil-Koran insibu mniżżla l-istejjer bibliċi tal-Arka ta' Noè, Ġużeppi ttradut u mibjugħ minn ħutu lin-negozjanti tal-karwani u kif sab ruħu fl-Eġittu, l-istorja adultera ta' David li ried jiżżewweġ lil Betsheba, iż-żjara tas-Sultana Sheba lil Salamun, l-istorja ta' Ġona li belgħetu l-ħuta kbira, u kif rajna l-istorja tas-sagrifiċċju li Abram kellu jagħmel ta' ibnu Iżakk imma fil-Koran hu Ismael. Dawn huma stejjer li Moħammed daħħal ukoll fil-Koran.

**Żewġ duttrini komuni**

Wieħed jinnota li kemm il-Lhud kif ukoll fl-Iżlam hemm żewġ duttrini komuni għat-tnejn, li jagħżluhom mill-Kristjaneżmu. Dawn huma t-tagħlim dwar id-dnub, speċjalment dak oriġinali, u l-ksib tas-salvazzjoni tal-bnedmin. Kemm għar-reliġjon Musulmana kif ukoll għar-reliġjon Lhudija ma jeżistix id-dnub oriġinali li waqa' fih il-bniedem wara d-dnub ta' Adam u Eva. Naturalment dan għax iż-żewġ reliġjonijiet ma jemmnux li Kristu ġie fid-dinja biex iwettaq il-ġustifikazzjoni tagħna jew il-maħfra ta' dnubietna. Għar-reliġjon Iżlamika kull bniedem jitwieled ħieles mid-dnub u għalhekk m'hemmx dnub oriġinali. Imma l-Iżlam iżomm li mal-ewwel bikja ta' kull tarbija l-bnedmin kollha, barra l-Madonna u Kristu, jintmessu mix-xitan, u għalhekk minħabba d-dgħufija tiegħu l-bniedem jaqa' fid-dnub. Is-salvazzjoni ta' kull bniedem tinkiseb biss permezz tat-twettiq tal-għemejjel it-tajba. Hu permezz tat-tajjeb biss li jrid jirbaħ il-ħażen, u hekk il-bniedem jista' jsalva.

Għar-reliġjon Ġudajka, l-istess bħar-reliġjon Iżlamika, id-dnub oriġinali jew tan-nisel ma jeżistix. Dan naturalment jagħmel il-ħtieġa li Ġesù l-Iben t'Alla jiġi fid-dinja biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub bħala xi ħaġa li ma eżistietx. Il-maħfra tad-dnubiet għar-reliġjon Lhudija

tista' tinkiseb permezz tat-talb u tal-penitenza jew it-tgħakkis. Il-poplu Lhudi jiċċelebra jum ta' festa propju għal dan il-għan, il-maħfra tad-dnubiet. Din il-festa tissejjaħ Yom Kippur, jum il-maħfra jew it-tpattija. F'dan il-jum il-poplu Lhudi jitlob pubblikament il-maħfra ta' dnubietu lil Alla ħaj. Għar-reliġjon Lhudija s-salvazzjoni tinkiseb biss bit-talb, bl-opri tajba u bil-grazzja t'Alla.

**Drawwiet komuni għaż-żewġ reliġjonijiet**

Wieħed ukoll jiskanta kemm hemm drawwiet li huma mħaddnin kemm mir-reliġjon Iżlamika kif ukoll mir-reliġjon Lhudija. Wieħed pereżempju jinnota li għal dawn iż-żewġ reliġjonijiet hu pprojbit l-ikel tal-ħanżir, għax iż-żewġ reliġjonijiet jaraw fil-ħanżir bhima mniġġsa u maħmuġa. Għalhekk meta xi ħadd imur jagħmel xi żjara kemm f'xi post fejn l-Iżlam hu dominanti, bħalma hu t-Tuneżija, kif ukoll jekk iżur Iżrael, m'għandux imur fil-ħwienet u jistaqsi għall-perżut, għax il-perżut hu msawwar mil-laħam tal-majjal. Tiskanta kemm il-Misilmin joħduha bi kbira din il-ħaġa.

Bla dubju ta' xejn l-importanza tas-sawm hi tant kbira f'dawn iż-żewġ reliġjonijiet. Fil-fatt wieħed mill-ħames pilastri li fuqhom hu mibni l-Iżlam huwa s-sawm. Dawn il-ħames pilastri huma x-Shahadah, jiġifieri l-istqarrija fit-twemmin Iżlamiku; is-Salat jew it-talb ħames darbiet kuljum; iz-Zakat, jiġifieri l-għoti ta' karità jew aġar; is-sawm, l-aktar fix-xahar tar-Ramadan; u l-Ħaġġ, jew il-pellegrinaġġ lejn il-belt qaddisa ta' Mekka tal-anqas darba fil-ħajja ta' kull Mislem. Is-sawm tal-Misilmin hu wieħed iebes. La jistgħu jieklu u lanqas biss jistgħu jixorbu ilma minn tlugħ ix-xemx sa nżulha. Matul il-lejl jistgħu jieklu. Is-sawm ikun aktar iebes meta r-Ramadan jaħbat fil-jiem sajfin, meta l-jum jitwal u s-sħana tagħfas wisq fuq il-ġisem, l-aktar fejn jidħol ix-xorb tal-ilma. Ir-reliġjon Lhudija tagħmel ukoll enfasi kbira fuq is-sawm. Hawnhekk nixtieq nagħmel daqsxejn ta' twissija lil dawk il-Maltin li jiżżewġu Għarab Misilmin dwar ix-Shahadah. L-iżlam m'għandux is-sagrament tal-magħmudija jew is-sagrament tal-bidu. Ħafna drabi l-istqarrija tal-fidi fl-Iżlam hi murija b'sempliċi rit. Imma fil-fatt ix-Shahadah tikkorrispondi mas-sagrament tal-magħmudija tal-Insara bħala rit tad-dħul fir-reliġjon Iżlamika. Appena ssir ix-Shahadah, il-persuna tibda titqies bħala Musulmana. Ħafna drabi l-Maltin qed ikunu ingannati dwar din il-ħaġa u jispiċċaw Musulmani mingħajr ma jkunu jafu jew bla ma jirrealizzaw.

Iż-żewġ reliġjonijiet jipprojbixxu l-użu tax-xbihat reliġjużi akkost ta' kollox. Fit-tempji Musulmani jew inkella l-moskej ma narawx raffigurazzjonijiet reliġjużi, imma tiddomina l-iskultura ġeometrika bil-kitba Għarbija, u fil-każ tas-sinagogi, kitba Lhudija. Wieħed jaħseb li dan il-kunċett għadda għaż-żewġ reliġjonijiet mit-tieni kmandament, li jgħid: "La tagħmlux għalikom xbihat minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema jew isfel fl-art jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom. La tadurahomx." Għalina l-Insara dawn il-kelmiet iridu jinftiehmu fis-sens ta' idolatrija u mhux f'sens ta' devozzjoni. Imma l-Iżlam u l-Ġudaiżmu ma jidħlux f'dan il-kuntest ta' adorazzjoni jew devozzjoni.

Żewġ drawwiet oħra komuni kemm għal-Lhud kif ukoll għall-Iżlam huma l-ħasil tar-riġlejn u l-ħefa biex tidħol fil-moskea jew fit-tempju. Għal dan il-għan ħdejn il-moskej naraw għejun tal-ilma biex qabel ma l-Misilmin jidħlu jitolbu fil-moskej, isir il-ħasil tar-riġlejn. L-istess il-Lhud. Il-purifikazzjoni aktar milli l-indafa hi l-idea wara dan. Il-ħasil f'dawn iż-żewġ reliġjonijiet isir biex jekk ikun hemm xi mess ma' xi oġġett ikkunsidrat imniġġes isir it-tindif jew il-purifikazzjoni.

Fejn il-moskej naraw żraben ħdejn il-bibien għax il-Misilmin jidħlu ħafja fil-moskej

u l-Lhud kienu jinżgħu x-xedd tas-saqajn ukoll. Wieħed jaħseb li din id-drawwa fiż-żewġ reliġjonijiet bdiet mill-esperjenza spiritwali ta' Mosè. Hekk insibu miktub li qallu Alla meta Mosè resaq lejn "l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm". "Alla kellem lil Mosè minn din is-siġra. Mosè qallu: 'Hawn jien!' U l-Mulej qallu: 'La tersaqx 'il hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk għax dan il-post li inti fuqu hu art qaddisa.'" Hekk twieldet id-drawwa Lhudija tat-tneħħija tax-xedd tas-saqajn li tkompliet mir-reliġjon Iżlamika.

**Il-Belt Qaddisa ta' Ġerusalemm**

Il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm hi għadma iebsa ħafna, għax hi dik il-belt li jixxennqu għaliha tliet reliġjonijiet, il-Ġudaiżmu, l-Iżlam u l-Kristjani. Il-belt ta' Ġerusalemm għal eluf ta' snin kienet il-belt kapitali tal-poplu Lhudi, li meta kien fl-eżilju tal-Babilonja kien jixxennaq għaliha u jmur lura fiha. Il-belt ta' Ġerusalemm kienet imqaddsa bit-tempju tal-Mulej, li kien ifisser il-preżenza t'Alla fost il-poplu Lhudi. Kull membru tal-poplu Lhudi kien jinżel Ġerusalemm mhux biss biex iżurha, imma wkoll biex joffri lil uliedu fit-tempju tal-Mulej u joffri sagrifiċċji ta' ħruq. Għalhekk il-poplu Lhudi għadu mxennaq sal-lum biex jara lil Ġerusalemm bħala l-belt kapitali tal-istat tiegħu, li sa ċertu punt din ix-xewqa hi mfixkla bil-preżenza tal-poplu Palestinjan.



Il-belt imqaddsa ta' Ġerusalemm

Mill-banda l-oħra l-Iżlam hu mxennaq ukoll għal din il-belt. F'din il-belt għexu l-profeti tal-Patt il-Qadim li huma msemmija fil-Koran, fosthom Abram, Mosè, David u Salamun u aktar tard Kristu, li hu meqjus bħala dak il-profeta li ħejja t-triq għal Moħammed. Il-belt ta' Ġerusalemm kienet u għadha meqjusa bħala l-belt qaddisa, bħalma huma bliet qaddisa Mekka u Medina. Il-Profeta Moħammed żar il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm f'żewġ vjaġġi notturni li huma magħrufa bħala Isra u Mi'raj. F'din il-belt temm il-ħajja tiegħu l-Profeta Moħammed fuq din l-art, u minn fuq l-Għaqba tat-Tempju fejn illum hemm il-Moskea tal-Blata Moħammed kien meħud fis-sema fis-sena 610. Minn din il-belt qaddisa ħareġ it-tieni pilastru minn ħamsa li fuqu hu mibni l-Iżlam, l-amar biex kull Mislem jitlob ħames darbiet kuljum għarkupptejh u jimtedd mal-art.

Għal żmien twil kull Musulman kull meta jitlob kien iħares lejn il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm. Il-Profeta Moħammed jingħad li qal hekk: "Hemm biss tliet moskej li intom tistgħu tagħmlu vjaġġ biex iżżuruhom: il-Moskea ta' Mekka, il-Moskea ta' Medina fl-Arabja Sawdija u l-Moskea ta' Al Aqsa f'Ġerusalemm." Il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm, wara l-qerda tar-Rumani fis-sena 60 w.K., kienet f'idejn il-Biżantini, imma kienet intrebħet mil-Lhud f'alleanza mal-Persjani. Imma damet ftit wisq f'idejn il-Lhud, għaliex fis-sena 637 il-Kalif Umar niżel personalment Ġerusalemm biex jieħu f'idejh din il-belt qaddisa mingħand il-Patrijarka. Tul is-snin il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm kienet f'idejn l-Insara, sa ma fl-aħħar fis-sena 1191, bit-telfa tal-aħħar fortizza Nisranija f'Acre tul it-Tielet Kruċjata, il-belt ta' Ġerusalemm waqgħet darba għal dejjem f'idejn il-Misilmin. Kienet ix-xewqa ta' ħafna papiet li l-belt qaddisa ta' Ġerusalemm flimkien mal-Art Imqaddsa tkun f'idejn il-Kristjani. Ġew organizzati erba' kruċjati oħra wara din it-telfa biex il-Kattoliċi jirbħu u jkollhom f'idejhom il-belt ta' Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa. Imma kien kollu għalxejn, għax dawn il-kruċjati kienu falliment wieħed wara l-ieħor.

Il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm għadha biex ngħidu hekk xewka kbira ħafna fil-proċess ta' paċi bejn l-Għarab u l-Lhud, għax it-tnejn li huma jgħidu li hi tagħhom bi dritt u mhuma lesti jċeduha qatt u qatt. Kull meta l-Għarab u l-Lhud resqu xi ftit lejn xulxin din il-problema tal-belt qaddisa ta' Ġerusalemm dejjem inżammet fuq l-ixkaffa. Dan biex ma tkun diskussa, għax żgur li l-ebda ftehim ma kien ikun possibbli. Minħabba din il-belt iż-żewġ popli jħarsu biċ-ċiera lejn xulxin mingħajr ma ħadd minnhom mhu lest li jċedi pulzier imqar wieħed. Għalhekk ftit hemm ċans ta' rikonċiljazzjoni jew sliem fuq din il-belt qaddisa. Kien il-Papa San Ġwanni Pawlu II li tenna li l-belt ta' Ġerusalemm għandha tkun belt indipendenti taħt is-superviżjoni tal-Ġnus Magħquda, biex tkun belt komuni għat-tliet reliġjonijiet ewlenin, il-Lhud, l-Insara u l-Musulmani. Imma kemm il-Lhud u kemm il-Musulmani ma laqgħux din il-proposta, għax iż-żewġ reliġjonijiet iħarsu lejn din il-belt qaddisa bħala dritt assolut tagħhom. Għalhekk din il-belt qaddisa se tibqa' tkun għajn ta' ġlied, għira u rivalità.

**Għanijiet espansjonisti**

Forsi huwa aktar Iżrael milli l-Musulmani li għandu ambizzjonijiet espansjonisti biex jitkabbar kemm jista' jkun l-istat Iżraeljan minn fuq dahar l-istat Palestinjan. Il-poplu Lhudi jrid jiġma' iżjed u iżjed Lhud fi ħdan it-territorju tiegħu. Ħafna drabi l-Lhud jaħtfu art Palestinjana, ikeċċu lill-Għarab biex jibnu bini ġdid ta' djar biex ikunu jistgħu jakkomodaw aktar u aktar Lhud lejn l-Istat ta' Iżrael. Dawn l-ambizzjonijiet espansjonisti tal-Lhud ikomplu jibnu relazzjonijiet ostili bejn il-poplu Lhudi u l-popli Musulmani. L-istat Lhudi għandu bżonn ta' aktar u aktar nies biex dejjem aktar jibbilanċja l-popolazzjoni tiegħu mal-popolazzjonijiet Musulmani fil-pajjiżi ġirien tiegħu, għax f'kull żmien ta' gwerra l-bilanċ bejn il-popolazzjonijiet jieħu bixra tant importanti u ta' ħtieġa. Huma ħafna dawk il-Lhud li jixtiequ jerġgħu lura lejn it-territorju Lhudi. Dawn idommu l-miljuni ta' persuni. Żgur li dawn il-miljuni ta' nies jitolbu spazju akbar, wesgħat usa' u territorju aktar kbir fejn ikunu jistgħu jgħammru. Hi ħaġa minn awl id-dinja li l-istati Musulmani jħarsu lejn espansjoni territorjali għat-tkabbir tal-popolazzjoni. Imma hi xi ħaġa li tagħfas ħafna iżjed fuq l-istat Lhudi, għax l-istat Lhudi hu stat ristrett ħafna f'dawk li huma wesgħat u meded ta' artijiet.

Barra l-problema tal-espansjoni biex jinġabru aktar ċittadini lejn l-art Lhudija hemm ukoll il-problema li ċertu territorju hu meħtieġ għall-għanijiet ta' siġurtà għall-Istat ta' Iżrael. Biex nieħdu eżempju żgħir nistgħu nsemmu l-Għoljiet Golan, li l-istat Lhudi tant jeħtieġ biex is-sigurtà tal-istat Lhudi tkun aktar u aktar protetta u mħarsa. L-istat Lhudi jeħtieġ aktar meded ta' art biex is-sigurtà tal-Istat ta' Iżrael tkun aktar u aktar garantita u mħarsa. Bla dubju ta' xejn il-popli Musulmani jħarsu biċ-ċiera lejn l-istat Iżraeljan minħabba dawn ix-xewqat espansjonisti Iżraeljani biex jaħtaf aktar territorju minn idejn il-Musulmani, biex l-istat Iżraeljan iħossu aktar żgur u sigur biex is-sigurtà tkun aktar garantita.

**Umiljazzjoni**

Naħseb li raġuni oħra li tkabbar it-tensjoni bejn l-istat Lhudi u l-pajjiżi Musulmani hija l-umiljazzjoni li sofrew il-Musulmani tul id-diversi gwerer li seħħew bejn l-istat Lhudi u l-popli Musulmani. Saru b'kollox ħames gwerer ewlenin, għalkemm kien hemm diversi gwerer oħrajn li kienu importanti wkoll. L-ewwel gwerra saret fl-1948. Din il-gwerra baqgħet magħrufa fl-istorja bħala 'l-Gwerra Iżraeljana tal-Indipendenza'. Kienet gwerra bejn l-istat Lhudi li kien għadu kemm ġie ffurmat u koalizzjoni militari tal-istati Għarab biex jieħdu f'idejhom territorju Palestinjan li qabel kien f'idejn l-Ingliżi u li minnu kien iffurmat

l-istat Iżraeljan. Din il-gwerra baqgħet ukoll magħrufa bħala 'l-Ewwel Gwerra Iżraeljana Għarbija'. It-tieni gwerra bejn l-Istat ta' Iżrael u l-istati Għarab bdiet fid-29 t'Ottubru 1956, wara li seħħet id-deċiżjoni Eġizzjana mmexxija minn Naser li biha nnazzjonalizza l-Kanal ta' Suez. L-Ingilterra, Franza u Iżrael iffurmaw koalizzjoni kontra l-istat tal-Eġittu. F'din il-gwerra Iżrael irnexxielu jerġa' jiftaħ l-Istrett ta' Tiran u beda jikkontrolla t-Territorju tan-Nofsinhar.

It-tielet gwerra kienet dik tal-1967, li baqgħet magħrufa fl-istorja bħala l-Gwerra tas-Sitt Ijiem. F'din il-ġlieda l-Eġittu, il-Ġordan u s-Sirja kkonfrontaw lill-Istat ta' Iżrael. F'din il-gwerra Iżrael rebaħ il-belt ta' Ġerusalemm mingħand il-Ġordan, l-Għoljiet tal-Golan mis-Sirja waqt li mingħand l-Eġittu rebaħ is-Sinaj u l-Medda ta' Gaża. Bejn is-6 u s-26 t'Ottubru 1973 seħħet il-gwerra li fl-istorja baqgħet magħrufa bħala l-Gwerra tal-Yom Kippur. L-għan ta' din il-gwerra kien li l-istati Għarab immexxija mill-Eġittu u s-Sirja jerġgħu jirbħu l-artijiet mitlufa tul il-gwerer mgħoddija. Fl-1982 saret l-aħħar gwerra ewlenija, li baqgħet magħrufa bħala l-Gwerra tal-Libanu. Din bdiet fis-6 ta' Ġunju 1982. L-Istat ta' Iżrael invada l-Libanu tan-Nofsinhar bil-għan li jkeċċi l-ġellieda Palestinjani (il-PLO) mil-Libanu u hekk ħolqu Żona ta' Sigurtà fil-Libanu tan-Nofsinhar. F'dawn il-gwerer kollha l-Istat ta' Iżrael dejjem ħareġ rebbieħ u umilja l-istati Għarab, minkejja l-kobor tagħhom u minkejja li dejjem kellhom armati kbar u armi sofistikati għax setgħu jixtruhom bil-flus taż-żejt. Dawn il-gwerer baqgħu xewka f'dahar il-pajjiżi Għarab li qatt mhi se tfiq.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha juruna li l-mibegħda bejn l-Għarab u l-Lhud hi waħda politika u mhux waħda reliġjuża. L-isfortuna hi li mexxejja politiċi jinqdew u jdeffsu fin-nofs ir-reliġjon biex jiġġieldu ġlidiet politikament ambizzjużi imma li mhumiex ġlidiet reliġjużi. Il-politiċi jinqdew bir-reliġjon biex iġibu l-qerda tal-bnedmin, iwelldu r-romol u tfal iltiema u jġibu miżerja fost il-bnedmin. F'kulma jsir huwa ż-żgħir li jbati l-konsegwenzi. Imma l-problema hi li ż-żgħir ma jitgħallimx mit-tixwix u l-qerq tal-politiċi, u għalhekk iż-żgħir ikompli jneffaħ l-irjus tal-kbar biex fl-aħħar mill-aħħar ibati hu stess mill-qerda li jġibu u jħallu warajhom il-gwerer, it-tislit u l-ġlied bejn in-nazzjonijiet u l-ġnus. Ir-reliġjon irridu ngħixuha biex inkabbru l-maturità spiritwali tagħna u mhux biex inserrħu lill-politiċi biex jgħumu fil-korruzzjoni politika u dejjem iħaxxnu bwiethom billi jisolħu l-ftit li għandu f'butu ż-żgħir u l-fqir. Iż-żgħir irid jitgħallem, forsi xi darba jasal biex ma jħallix lill-politiċi jinqdew bih biex jinħbew id-dnubiet kbar u s-sagrileġġi tal-politiċi.

***Żomm 'il bogħod mid-DROGA***

Għid **LE** għad-droga

# L-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija

Anthe Vella

Iż-żgħażagħ iġibu magħhom enerġija sabiħa li tagħti kulur lis-soċjetà tagħna. Żgur u mhux forsi li l-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija għandu sehem qawwi fil-ħajja ta' diversi żgħażagħ li jixtiequ jirċievu formazzjoni tajba fil-ħajja tagħhom. Sa mit-twaqqif tiegħu l-iskop tal-Oratorju kien wieħed formattiv fil-ħajja soċjali u reliġjuża ta' diversi persuni li għaddew minnu. Biżżejjed jekk insemmu l-ħidma fil-qasam teatrali, li għalih is-Sala Dun Edgar kienet imsemmija, u diversi attivitajiet soċjali u reliġjużi li l-Oratorju tella' minn żmien għal ieħor.



Grupp ta' żgħażagħ Imġarrin waqt attività organizzata mill-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija

L-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija nistgħu niddiskrivuh bħala l-post ewlieni, wara l-knisja parrokkjali, li fih isir xogħol pastorali, b'mod speċjali ma' diversi tfal fil-qasam tal-katekeżi u żgħażagħ li minn ġimgħa għal ġimgħa jiġu u jiffurmaw il-ħajja attiva tal-Oratorju. Fl-Oratorju nagħmlu enfasi wkoll fuq esperjenzi informali ta' djalogu li jsiru fost iż-żgħażagħ. Permezz ta' dawn l-ispazji ż-żgħażagħ ikollhom iċ-ċans li jesprimu ruħhom filwaqt li jagħtu sehemhom fil-ħidma li ssir għalihom. Spazju fejn iż-żgħażagħ irċevew formazzjoni b'mod kreattiv kien il-live-in li fih madwar 35 żagħżugħ u żagħżugħa kellhom l-opportunità li jiddiskutu l-ħidma ta' bejniethom filwaqt li jaħsbu b'mod aktar kreattiv dwar il-ħajja. Tajjeb li ninnutaw li l-ħidma fl-Oratorju fost iż-żgħażagħ hija animata mill-Kummissjoni Żgħażagħ u leaders oħra. Dawn huma l-futur tal-Oratorju.

Matul is-sena li għaddiet saru diversi attivitajiet fi ħdan l-Oratorju, ħidmiet li mhux biss huma marbuta maż-żgħażagħ imma wkoll ma' diversi gruppi tal-parroċċa. Insemmu l-festa tal-Madonna tar-Ružarju u l-għeluq taż-żjajjar tal-Madonna fiż-żoni tal-parroċċa, meta saret quddiesa quddiem l-Oratorju. Fl-istess jum saret open day fil-bidu tas-sena katekatika, li fiha kulħadd seta' jara x-xogħol li sar fil-klassijiet miż-żgħażagħ u voluntiera oħrajn matul ix-xhur tas-sajf 2018.



Varjetà organizzata fis-Sala Dun Edgar

L-Oratorju jixtieq ikompli jagħti mbuttatura lill-qasam tad-drama. Bil-

kollaborazzjoni tal-Kumpanija Teatrali Anici saru diversi produzzjonijiet teatrali. Dan kollu jitfa' dawl ġdid biex nerġgħu npoġġu fil-qalb ta' kull Imġarri l-imħabba lejn id-drama Maltija. Avveniment annwali huwa l-Maratona-Sports b'risq id-Dar tal-Providenza u l-Oratorju, li din is-sena fiha nġabret is-somma sabiħa ta' €7,500. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li taw sehemhom f'din l-attività.



Waqt waħda mir-rappreżentazzjonijiet imtellgħa mill-Grupp Anici

Il-ħidma fl-Oratorju tkompli. Irridu nħarsu 'l quddiem biex bl-għajnuna tal-Azzjoni Kattolika Maltija, flimkien ma' dik ta' diversi kollaboraturi fi ħdan l-Oratorju, inkomplu naħdmu biex nirranġaw u ntejbu din il-binja daqstant importanti fil-parroċċa tagħna. Fi ħsibijietna attwalment għandna ppjanat li fi żmien qasir ikollna l-bar b'dehra ġdida u li jiġi trasformat f'post modern ta' rikreazzjoni. Hija l-viżjoni tagħna li fil-futur nibdew nirranġaw is-sistema tad-dawl fis-Sala Dun Edgar, liema fondi bdejna naħsbu għalihom minn attivitajiet li jsiru f'din l-istess sala.

Nawgura li l-Oratorju jkompli jkun il-post xieraq ta' formazzjoni u rikreazzjoni. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.



Żgħażagħ li jattendu l-Oratorju waqt waħda mill-attivitajiet



# Li tiżra' taħsad jew li jkollok iġġorru miegħek

Greg Caruana

Hekk ġara mill-koppja Gregory Caruana u Agnes née Gatt. Dawn kienu mrawmin madwar il-knisja, il-kor u l-palk. Agnes Caruana née Gatt, it-tifla ta' Anna Gatt (née Gauci) Taċ-Ċappella u Salvu Ta' Swiegel, li dawk tamparna jiftakruh jarma d-dawl tal-festa u l-knisja, li kien kburi biha tant li jekk lejlet il-festa jara bozza maqtugħa fuq il-knisja, arah l-għada jibdilha. Mur ġib lill-kuntratturi tal-lum jagħmlu hekk, jitilgħu mas-sellum tal-ħabel, sogru li baqa' jagħmlu sa meta kellu 70 sena, sena qabel ma miet nhar it-18 ta' Marzu, lejlet San Ġużepp tar-Rabat.

Agnes kienet tkanta fil-kor fi żmien Dun Ġużepp il-Kbir, u kienet midħla tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Min-naħa tiegħu Gregory trabba l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fejn beda meta kien jitgħallem għall-ewwel tqarbina madwar Dun Angelo Camilleri, u li tant kienu ħbieb li żewwiġhom fil-knisja tal-Imġarr fit-2 ta' Ottubru 1966. Fl-oratorju Gregory kien fl-għaqda tal-istudenti, fl-Azzjoni Kattolika, u sintendi l-palk. U la semmejna l-palk, hemm Gregory kien introdott meta kien għadu tifel ta' 6 snin.

Ta' xi 15-il sena, flimkien ma' sħabu Lessio Fenech, Emideo Scicluna, Joe Quattromani, Karmnu Gatt, Karmnu Azzopardi u oħrajn, għaqqdu l-kumpanija Mosta Amateur Dramatic. Dawn kienu jagħtu serati kważi darba fix-xahar fl-istess sala tal-oratorju. F'dawk iż-żminijiet ma setgħux jidħlu tfajliet magħhom, u għalhekk Gregory u l-aħwa Joe u Karmenu Gatt għaqqdu kumpanija għalihom, li kienet tissejjaħ il-Mosta Dramatic, u kienu jduru mas-swali ta' Malta. Fis-Sala Dun Edgar kienu jsiru konkorsi tad-drammi u l-kumpanija Mosta Dramatic kienu minn ta' quddiem.



Is-Sur Greg u s-Sinjura Agnes Caruana née Gatt f'għeluq il-50 sena taż-żwieġ tagħhom

Sadanittant Gregory u Agnes kienu żżewġu u kellhom tlett itfal, Alexander, John u Jason. Gregory kien eks apprentist id-Dockyard, u kien jaħdem mas-Servizzi Ingliżi sal-1976. Meta spiċċa bir-rundown, minn hemm mar jaħdem bħala techinician fin-Naxxar Technical School, li kienet qisha skola tas-snajja'.

Pic 105

Fl-1980 il-koppja Gregory u Agnes Caruana ddeċidew li jemigraw lejn Sydney, l-Awstralja, fejn kellhom xi qraba. Għall-ewwel il-ħajja kienet qisha vaganza, u kienu joħorġu flimkien fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu ħamest ijiem fil-ġimgħa. It-tfal kienu jmorru

l-iskola. Iżda d-dinja issa kienet bil-maqlub ta' Malta, għaliex f'Ġunju l-Awstralja tkun bdiet dieħla x-xitwa, li hu l-kontra ta' Malta, li jkun is-sajf. Gregory kien imdorri bin-nofstanhari tas-sajf, iżda hawn fl-Awstralja kontra l-klima, bdiet tiksaħ, u n-nofstanhari għosfru. Iżda l-iktar ħaġa li laqtet lil Gregory Caruana kienet propju l-15 ta' Awwissu, nhar Santa Marija. Fejn f'Malta dan kien żmien tal-vaganzi, hawn ġo Sydney kollox kien l-istess xogħol u xejn iktar. Meta qam biex jibda x-xogħol fis-sitta ta' filgħodu u ftakar li f'Malta kienet għaddejja l-festa, ma kinux mumenti sbieħ għalih, u kellu jitqanna bir-radju, li kien qed idoqq xi songs tas-sittinijiet, li kien trabba bihom. Sadanittant iż-żmien baqa' għaddej, u meta kienu jirċievu xi video tal-festa kienu jagħmlu xi barbeque u joqogħdu jarawh daqqa għand dak u oħra għand xi ħadd ieħor.

Gregory u l-familja issa bdew joqogħdu mal-komunità Maltija f'Sydney u wara ftit ingħaqad mal-kumpanija teatrali u kulturali li kienet iġġib l-isem ta' Ċittadini. Wara xi żmien intgħażel bħala assistent direttur. Wara xi sena kien miet id-direttur attwali u għalhekk Gregory laħaq direttur u president ta' din l-għaqda teatrali, kariga li dam fiha 'l fuq minn 12-il sena. Matul dan iż-żmien kellu kuntatt ma' Lino Grech, Charlie Clews, Ġemma Portelli, Joe Farrugia (id-Dulli), Tonio Vella (Majsi) u oħrajn. Bis-saħħa ta' dawn is-Sinjuri rnexxielu jtella' d-dramm Agħtini l-Għajnuna, fuq il-ħajja ta' San Ġorġ Preca, It-Tieġ ta' Karmena Abdilla, In-Neputija tal-Kappillan u oħrajn. Fl-istess ħin huma kienu jiġbru u jagħtu donazzjonijiet għall-karità kemm f'Malta kif ukoll l-Awstralja.

Issa min-naħa ta' Santa Marija l-ġamar baqa' jaqbad ġol-qlub, u l-ħbieb ta' Gregory u Agnes Caruana, u l-barbeques, żdiedu, u anki bdew isiru d-dinner dances. Fis-sena 2000 kellhom l-ewwel dinner dance uffiċjali ġol-Bowman Hall ġewwa Blacktown, fejn kellhom 260 ruħ, bis-sehem tal-banda Maltija O.L.Q.P. Fis-snin ta' wara baqgħu jsiru d-dinner dances u hawn bdiet tiġi organizzata l-festa. Fis-sena 2010 Shawn Saliba tal-Mosta ħadem l-istatwa ħelwa ta' Santa Marija. Il-Grupp Santa Marija għadu għaddej jorganizza l-festa fl-ewwel weekend ta' Awwissu, fejn isir id-dinner dance grandjuż ġol-Balmoral Centre ġewwa Blacktown, u l-għada l-Ħadd issir il-festa ta' Santa Marija ġewwa ċ-Ċentru La Valette. Fil-jum tal-festa ssir quddiesa, li jieħu sehem fiha l-kor, u anki jsir paniġierku. Wara tibda ħierġa l-purċissjoni bil-vara, li tkun akkumpanjata mill-banda Maltija Our Lady Queen of Peace. Waqt il-purċissjoni l-banda kienet iddoqq innijiet Marjani, u anki xi kultant jingħaqad il-kor mal-banda. Kien ikollna ftit nar ukoll, li kien jinħaraq għall-festa. Din il-festa għadha għaddejja bis-saħħa tal-Grupp Santa Marija, li jaħdem kontinwament mingħajr ma jieqaf.


**Issieħeb magħna fl-iskema**
**'Sehmi għall-Każin Tiegħi'**

**Ibgħat email fuq info@bandamgarr.com**



# Memorji sbieħ tal-Bajja tal-Ġnejna minn San Francisco

Onor. Kav. Louis J Vella MQR

*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*

*President Onorarju*

Mela bħalma jiġri ħafna drabi, minn xi daqqiet jiġu waqtiet meta bħal qisna nsibu ruħna f'xi post, jista' jkun f'Malta però mhux bilfors; jista' jkun ukoll li tiġrilna f'xi pajjiż ieħor li forsi nkunu noqogħdu fih jew li nkunu qegħdin inżuru. F'xi mumenti bħal speċi nintilfu għal xi ħinijiet u ninsew għalkollox fejn inkunu qegħdin. Moħħna u ġisimna jibdew jippruvaw iwissuna u jtanbrulna fejn inkunu ninsabu, però l-immaġinazzjoni u l-qalb ikunu ilhom li ttajru u sabu posthom xi mkien ieħor. Jew inkella nkunu nafu li qegħdin f'ċertu post imma l-ambjent jew is-sitwazzjoni tant ifakkruna f'postijiet oħrajn li dak li nkunu qegħdin naraw u nesperjenzaw, u jista' jkun ukoll dak li nkunu qed nitpaxxew bih, bħal jisparixxi għall-immaġinazzjoni tagħna.



L-awtur is-Sur Louis Vella u Joe Cauchi, li ħadem il-kajjikk b'sengħa kbira fl-Għarb, Għawdex

Il-ġurnata kienet il-Ħadd fix-xahar ta' Ġunju ta' xi sentejn ilu. Niftakar daqslikieku issa kif ħassejtni meta l-immaġinazzjoni taret bija u għal xi ħin kont hemm iżda ma kontx!

Dakinhar sebħet ġurnata mill-isbaħ. Waħda minn dawk li ma tpinġihomx. Jum fost dawk il-favoriti nett ta' ħafna li jħobbu s-sbuħija tax-xemx mat-tlugħ tagħha. Il-kuluri tas-sema jisbqu l-aqwa lwien. Għaxqa tal-pitturi tan-natura li jifhmu sew li l-ebda tila ma hi denja biżżejjed biex tilqa' dawk l-immaġini ta' kuluri spettakolari li jdumu biss għal ħin qasir. Il-baħar fil-famuża Bajja ta' San Francisco kien ħġieġa. Jagħtik sfiċċa timxi fuqu daqskemm kien kalm u trankwill. Lanqas żiffa ma kienet tinħass. Il-veru ġurnata tal-istampi.

Kmieni filgħodu rħejtilha lejn ix-xatt, fejn kelli niltaqa' ma' xi ħbieb biex invaraw qoxra tal-baħar għall-ewwel darba fuq din il-bajja famuża mad-dinja kollha. Waqt li kont qed insuq biswit ix-xatt, fil-bajja kont diġà tara xi dgħajjes kbar u żgħar ta' kull mudell u lewn. Min bil-magna ġewwa u min barra. Min bil-qlugħ u min bl-imqadef. Tal-qlugħ kienu dari jitħabtu u jdawru 'l hemm u 'l hawn biex forsi jaqbdu nifs ta' riħ li jimla xi ftit il-liżar. Indunajt mill-ewwel li mhux aħna biss konna ilna ngħassu għat-temp u l-kurrenti tal-baħar. Għexieren ta' dilettanti kienu wkoll ilhom jistennew ġurnata bħal din, u ma kienu se jħallu lil ħadd u xejn li jtellifhom milli joħorġu bid-dgħajsa għal ġurnata mill-isbaħ fuq il-baħar, li deher jistieden lil kulħadd. Ħafna minn dawn kienu mdorrijin, għax ta' spiss kienu jagħmlu ġranet sħaħ fuq il-baħar. Il-ġenn kien kollu għax fil-jiem ta' qabel, it-temp ma tantx kien

favorevoli biex tieħu naqra pjaċir, però llum patta bis-sħiħ għax kull min kellu dgħajsa, hi ta' liema kwalità hi, żgur li kien se jgawdiha.

Wara xi tliet kwarti nsuq wasalt fuq il-post u sibt li sħabi kienu għadhom kif waslu wkoll. Fraħna b'xulxin u malajr ftehemna x'għandu jsir u x'inhu r-rwol ta' kulħadd. Dik l-arja ta' filgħodu kmieni kmieni kienet bħal donnha tidħol f'kull rokna tal-pulmun u tħossha tiffriskah u timlieh bis-saħħa. Il-gawwi u tajr ieħor tal-baħar kienu diġà ilhom jistadu għall-ħobża ta' kuljum tagħhom. Kienet issaltan ċerta ħemda tan-natura, li kienet għadha bħal qed tqum mir-raqda twila tal-lejl. Ix-xemx tielgħa kienet qed titfa' raġġi twal fuq l-ilma, li jekk tħares fit-tul lejhom bħal jgħammxuk u ma tibqax tara sew. Mhux li wieħed seta' kieku jwaqqaf l-arloġġ dak il-ħin!



Vapuri u biċċiet tal-baħar ta' kull għamla u daqs, vapuri merkantili u tal-militar... imma tirrenja t-trankwillità



Fuq il-pruwa nases tal-vopi ħalli żgur tikber il-kurżità ta' min qed jara mix-xatt jew mill-baħar

Imma le! Aħna mhux għalhekk bakkarna dakinhar. Kollha kemm aħna ġejna bl-istess fehma, b'missjoni speċjali u b'tir wieħed, dak li nvaraw din il-qoxra li bħalha l-Bajja ta' San Francisco żgur li qatt ma rat. Dgħajsa li malli titħarrek minn mal-moll u tibda tterraq fuq l-ilmijiet, ħafna kienu se jkunu dawk li se jibqgħu b'ħalqhom miftuħ iħarsu lejha. Ħafna se jkunu li se jieħdu r-ritratti u jistaqsuna fuqha. Ħafna ma kinux jistgħu jimmaġinaw qoxra fuq wiċċ l-ilma ta' dik l-għamla u sura titbandal fuq baħar ħanin hekk kmieni filgħodu.



"Idi mill-ewwel niżlet ma' ġenb tal-kajjikk u bdejt bħal taparsi nrejjex, kif jagħmlu s-sajjieda vera tal-Ġnejna... u tgħidx kemm dħakna, nikkummidjaw u nimmaġinaw."



Peress li konna sitta min-nies, inqsamna fuq żewġ dgħajjes, erbgħa fuq dgħajsa kemxejn ikbar u ftit iktar komda, u fuq il-famuża dgħajsa rkibna jien u ħabib tiegħi, li kien ukoll sid id-dgħajsa.

Min qiegħed jaqra nisthajlu jistaqsi, dan biex ħiereġ? Din x'dgħajsa kienet biex kulħadd kien se jistagħġeb biha, jiġbdilha r-ritratti u jistaqsi fuqha? Jaqaw din xi Amerikanata, li jgħidu li kollox akbar, aħjar, isbaħ u aqwa? Jew forsi dan kollu se jwassal għal xi ċajta? Xejn minn dan, anzi eżatt il-kontra. Forsi f'Malta d-dgħajsa li qed nitkellmu fuqha qajla titqies bħala speċjali. Pjuttost hi komuni, għax bħalha hawn mijiet jekk mhux eluf. Iżda mhux hekk fil-Bajja ta' San Francisco.

Kajjikk Malti tas-sajd,* mibni b'sengħa

kbira f'Għawdex minn Joe Cauchi, li min jaf kemm ra baħar kull meta ħareġ għal-lampuki, it-tonnaġġ jew anke l-vopi, hu xi ħaġa normali f'Malta. Narawh kważi kull meta nersqu lejn xatt il-baħar. Imma dan l-istess kajjikk hu xi ħaġa ta' barra minn hawn fil-Bajja ta' San Francisco. Din il-bajja, li tilqa' fiha kull xorta ta' bċejjeċ tal-baħar, mill-ikbar tankers sal-iżgħar kenura, vapuri merkantili u tal-militar, jottijiet, laneċ tat-trasport tan-nies u l-merkanzija, dgħajjes tas-sajjieda professjonisti u tad-dilettanti, saħansitra dgħajjes tal-iktar tellieqa magħrufa u famuża tad-dinja, l-America's Cup. Laqgħet kemm laqgħet vapuri, laneċ u dgħajjes, żgur li qatt ma rat dgħajsa bħal din. Dan kellu jkun mument storiku, meta kajjikk tas-sajd Malti kien lest biex iterraq għall-ewwel darba fuq ilmijiet 'il bogħod sew mill-ibħra Maltin. Dan kien avveniment li kellu jitniżżel fl-istorja ta' min iħobb lil Malta u speċjalment ta' min hu dilettant tad-dgħajsa Maltija.

Eżatt hekk kien, u eżatt hekk ġara. Mela l-istorja bdiet meta ħabib tiegħi minn California, ċertu Charlie Catania, minn familja mill-Mosta, kien ilu mwebbel biex jixtri frejgatina jew luzzu mdaqqas minn Malta u jtellagħhom San Francisco fl-Istati Uniti tal-Amerika. Sikwit konna nitkellmu fuq hekk. Dam ftit ifittex, u kull meta kien isib xi qoxra tal-baħar li togħġbu kien joħdilha ritratt u jibgħathuli għall-opinjoni fjakka tiegħi. Dawwar minn hawn u dawwar minn hemm, fl-aħħar irnexxielu jsib kajjikk tajjeb. Bagħat is-soltu ritratti u jien għoġobni wkoll. Wara xi provi fuq il-baħar f'Malta, u wara xi ftit żmien, dan l-imbierek kajjikk qabad triqtu lejn l-Amerika, mistur ġo container. Dakinhar li wasal qisha waslet għall-ewwel darba l-vara tar-raħal. Tgħidx x'entużjażmu, ferħ u taptip tal-prosit fuq l-ispallejn!



Il-ħbieb Louis Vella u Charlie Catania bilqiegħda fuq kajjikk bejn sema ikħal u baħar kalm… "niżlet fuqna ċerta serenità, u l-bini għoli tal-belt bdejt nistħajlu t-Torri tal-Ġnejna."



Meta wasal il-jum mistenni li nvaraw il-kajjikk għall-ewwel darba, kollox kien ippjanat sew. Fil-Bajja ta' San Francisco mhux lakemm tvara fl-ilma. Irid ikollok sens tajjeb u informazzjoni riċenti tal-irjieħ, u meta jkunu se jonqsu jew jiżdiedu, meta jevapora ċ-ċpar ta' filgħodu, meta jimla jew jofrogħ il-baħar, u mitt ħaġa oħra. Jekk ma toqgħodx attent, il-kurrenti jistgħu jġorruk 'il barra u filli tkun fil-bajja u filli ssib ruħek fl-oċean.

Meta kien kollox lest u f'postu, sieħbi startja l-mutur Volvo Penta diesel u tupp tupp tupp tupp… irħejnielha lejn il-Punent. Il-ħoss tal-magna u t-tregħid tal-kajjikk tant instemgħu strambi f'dak l-ambjent, però għalija tant kienu ħsejjes familjari. Fuq il-pruwa kellna xi żewġ nases tal-vopi, biex żgur jistagħġeb iżjed min kien qed jarana minn fuq ix-xatt jew minn fuq il-baħar. Idi waħda kienet fuq it-tmun u idi l-oħra mill-ewwel niżlet ma' ġenb tal-kajjikk u bdejt bħal taparsi qiegħed inrejjex, bħalma konna nagħmlu dari meta konna noħorġu għal-lampuki jew għall-kaħli jew iċ-ċervjol. Tgħidx kemm dħakna, nikkummidjaw u nimmaġinaw!

Ftit wara li salpajna qatigħ 'il barra minn max-xatt, l-eċitament beda jbatti xi ftit, u ħlief għall-ħsejjes tal-magna, bħal waqa' s-skiet bejni u bejn sieħbi. Niżlet fuqna ċerta serenità

ta' żewġt iħbieb bilqiegħda fuq kajjikk tas-sajd bejn sema ikħal u baħar żejt. Ma nafx fejn kien moħħ sieħbi, però għalija kien hawn li nsejt għalkollox li kont qiegħed fuq l-ilma f'San Francisco. Il-bini għoli tal-belt bdejt nistħajlu t-Torri tal-Ġnejna, il-mollijiet fejn jitrakkaw il-laneċ bdejt narahom qishom il-Blata taċ-Ċikken, l-għoljiet ta' San Francisco stħajjilthom it-tafal għoli tal-Qarraba u l-blat sod ta' Ras il-Pellegrin, u f'kemm ilna ngħidu ħassejtni qisni ħiereġ mill-Bajja tal-Ġnejna, minn fejn l-iskoll mgħarraq lejn Għar Marija.



"Hemm hu l-pont!" Konna għadna 'l bogħod però l-Golden Gate Bridge kien jidher sewwa... Soqna l-kajjikk fid-direzzjoni tiegħu u beda jikber iktar ma nersqu lejh



Memorja ta' ħolm sabiħ li assolutament ma ridtx noħroġ minnu. Kemm ħassejtni kuntent u trankwill! Kemm tifkiriet sbieħ ta' meta kont tfajjel imfarfar u ta' sikwit, wara tal-matutina, kont immur ma' Dun Ġużepp iż-Żgħir bil-frejgatina għall-ħut il-Ġnejna! Sjuf sħaħ qattajt ma' dak ir-raġel bravu, twajjeb, devot u reliġjuż, li kien dilettant kbir tas-sajd u tal-baħar. Għalkemm qatt ma tgħallimt is-sengħa sabiħa tas-sajjied, mingħand Dun Ġużepp Vella tgħallimt ħafna, bħalma tgħallmu wkoll mijiet ta' żgħażagħ oħra li kibru ma' djul is-suttana ta' dan ir-raġel viżjonarju u mimli b'doni mill-isbaħ. Kien raġel li ddedika ħajtu kollha għall-formazzjoni u l-bini tal-karattru taż-żgħażagħ, sew mil-lat reliġjuż kif ukoll mil-lat soċjali. Meta konna iżgħar forsi qatt ma fhimna u apprezzajna dak li tgħallimna minn dan ir-raġel ta' għaqal kbir, però meta għaddew is-snin wieħed għandu jinduna li ħafna mill-imġiba tajba tagħna hi frott tat-tagħlim li ħadna mill-Oratorju, fil-laqgħat, fir-rikreazzjoni, fil-logħob, fuq il-palk u f'ħafna u ħafna okkażjonijiet simili.

Il-Bajja ta' San Francisco hija ta' kobor immens; domna ħerġin 'il barra mhux ħażin. Jien ma kelli l-ebda għaġla noħroġ mill-ħolm tiegħi, u l-Ġnejna domt ingawdiha għal ħafna ħin. Sieħbi b'minkbejh ġibidli l-attenzjoni u qalli: "Hemm hu l-pont!" Konna għadna 'l bogħod, però l-Golden Gate Bridge kien jidher sewwa. Soqna l-kajjikk fid-direzzjoni tiegħu hekk kif dan beda jikber iktar ma nersqu lejh. Eluf ta' karozzi u nies dehru jaqsmu kontinwament il-pont. Purċissjoni ta' nies jimxu jew fuq xi rota u karozzi u trakkijiet ma jaqtgħu xejn.



L-għan tagħna li nwasslu l-kajjikk sa ħdejn il-pont intlaħaq; issa aħjar indawru lura

Il-kajjikk qajla qajla wasal qrib wieħed mill-pilastri kbar li jwieżnu l-pont. Il-kobor tal-pont meta tasal taħtu tant hu imponenti li ma tafx kif taqbad timmaġinah. L-għan tagħna li nwasslu l-kajjikk sa ħdejn il-Golden



Il-kajjikk qajla qajla wasal qrib wieħed mill-pilastri kbar li jwieżnu l-pont, li meta tasal taħtu tant hu imponenti li ma tafx kif taqbad timmaġinah

Gate Bridge ntlaħaq. Il-kajjikk ukoll wettaq dmiru sew u ma setax imur aħjar milli mar. U jien ħadt l-okkażjoni biex mhux biss ingawdi dawra fuq il-baħar fuq kajjikk Malti, imma wkoll nerġa' ngħix għal ftit waħda mill-partijiet sbieħ ta' ħajti fi tfuliti!

Noti:

* Joseph Cauchi huwa mill-Għarb, Għawdex, però llum joqgħod il-Mosta, u wara ftit riċerka rnexxieli nsibu u niltaqa' miegħu. Joe hu l-bravu ħaddiem fl-injam li b'ħila u b'sengħa kbira bena l-kajjikk fl-Għarb, li wara xi snin joħroġ bih għall-ħut, inbiegħ f'Malta u issa jinsab San Francisco!

** ritratti: ħajr lil CVC Media



Dehra sabiħa ta' parti mill-Port ta' San Francisco, bil-kajjikk Malti jmewweġ u jofroq il-baħar ta' din il-bajja famuża





## Students Package.

Open a BNF Students Package and get amazing perks like a free Power Bank, €50 with your first stipend, and €10 every time you refer a friend!

You may also benefit from our Personal Loan* by paying the monthly interest only, throughout the duration of your course + 1 year for a maximum of 6 years.
Get a car, a fancy new laptop or see the world! It's up to you.

**Apply today!**

**www.bnf.bank | 2260 1000**

BNF BANK

*Terms and conditions apply. Loans and credit cards are subject to the Bank's lending criteria. The availability of all loans and credit cards, deposit products and other products indicated here in is subject to the Bank's eligibility requirements and in all cases subject to the Bank's sole and absolute discretion. The Bank reserves the right to amend or withdraw this product from the market at any time, at its sole and absolute discretion and without any prior notice. BNF Bank plc is a credit institution licensed to undertake the business of banking by the MFSA in terms of the Banking Act 1994 and is a member of the Depositor Compensation Scheme established under the Depositor Compensation Scheme Regulations (Legal Notice 383 of 2015). Registered in Malta C41030 - 203, Level 2, Rue D'Argens, Gzira, GZR 1368, Malta.


BigMat
www.bigmatmalta.com
HOME & DIY SUPERSTORE
"YOUR LIFETIME HOME IMPROVEMENT PARTNER"
Follow us on
www.bigmatmalta.com
PRESENT THIS ADVERT TO BIGMAT CASHIERS AND GET
10% OFF!
Discount is not valid with any other offer and non-discountable items.


BONNICI
BROTHERS
connecting
our island
since
1978
bbg.com.mt


Bonnici &
Buhagiar
24/7 Funeral Services
7903 0197
9944 9578
9985 4432



BOV HOME LOANS

## BUY THE PROPERTY
## OF YOUR DREAMS

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV

Bank of Valletta

## Care Cuts

### Unisex Salon



Mon & Wed - Closed
Tue, Thu & Fri - 7:30am - 7:00pm
Sat - 7:00am - 6:00pm

'Arc En Ciel', Imqades Street, Zebbiegh, Mgarr Malta
Tel: 21574552    Mob: 79703141



CL CONSTRUCTION

Contact Numbers

9980 0361

9984 9970

7736 9311

E-Mail

clconstructionlimited@gmail.com

Building & Alteration works




# Gourmet
## Confectionery

Żebbiegħ Road,
L-Imġarr
Mob: 7955 5255

Open
Monday to
Sunday
from 7.30 am
till 9.30 pm






# DRAINAGE WORKS

**Mob: 99688747, 99308521, 99721590**

## FRANCE BEZZINA

- Repair Drainage Blockings
- Drainage Cleaning
- Grease Trap Cleaning
- Cesspit Cleaning
- Unblocking of Drains & Sinks

*Professional Service at all times*

# L-Onor. Dr Godfrey Farrugia jawgura l-festa t-tajba lill-Imgarrin kollha

## *"Il-festa hi manifestazzjoni ta' devozzjoni u ferh li jferrah"*



Tel Klinika: 9949 5486 / 2146 5359
Tel / SMS Kostitwenza: 7996 0808
Email: farrugiagodfrey@gmail.com


HAIR-A-HOLIC
Unisex Hair Salon
Fully qualified and experienced hair stylists
15, Fisher Road, L-Imġarr, Malta,
Tel: 2157 0949
Let us take care of your hair...
Monday Closed
Tue – Sat 10:00am - 6:30pm
Find us on: facebook


THEHATCH
Sports Bar & Pub
100, Fisher Road, Mgarr
(+356) 99 457 629
thehatch@onvol.net
Find us on Facebook


HUNGRY WOLF CAFÉ & SNACK BAR
99849688
TA' SOLDI
PIZZERIA & TAKE AWAY
Coca-Cola zero
Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr
21575749 • 99849688
Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm
Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


JARDINLAND
GARDENING MADE SIMPLE
Ghajn Tuffieha Road
Manikata, MLH 5700 - Malta
Tel: (00356) 21570215 , 21521559
Fax: (00356) 21575064
www.jardinland.com.mt


The Mgarr War Shelter
Opening Hours:
Monday Closed
Tuesday - Saturday 9:00 - 12:00
Sunday 10:00 - 11.30
Entrance is through
Il-Barri Restaurant.
Visit www.il-barri.com.mt
or call us on 21573235
for more info.

# J. MICALLEF
## SERVICE STATIONS





**ŻEJTUN SERVICE STATION**
Tal-Barrani Road, Żejtun
Tel: 21801493
Email: zejtunss@jmicallefgroup.com.mt

ATM
cafeteria

Join Us On facebook
www.facebook.com/J.Micallefservicestation

**RABAT SERVICE STATION**
Buqana Road, L/O Rabat
Tel: 21450853
Email: mjst@maltanet.net

***J. MICALLEF SERVICE STATION LIMITED is the owner of the Rabat Service Station and the Żejtun Service Station. Both service stations provide several services such as:***

- BOV ATM facilities
- Fuel fill-up station
- Routine servicing Exterior and Interior washes
- Sale and repairs of tyres, car parts and car accessories in our shops
- Car wash
- Valet services
- Snack outlet
- Liquigas facilities





### Car Wash
- 24hrs self-service carwash
- Car polishing

### Valet Services
Valet service is offered Monday to Friday by appointment. This service is given by the best staff, which includes:
- Car washing from the outside
- Wheel arches are jet washed
- Proper engine care, starting off by cleaning the engine and adding a moisture protectant (ONLY by client request)
- Polishing of windows both inside and outside
- Car mats are cleaned and shampooed as well as the upholstery and seats
- The inside of the car (dashboard, vinyl/plastics etc.) will be brushed and/or washed as needed
- Satin polish and/or leather care is applied
- The outside of the car will be waxed with our best products, giving the paint protection from UV rays, rain, salts and oxidization
- Tyres and rims will be cleaned and polished
- Ending with an air-freshner

HORIZON

MICHELIN
A better way forward

### Car Services
- Wheel balancing
- Oil change
- Oil filter
- Plugs
- Tyre Rotation
- Air filter
- Fuel filter
- Brakes
- Coolant







http://www.jmicallefgroup.com.mt/




Tel 21574474 / 79278520
email carl.g@martingrimaltd.com
Facebook Inokim Malta

INOKIM
MALTA

Jason Bugeja

Keyboardist & singer, pianist, organist, accordionist for hotel/restaurant entertainment, Wedding Mass, Wedding Reception and other functions



info@jasonbugeja.com
www.jasonbugeja.com
79731003
facebook.com/jasonbugejamusic

ALSO: PC/Laptop repairs & upgrades, Virus/Spyware/Adware Removal, Internet/Ethernet & Wireless Networking



Is-Segretarju Parlamentari

# Julia Farrugia Portelli

u l-familja tagħha jawguraw

## il-Festa t-Tajba

*lil kulħadd*

M 7999 9936 E info@juliafarrugia.com

**2, Qrendi Road, Żurrieq (ħdejn l-Armerija)**



Laflafett Co. Ltd.
Agricultural and Horticulture Products
Għall-bżonnijiet agrikoli tiegħek
Għal kull tip ta':
Xitel tal-Frawli (pots, friża u friska)
Tilqim ta' xitel ta' Tadam, Bettiegħ, Ħjar, Brunġiel u Dulliegħ
Kull tip ta' xitel ieħor bħal Pastard, Kaboċċi, Qarabagħli, Basal, Kurrat, Karfusc eċċ.
• Plastic għas-serrer
• Peat bags u coco peat bags
• Prodotti bijoloġiċi
• Sistema ta' drip
• Eċċ.
Scan the QR Code to go on our website
LAFLAFETT CO. LTD
St Joseph Binġemma Road,
Mġarr MGR2601
Mob: 99899831 (Richard J. Vella)
Mob: 99403342 (John S. Vella)
Find us on Yellow discover local. Scan the QR code.

MGARR Pharmacy

Main Street c/w Vitale Street, L-Imġarr Malta
Email: pharmacymgarr@gmail.com

Contact Numbers: 21577784/79577784

Opening hours:
Monday: 08.00 – 19.00
Tuesday - Saturday: 08.00 - 13.00 ~ 16.00 - 19.00

**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast




Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
ALPHA
Safra
SAVANNA
Bajda
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
ARRAN BANNER
LISETA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com


Marlene's Daily Fresh Fish
Monday, Tuesday, Wednesday,
Friday and Saturday
From 7am till Noon
Near Mġarr Church
77994377
FREE DELIVERIES



# MICHAEL AGIUS

Agricultural Machinery
Sales & Services

10, Triq l-Iskavi cr. Triq il-Banjijiet
Rumani, L-Imgarr Malta

Tel: 21583262

Mob: 99875035

Email: michael.a.agius@gmail.com








MĠARR
United
Bar & Restaurant
Since 1995

# MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground )

**T: 2157 4630 M: 7905 0283**



C. Gatt Midland Steel Works

# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**













# Your one stop shop for your swimming pool

**We provide our clients with a hassle-free one-stop shop for pool & spa construction projects-from the excavation stages to the minute details of the finishing stages with our own skilled personnel, equipment & machinery.**





Eco Select
Efficiency • Conservation
PENTAIR

These products save energy, save water, eliminate or reduce noise, or otherwise contribute to a more environmentally responsible equipment system. In every case, a product that earns the Eco Select brand is clearly our "greenest" and most efficient choice.





MUSCAT
POOL CONSTRUCTION

Muscat Building, Gammari Camilleri Street, Mgarr, Malta

Tel: +356 2158 2761 E-mail: info@muscatpools.com

Web: www.muscatpools.com

Find us on: facebook

PENTAIR · STA-RITE · innowater · AQA · ROSO GRES · ONIX mosaico


Music LINK
Importers • Wholesalers • Distributors
... the link between music and musician
We stock all types of musical instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications
SONOR
We are also agents for FERNANDES Guitars
Have you always wished to learn the piano?
Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?
Do you live in a small apartment and so space is an issue?
ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!
With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!
Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards • 2 years guarantee on parts and labour
Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.
Fl-opinjoni tiegħi l-problemi serji li għandna madwarna, bħad-dijabete, il-vizzji, id-dipressjoni, il-ħxuna żejda, l-użu ħażin tal-pestiċidi, prodotti ġenetikament modifikati, l-ekonomija, l-użu tal-art u l-ilma, pagi ġusti għall-ħaddiema, il-vjolenza, it-terroriżmu, il-faqar, il-ġuħ, il-bidla fil-klima, kollha huma biss frieghi ta' problema ħafna akbar. Huma l-konsegwenzi ta' kundizzjoni li qiegħda tipprovdi l-ħamrija fertili sabiex dawn il-problemi jiffjorixxu. U sakemm ma nagħmlu xejn biex nikkontrollaw jew innaqqsu din il-kundizzjoni, kull attentat sabiex inwaqqfu l-problemi tad-dinja jisfa fix-xejn. Inkunu qegħdin nippruvaw nikkuraw is-sintomi tal-marda bla ma nikkuraw il-kawża tal-mard.

X'inhi din il-kundizzjoni? Aħna qegħdin ngħixu fi żmien il-fast food – Żmien l-**Ikel ta' Malajr**. Sfortunatament dan huwa l-mod kif jieklu n-nies f'dawn iż-żminijiet. Għadna ma bdejniex nirrealizzaw li 'Żmien l-Ikel ta' Malajr' mhux biss qed jaffettwa l-ikel li qed nieklu, imma huwa sintomu ta' xi ħaġa ħafna akbar. Din hija **kultura ġdida**. L-ikel ma jaffettwax biss id-dieta tagħna, iżda jaffettwa t-tradizzjonijiet tagħna, il-mod kif inġibu ruħna, ir-relazzjonijiet tagħna, kif nesprimu ruħna, il-liġijiet, il-mod kif naħdmu u l-mod kif nagħmlu l-affarijiet. L-ikel tal-għaġla ma ssibux biss fi stabbilimenti partikolari jew fl-ajruporti, imma daħal fin fin kullimkien u sar jaffettwana fil-mod kif sirna nħarsu lejn id-dinja ta' madwarna, kif naraw lilna nfusna, kif nesprimu lilna nfusna, kif nagħmlu n-negozju, fid-disinn tal-arkitettura, id-divertiment, il-ġurnaliżmu, kif nittrattaw lil xulxin, kif naġixxu ma' xulxin, jew bħalma qed jiġri dan l-aħħar, kif ma nikkomunikawx ma' xulxin. Jaffettwa l-mod kif nilbsu, x'nixtru u xi nbigħu, il-karozzi li nixtru, l-iskejjel, il-politika, u l-lista ma tiqafx hawn. Sfortunatament din il-kultura tal-fast food saret il-kultura li tiddomina fuq kollox fid-dinja. Din hija l-kundizzjoni l-kbira, il-ħamrija fertili għal ħafna problemi.

Bħal kull kultura oħra din il-kultura għandha sett ta' valuri – il-valuri tal-ikel ta' malajr. Kultura li ddominat lid-dinja b'valuri li qegħdin jaffettwaw ukoll il-mod kif aħna qegħdin naħsbu. Dawn il-'valuri' lanqas għadna narawhom, għaliex saru parti minn ħajjitna, parti mill-bijoloġija tagħna, parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum, b'tali mod li qegħdin jiddegradawlna ħajjitna.

Eżempju ta' wieħed minn dawn il-valuri huwa l-uniformità – l-idea li kollox irid ikun l-istess kull fejn tmur: il-kafè, il-burger li ħadt mill-Italja jrid ikun l-istess eżatt bħal dak li ħadt mill-Belt Valletta, inkella hemm xi ħaġa ħażina. Din neħduha bħala ħaġa normali, anzi saret xi ħaġa li togħġobna, xi ħaġa moderna, xi ħaġa li ttina sigurtà. Il-valur tal-uniformità, bħal ħafna affarijiet oħra, għandu n-naħa s-sewda tiegħu. Il-pressjoni biex tkun konformi

mal-oħrajn, it-telfien tal-individwalità jew ir-rispett għall-ewtantiċità, il-preġudizzju, il-kontroll. Qatt staqsejt għalfejn il-karrotti jridu jkunu kollha l-istess u ndaqs? Tgħid it-togħma tkun aħjar? Għalfejn il-blokok tal-fletts kollha għandhom l-istess disinn? Jekk in-nies ma jġibux ruħhom l-istess jiġina suspett li hemm xi ħaġa ħażina fihom!



Il-burger

Il-veloċità – hija valur ieħor ta' dan iż-Żmien tal-Ikel ta' Malajr. L-affarijiet jiġru malajr ħafna; aktar ma jgħaġġlu aktar aħjar. Trid xi ħaġa, teħodha, tixtriha, isaqqiha u tikber; aktar ma tkun għandek f'qasir żmien aktar aħjar. Ma hemmx bżonn tistenna, trid kollox minn issa għal issa. Meta nibdew ngħixu din it-tip ta' ħajja, dak li nibdew nistennew jiċċajpar, insiru persuni li faċilment niġu distratti, nitilfu s-sens li l-affarijiet għandhom bżonn iż-żmien tagħhom biex isiru. L-aħjar/l-itjeb affarijiet għandhom bżonn iż-żmien. Meta tkabbar il-frott u l-ħaxix, meta sajjar, meta trid titgħallem xi ħaġa jew issir taf lil xi ħadd, hemm bżonn iż-żmien. Qed ngħixu dan iż-żmien meta jekk ma nsibux gratifikazzjoni immedjata niffrustraw ruħna. Tinduna li ma għadekx issib maturità, ma fadalx żmien biex tirrifletti ftit, ma fadalx paċenzja, kulħadd sar bla sabar. Aktar ma l-oġġett isir malajr, aktar ma l-messaġġ jasal malajr, aktar jogħla fil-valur. Il-ħin sar flus, kemm kapaċi toqtol tiġieġ fil-biċċerija f'ġurnata, kemm tiflaħ tara pazjenti f'siegħa, kemm kapaċi tgħaġġel biex tiekol dak li għandek quddiemek. Ftit fadal li għandhom ħin itiegħmu l-ikel.



Il-karrotti

Valur ieħor huwa li dak li noħlom bih irridu issa – l-idea li għandna nieħdu dak li rridu, qegħdin fejn qegħdin, ikun x'ħin ikun. Hemm bżonn li jkollok l-ilma minn Franza f'Nairobi? Huwa bżonn li tiekol ħawħa fi Frar, meta kulħadd jaf li l-itjeb ħawħ issibu f'Awwissu? Din l-idea mgħawġa li nista' nieħu li rrid, niekol li rrid meta jfettilli, mhux biss qiegħda tneħħilna l-gost li ttiegħem l-ikel fil-benna naturali tiegħu, imma wkoll il-bniedem qed jitlef l-abbiltà li ħajtu jgħixha mal-istaġun. L-istaġuni ma għadhomx jagħmlu sens għal min imur jixtri. Dak li huwa indiġenu għall-pajjiżi ma jibqax ċar u lanqas importanti. Il-bniedem qed jgħix bil-ħsieb li xi mkien ieħor hemm xi ħaġa aħjar, dak li qed jiġri issa fil-kultura lokali tiegħi u dak kollu sabiħ li għandu l-pajjiż qed isir inqas importanti, għaliex il-globalizzazzjoni toffrilek dak kollu li tixtieq issa, avolja dak ma jkunx ir-realtà vera li qed tgħix inti.

L-irħis – hemm differenza kbira bejn dak li niflaħ nixtri u nixtri l-irħis. Hawn l-idea li l-valur tal-oġġett jogħla skont kemm jirnexxilek tixtrih b'ċuċata. Ħadd ma għadu jifhem eżatt il-prezz reali tal-affarijiet illum, għaliex ħadd ma jgħidlek, u għaliex kollox ġie mogħti bi prezz artifiċjalment miżjud b'sussidji u taxxi. Kieku verament jitħallas prezz ġust għall-prodott, il-bidwi ma jkollux għalfejn jagħmel xogħol ieħor biex jgħajjex lil familtu. Prodotti friski mkabbra kif suppost jistħoqqilhom prezz ġust. Il-verità hija li l-affarijiet ġenwini jistgħu jinbiegħu bi prezz li tiflaħ tixtrih, iżda qatt ma jista' jiġi ġġustifikat li jinbiegħu bi prezz redikolu. Meta tisma' lil min jgħidlek li minn dak it-tali stabbiliment sab dak il-prodott bl-irħis ħafna, dak ikun ifisser li xi ħadd qiegħed jiġi misruq. Kuntratti kbar ta'

xiri għal prezz redikolu jfissru li xi mkien hemm xi ħadd li qed jiġi misruq jew sfruttat. Dan minbarra li hemm ukoll l-effetti fuq l-ambjent u d-drittijiet umani. Finalment dak li mingħalik akkwistajt bl-irħis fil-fatt qed jiswilna ħafna meta tħares lejh globalment.

Hemm ħafna aktar valuri bħal dawn li semmejna, li għall-bidu taħsibhom inviżibbli iżda meta tibda tinnutahom tibda tarahom kullimkien. Valur ieħor huwa l-fatt li juruk stampi u filmati sbieħ ta' oġġett jew prodotti bil-ħsieb li jingannawk – ma jurukx l-affarijiet li qegħdin iseħħu wara bibien magħluqa, 'il bogħod minn għajnejn in-nies. Xi jkun qed jiġri verament ma nkunux nafu, għaliex ma għandniex aċċess għal dawn il-postijiet. Hawn ħafna li joqogħdu biss fuq l-istampi u l-istejjer sbieħ li jiġu ppreżentati lilna minn kumpaniji kbar li jinqdew bil-media soċjali sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom. Ftit huma dawk li għadhom jaħsbu u jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom qabel jixtru xi ħaġa. Inkwetanti huwa kull ftehim ta' negozju li jsir baxx baxx f'isem l-interess tal-ġid pubbliku inġenerali, ħaġa li għandha tinkwieta ħafna lilna u lill-bdiewa mad-dinja kollha. Id-diżonestà lejn il-konsumatur qed tkun moħbija fi kliem sabiħ bħal 'lokali', 'frisk', 'sostenibbli', 'bla użu ta' pestiċidi', 'free range'. Kumpaniji kbar jiġġieldu battalji legali kbar sabiex kimika tiġi kkunsidrata bħala ingredjent naturali fil-lista stampata mal-prodott. L-effett ta' dan qegħdin immissuh kuljum madwarna.


Grupp ta' żgħażagħ medhijin bil-mobile u jaljenaw ruħhom bil-midja soċjali

Sa ftit snin ilu x-xogħol kien meqjus bħala s-salmura tal-ġisem, xi ħaġa li ttik skop f'ħajtek, li ttik gost u sodisfazzjon għaliex tagħmel dak li dejjem xtaqt f'ħajtek u fl-istess ħin tgħin lil ħaddieħor. Il-kultura ta' Żmien l-Ikel ta' Malajr neżżgħet ix-xogħol minn dawn il-valuri sbieħ. Ix-xogħol sar xi ħaġa li trid tagħmel bilfors, sempliċiment biex taqla' l-flus. Ftit huma dawk li għad għandhom dak l-amor propju għax-xogħol. Din il-kultura lilna l-bnedmin wasslitna naħsbu li x-xogħol huwa xi ħaġa degradanti, bla valur, imma sakemm qegħdin naħdmu fiha qegħin insaħħuha billi nippruvaw nimlew il-vojt li tħallilna din il-kultura stess! Toffrilna pjaċir ta' ikel li faċli ssibu bl-irħis kullimkien, logħob interattiv, televiżjoni, sigħat fuq Facebook, alkoħol, drogi, vjaġġi fuq vapuri lussużi, titjiriet irħas. Iktar ma jkollok aktar aħjar; aktar ma timla l-platt aktar se tkun kuntent. Dik l-idea li qegħdin ibigħulna: aktar ma jkun kbir is-supermarket aktar aħjar, aktar ma tkabbar il-muskoli iktar tkun kuntent. Aktar ma jkollok għażliet aktar aħjar. Vaganzi ta' konsumeriżmu fejn in-nies imorru jieklu, jixtru u jippruvaw iħossuhom aħjar biex jimlew dak il-vojt li hemm ġo fihom. Dak il-vojt qatt ma jista jimtela b'dak il-mod. Din il-kultura tal-Ikel ta' Malajr qiegħda tifred ix-xogħol u l-pjaċir minn xulxin, u kif jgħid it-Taljan, *tra due litiganti il terzo gode* – mill-firda li ħolqot din il-kultura, qed tgawdi hi.


Illum kulħadd jingħalaq f'daru u bilkemm tara tfal u żgħażagħ jixirfu 'l barra. Qabel kulħadd kien itir biex jilgħab barra u llum jibqgħu ġewwa jilagħbu u jgħaddu l-ħin fuq il-logħob interattiv u l-Facebook

Nagħlaq billi ngħid li għalija fadal ftit tama f'dak li ħafna minna jiftakru, għax għexnieh u llum niftakruh b'nostalġija: iż-Żmien tal-Ikel ta' Bil-mod. Kultura li għadha



Ikla tradizzjonali Maltija: il-kusksu bil-ful u l-ġbejniet

ma mititx għaliex għandha għeruq fil-fond, li jwasslu sa Żmien il-Ħaġar. Kultura li mhix aggressiva, imma toħroġ b'saħħitha għaliex hija kultura sinjura li ttik sodisfazzjon kbir. Kultura li timxi id f'id man-natura, mat-temp u l-proċess naturali tal-ħajja. Kultura universali li għandha wkoll il-valuri tagħha: frott misjur fi żmienu, iċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja, is-sbuħija, il-paċenzja, it-tjubija, il-ħbiberija, il-komunità, l-onestà u r-rispett. Dawn huma valuri li joħorġu meta l-attività tkun ġenwina u bihom toħloq komunitajiet li jagħtu kas u jieħdu ħsieb xulxin. Valuri li jiggwidawna u jgħinuna ngħixu ħajja li tieħu gost tgħixha. Agħmel kuraġġ u ibda llum il-biċċa tiegħek minn darek. Poġġi mal-mejda u kul bil-kwiet.




# Ixrob l-ilma… għax litteralment kull qatra tgħodd!

Marylise Spiteri

Kont taf li kważi 70% ta' ġismek huwa ilma? Mhux ta' b'xejn kulħadd jisħaq dwar l-importanza ta' din ix-xarba kuljum, speċjalment f'dawn il-jiem sħan tas-sajf! L-ilma jgħinek iżżomm it-temperatura ta' ġismek kif suppost, jgħin lid-demm jiċċirkola ma' ġismek biex il-kliewi jeliminaw materjal tossiku mill-ġisem, kif ukoll biex is-sistema diġestiva tiegħek taħdem aħjar!

Fil-fatt huwa rakkomandat li wieħed jixrob mill-inqas żewġ litri ilma kuljum. Ovvjament ixrob aktar fis-sajf, meta tagħmel xi forma ta' eżerċizzju fiżiku u meta tkun ma tiflaħx.

Tistenniex li jaqbdek l-għatx biex tixrob! Biex ittejjeb it-togħma tista' żżid ftit lumi, nagħniegħ u ħjar. Kul frott u ħaxix għaliex dawn ukoll fihom l-ilma, u naqqas minn xorb bħat-te u l-kafè (jagħmluk inqas idrat) u agħmel reminder fuq il-mowbajl biex ifakkrek tixrob.

Tinsiex, l-ilma m'għandu l-ebda kaloriji, u bilħaqq, jekk trid li l-ġilda tiegħek tibqa' tidher sabiħa u iktar żagħżugħa nirrakkomandalek li tibda ġġorr flixkun ilma miegħek kullimkien.








MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA

A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage




Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com



TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

- Weddings
- Engagements
- Parties and Private functions

- Wines & Spirits
- Beers & Minerals
- Tobacco
- Snacks & Confectionery
- Foodstuffs
- Ice Cubes & Flakes
- at wholesale prices

- Rabat
- Dingli
- Bahrija,
- Mosta
- Attard
- Zebbug,
- Lija
- Iklin
- Balzan
- B'kara
- Fleur De Lys
- Mgarr
- Bidnija
- Naxxar
- Gharghur

TA' KARLA cellars
Cash & Carry

Vincenzo Ciappara Street, Rabat
Tel: 21 454 876 • 21 459 925 • Fax: 21 451 079
Email: info@takarla.com

# RPJ



**New Tyres:**

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich PIRELLI DUNLOP TOYOTIRES




Mobile: 99 042 285 / 99 448 417

Email: rpjtyresandwheels@gmail.com

Website: www.rpjtyres.com

Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030

Opening Hours:

Monday – Friday: 7:00 – 18:00

Saturday: 7:00 – 13:30

# L-isfida tas-sajf mil-lat tal-għoti tad-demm b'awgurju u grazzi lill-Imġarrin

Tony Micallef
*Practise Nurse – Donor Liaison*

Bħalma jaf kulħadd, il-ħtieġa għad-demm hi tul is-sena kollha, iżda minn żmien għal ieħor, partikolarment fis-sajf, isiru appelli ferm imqanqla għad-demm. Dan iseħħ għax is-sajf iġib miegħu sfidi kbar fejn jidħol il-bilanċ bejn id-domanda u l-provista.

Biex nibdew bil-kwistjoni tad-domanda, ikun ferm reali li wieħed isemmi li fis-sajf jiżdiedu l-inċidenti, għax apparti l-inċidenti marbuta mal-postijiet tax-xogħol u tat-toroq, jiżdiedu wkoll dawk li huma marbuta mal-baħar, u sa ċertu punt wieħed jista' jsemmi n-nar ukoll. Apparti hekk, tajjeb li wieħed isemmi li x-xhur sajfin iġibu magħhom sigħat itwal barra u għaldaqstant, inqas irqad għal jum wara jum jaf isarraf f'iktar għeja, u konsegwentement possibbiltà ikbar ta' inċidenti b'għadd ġmielu ta' nies involti f'salt.

Min-naħa tal-provista wieħed irid isemmi li fis-sajf ikun hemm restrizzjonijiet pjuttost qawwija biex wieħed jagħti d-demm, partikolarment minħabba s-safar. Dan għaliex ħafna nies ikunu barra pajjiżna, iżda apparti hekk għax wara s-safar wisq probabbli wieħed irid iħalli 4 ġimgħat jgħaddu qabel ikun jista' jerġa' jagħti d-demm, anke jekk ikun żar pajjiżi ġirien tagħna, bħall-Italja u saħansitra Sqallija. Problema oħra hi s-sħana u t-telqa li din iġġib magħha, li ejja ngħiduha kif inhi, ma tantx tagħmillek kuraġġ li jkollok ħeġġa biex tagħti d-demm. Imma l-ħajja trid tkompli, u sħana jew mhix, il-pazjent qatt ma jista' jistenna.

Allura għalhekk l-appelli jibqgħu għaddejjin bla waqfien, kemm għad-donazzjonijiet tad-demm innifishom kif ukoll biex wieħed ikun prudenti f'għemilu, bit-tama li jiġu skansati inċidenti gravi b'għadd ta' nies korruti fl-istess ħin. Meta jiġri hekk, u jkun hemm tal-inqas sitt persuni li korrew f'salt, taf tinħoloq sitwazzjoni li litteralment tiżbanka lill-Bank tad-Demm. Id-Dipartiment tal-Emerġenza, jekk ikollu indikazzjonijiet qawwija li hemm nies li qed isofru minn emorraġija, jiskatta l-allarm u jsejjaħ lill-Bank tad-Demm fl-Isptar Mater Dei biex jipprepara pakkett speċjali ta' prodotti tad-demm imsejjaħ 'Code Red'.

Interessanti li wieħed ikun jaf li dan il-pakkett jiġi ppreparat fl-iqsar żmien possibbli u fih jitpoġġew 6 boroż demm O negative (għax hu demm kompatibbli ma' kulħadd), 6 pakketti plażma AB positive (għax hi l-plażma kompatibbli ma' kulħadd), u 2 boroż pjastrini bl-ewwel preferenza tkun tal-grupp tad-demm A positive u t-tieni preferenza tkun O positive. Sitwazzjonijiet bħal dawn jafu jkunu drammitiċi għall-aħħar, u mhux bilfors li għax hemm id-demm u tasal l-għajnuna medika, wieħed ser jibqa' ħaj. Għaldaqstant il-prevenzjoni tibqa' dejjem l-aħjar għażla. Tajjeb li meta wieħed jiffesteġġa u jixrob, anke jekk birra u nbid, wieħed ikun konxju tal-konsegwenzi, u jekk wieħed jaqbeż il-limitu tal-alkoħol permess biex isuq, wieħed QATT m'għandu jazzarda jpoġġi jdejh fuq l-isteering, għax il-konsegwenzi jafu jkunu traġiċi kemm għalih kif ukoll għall-familja kollha. Forsi wieħed isibha ferm diffiċli biex ma jagħmilx hekk, għax trid tkun bidla fil-mentalità u fil-kultura, imma jekk wieħed jirrifletti u jkun hemm ir-rieda, din il-bidla sseħħ!

L-aħħar kelma hi t'awgurju mill-aqwa lill-Imġarrin kollha għall-festa tant sabiħa u għażiża ta' Santa Marija. Hawn is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jieħu l-opportunità biex jirringrazzja lill-Imġarrin talli għalkemm minn raħal pjuttost żgħir, ras għal ras jagħtu ammont sostanzjali ta' demm. Grazzi wkoll lid-diriġenti tal-Kunsill Lokali, il-kleru u l-għaqdiet li dejjem taw appoġġ lill-għoti tad-demm, u li fuq kollox jagħżlu nhar Santa Marija propju biex jorganizzaw sessjoni ta' għoti tad-demm b'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tar-raħal.

Viva Santa Marija!



# Il-Proġett tal-Każin







# Vjaġġ memorabbli f'CERN Sit sperimentali dwar l-oriġini tal-univers

Kitba ta' Claudine Muscat
*B.Ed. (Hons)*

Sa mill-oriġini tiegħu l-bniedem dejjem xtaq li jiskopri iżjed fuq id-dinja ta' madwaru u kellu kurżità li jsir jaf xi jsawwar l-univers u dak kollu li jinsab fih, inkluża d-dinja u l-ħlejjaq tagħha. Min jaf kemm-il darba staqsejna fuq id-dinja ta' madwarna u fil-lezzjonijiet tax-xjenza spjegawlna kif kollox hu msawwar minn partikoli żgħar ħafna li ma nistgħux naraw b'għajnejna u lanqas b'mikroskopju! Skoprejna dan il-fatt permezz ta' esperimenti li saru minn xjentisti diversi… però nafu biżżejjed? Ir-risposta hi waħda sempliċi – le, u għad fadal iżjed mistoqsijiet li x-xjentisti għadhom ma sabux spjega għaliha. U dik hi r-raġuni li l-Ewropej ħolqu s-sit sperimentali CERN.



Fis-CMS fejn instab il-Higgs boson

Il-kelma CERN hi taqsira ta' Ċentru Ewropew għar-Riċerka Nukleari. F'dan il-kuntest il-kelma 'nukleari' tirreferi għall-istudju tat-tipi differenti ta' partikoli li jsawru l-oġġetti ta' madwarna u l-ħlejjaq (inkluż il-bniedem). Bħala persuna li ħdimt fil-kamp xjentifiku kelli bla dubju xewqa kbira li nżur dan iċ-ċentru li jinsab f'Ġinevra, l-Iżvizzera, u fi Frar li għadda kelli x-xorti li nagħmel dan flimkien ma' grupp ta' ħmistax-il għalliem ieħor tax-xjenza. Kellna programm iddedikat għalina l-Maltin u ta' min wieħed jirrimarka s-sigurtà li teżisti f'dan il-post, li wieħed jista' biss jaċċessah permezz ta' identifikazzjoni unika li tiġi mogħtija mill-istess ċentru. CERN hu tabilħaqq il-post fejn l-ideat jinġabru flimkien u jiġu investigati f'tiġrija għal skoperti ġodda.



Fil-post fejn isiru l-workshops

CERN jikkonsisti minn diversi siti sperimentali msawra minn apparat sofistikat u li jħallik affaxxinat bl-għaqal u l-attenzjoni li nħadem bihom. L-għan ewlieni tal-esperimenti hu li nifhmu aħjar x'inhi l-istruttura fundamentali tal-partiċelli li jsawru dak kollu li jinsab madwarna. Fl-esperimenti ta' CERN il-partikoli jiġu aċċellerati għal valur li hu qrib il-veloċità tad-dawl, jiġifieri 300,000,000 metru fis-sekonda! Imbagħad dawn il-partikoli jitħabbtu f'xulxin. Ir-riżultati ta' dawn il-ħabtiet jiġu rrekordjati u analizzati permezz ta' apparat teknoloġiku.



CERN



L-esperiment CMS

Però nisthajjel li wiehed jistaqsi: "Għalfejn dawn l-esperimenti huma importanti għall-umanità tant li saħansitra miljuni ta' flus jingħataw minn pajjiżi diversi?" CERN jgħinna nifhmu aħjar l-oriġini tal-univers u minn xiex inhu magħmul. Fost skoperti importanti li saru f'CERN insibu l-invenzjoni tal-internet u l-partikola Higgs boson. L-internet ġie żviluppat sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn xjentisti minn universitajiet u istituzzjonijiet minn madwar id-dinja kollha. L-4 ta' Lulju 2012 kienet ġurnata importanti fl-istorja ta' CERN, meta ż-żewġ siti sperimentali ATLAS u CMS – li huma parti minn ċirku kbir li jinsab 127 kilometru taħt l-art, imsejjaħ il-Large Hadron Collider – ħabbar li kien osserva partikola ġdida. Ix-xjentisti kienu ilhom mis-snin sebgħin jippruvaw jiskopru din il-partikola, u b'hekk kien tassew xieraq li din l-iskoperta tkun anke rikonoxxuta permezz ta' Premju Nobel. Iċ-ċirku tal-Large Hadron Collider hu wieħed mill-akbar esperimenti li qatt issawwar biex fih jiġu aċċellerati l-partikoli.

Waqt iż-żjara tagħna nzerta li CERN kien mitfi biex isir xogħol ta' manutenzjoni u biex jiġu ppreparati proġetti ġodda, fosthom it-tkabbir tal-Large Hadron Collider. Konna tassew ixxurtjati b'dan il-fatt, għaliex kellna l-okkażjoni li ninżlu fil-laboratorji ta' taħt l-art u fis-sit li fih ġiet skoperta l-partikola Higgs boson. Minbarra dan kellna wkoll l-opportunità unika li niġu mgħallma mix-xjentisti li jaħdmu ġewwa CERN.

Kienet tassew esperjenza li għenitni napprezza l-importanza li tibqa' żżomm ruħek aġġornat, u li minkejja l-età dejjem għandek tkompli titgħallem, għax qatt ma tkun taf biżżejjed. Jekk tieqaf titgħallem tieqaf tevolvi bħala persuna! PHOTO 9



Inżuru iktar faċilitajiet f'Cern



Iċ-ċentru tal-viżitaturi




ST. MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**

Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm-7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

***Family Doctor in daily attendance***

ST.MARY PHARMACY

TRY OUR

# BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.







## KEBABS

Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS

Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY

Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

## RIBS

Pork & Beef

## SAUSAGES

Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS

Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken



MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt



# Meta ż-żwieġ ma jirnexxix

Dr Sonia Consiglio
*LL.D - Konsulent Legali*

Għalkemm ħadd ma jiżżewweġ bil-ħsieb li jitlaq il-konjuġi l-ieħor, madanakollu jkun hemm sitwazzjonijiet fejn il-ħajja miżżewġa ssir diffiċli ħafna. Hemm min iwaħħal fil-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu llum, forsi fl-inkompatibilità tal-karattru, in-nuqqas ta' maturità u mitt elf ħaġa oħra. Meta jiġri dan, wieħed għandu jieqaf u jirrifletti, jara jekk hemmx possibilità li l-koppja taffaċċja l-problemi u l-kwistjonijiet li jkun hemm bejniethom. Forsi l-koppja għandha għax tikkunsidra tfittex l-għajnuna ta' professjonisti billi tmur counselling, individwali jew inkella bħala koppja, sabiex ittejjeb ir-relazzjoni u terġa' tagħti nifs lill-ħajja matrimonjali.

Jekk, madanakollu, wara li wieħed ikun mar għall-counselling, jibqa' jħoss li l-affarijiet ma tranġawx u jiddeċiedi li jissepara, idealment il-pass li jmiss ikun li b'mod adult, matur u ċivili l-koppja jpoġġu bilqiegħda u jaraw kif b'mod paċifiku, speċjalment jekk ikun hemm tfal minuri, jaraw kif sejrin jimxu 'l quddiem. Separazzjoni ġġib magħha bidliet sinifikanti, kemm materjali kif ukoll psikoloġiċi, u hija tranżizzjoni enormi li ċertament tqanqal ħafna stress, anke għal dik il-parti li tkun inizjat is-separazzjoni.

Separazzjoni hija l-proċess li bih koppja tiddeċiedi li tgħix separatament. Kull parti għandha tiżgura ruħha li jkollha ftehim ta' separazzjoni, li jista' jsir b'att pubbliku jew inkella b'sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja. Filwaqt li ħafna jistgħu jkunu konxji li għandhom id-dritt li jidħlu f'kuntratt ta' qabel iż-żwieġ, ftit huma konxji li sakemm ftehim bħal dan ma jkunx ġie konkluż, il-liġi tapplika awtomatikament il-komunjoni tal-akkwisti għal dawk il-persuni kollha jew li jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom f›Malta jew, wara li ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom barra mill-pajjiż, sussegwentement stabbilew ruħhom f'Malta. Illi għalhekk huwa finalment il-kuntratt tas-separazzjoni jew id-deċiżjoni tal-Qorti li xxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti. Huwa importanti li wieħed jifhem li sakemm ma jsirx kuntratt ta' separazzjoni jew ikun hemm sentenza tal-Qorti li tirregola s-separazzjoni, kull parti mill-koppja tibqa' responsabbli għad-dejn tal-parti l-oħra u kull parti tibqa' tgawdi mill-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor.

Il-liġi Maltija tagħmel il-medjazzjoni obbligatorja għall-koppji kollha li r-relazzjoni tagħhom tkun tfarrket u jkunu jridu jisseparaw, sabiex dawn jifformalizzaw ir-relazzjoni li se jkollhom wara li jkun sfaxxa ż-żwieġ. Għaldaqstant anke jekk koppja tkun fittxet li tmur counselling qabel ma tkun inizjat is-separazzjoni, xorta waħda trid tgħaddi mill-proċess ta' medjazzjoni l-ewwel. L-għan tal-medjazzjoni huwa sabiex jiġi aċċertat jekk hemmx prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni. Jekk le, il-medjatur jgħin lill-partijiet jilħqu ftehim biex jevitaw li jiftħu kawża l-Qorti. Jekk il-medjazzjoni ma tirnexxix, il-medjatur jagħlaq il-medjazzjoni u jitlob lill-Qorti tawtorizza lill-partijiet biex jipproċedu bil-każ fil-Qorti. Meta jinbdew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, il-medjatur qatt ma jista' jintalab jixhed

fuq dak li sema' u lanqas jista' jingħad dak li ntqal waqt il-medjazzjoni, għaliex kollox hu kunfidenzjali.

Kuntratt ta' separazzjoni jirregola diversi affarijiet, fosthom id-dar matrimonjali, il-mobbli u l-immobbli miżmuma inkomuni, jekk ikun hemm tfal minuri, il-kustodja, ir-residenza u l-aċċess ta' dawn it-tfal, kif ukoll il-manteniment tagħhom u tal-konjuġi jekk ikun il-każ. Illi huwa importanti li wieħed ikun kawt u jiżen sew dak li jkun qiegħed jaqbel għalih fil-kuntratt tas-separazzjoni, għaliex il-kuntratt huwa meqjus il-liġi li tirregola l-partijiet.

Jekk separazzjoni tkun sejra ssir b'mod bonarju, jiġifieri mhux b'kawża l-Qorti, l-avukati tal-partijiet ikollhom ir-rwol importanti li jaraw li l-klijent tagħhom jieħu dak li ħaqqu bil-liġi, u li dawk il-punti kollha li jkun hemm bżonn li jsir ftehim fuqhom isiru b'mod ġust. Huwa biss wara li jintlaħaq ftehim fuq il-punti kollha li l-avukati tal-partijiet jibdew jabbozzaw il-kuntratt tas-separazzjoni. Wara li l-partijiet jaqblu fuq kull klawsola tal-kuntratt, il-medjatur jaqra l-abbozz finali lill-koppja u jgħaddih lill-Imħallef tal-Qorti tal-Familja sabiex b'digriet jawtorizza lin-nutar li jinħatar mill-partijiet jagħmel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni.

Il-kuntratt jew id-deċiżjoni tal-Qorti li tirregola s-separazzjoni ma tkunx tfisser li ż-żwieġ tal-koppja jkun ġie xolt, għaliex huwa l-annullament taż-żwieġ inkella d-divorzju li finalment ixolju r-rabta taż-żwieġ. Għalhekk sakemm ikun hemm biss is-separazzjoni, ħadd mill-koppja ma jkun jista' jerġa' jiżżewweġ.

Annullament jirreferi għal każijiet li fihom iż-żwieġ jitqies li qatt ma seħħ. F'Malta żwieġ jista' jiġi annullat mill-Qorti tal-Familja, inkella mit-Tribunal Ekkleżjastiku jekk iż-żwieġ ġie ċċelebrat skont ir-rit tal-Knisja Kattolika. Biex jiġi determinat jekk żwieġ huwiex null, il-Qorti tal-Familja tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żwieġ, li fih insibu lista wiesgħa ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal dan, filwaqt li t-Tribunal tal-Knisja japplika l-Kodiċi tal-Liġi Kanonika.

Fl-2011 f'Malta ġiet introdotta l-liġi tad-divorzju, u għaldaqstant illum persuni separati għandhom id-dritt li jfittxu li jieħdu d-divorzju. Il-Qorti tal-Familja tagħti divorzju jekk jintlaħqu dawn il-kriterji: il-partijiet ikunu ilhom separati għal mill-inqas 4 snin (dan jinkludi l-perjodu meta l-koppja jkunu separati *de facto*); it-tfal u l-konjuġi jkunu qed jirċievu manteniment adegwat (jekk dan huwa dovut); u ma jkun hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni. Bil-pronunzjament tad-divorzju l-effetti kollha ċivili u l-obbligi tal-partijiet li jgħixu flimkien ma jibqgħux fis-seħħ.

**Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawn l-individwi li taw donazzjoni biex xtrajna sett dixxijiet ġodda li qed jintużaw waqt l-attivitajiet**



**Abela Mark, Dine West Restaurant, Gatt Giovanni, Gauci Jimmy, Gauci Johnny, Muscat Stefan, Schembri Charles, Vassallo Aidon u Vassallo Pauline.**

# TA' SOLDI
## RESTAURANT

*...the heart of good food!*

**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***…our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

# WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 200 TONNES




- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

Vella Garage, Tal-Blata L-Gholja, Mosta MST 3880

Tel: **21 433 380** Mob: **99 492 362**

Email: **swaey@swaey.com**

**GPS Codes**
35. 902961
14.415860




**www.swaey.com**

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica
DIFLEX
PAT
BPE Electronics
Cemac
Atlas Copco
Rock Tools
PENTA HYDRAULIC POWER
Chicago Pneumatic
FABERCOM
Electronics and hydraulics for mobile machines
PZB Hydraulic Energy
YOKE
Safety is our first priority

Vella Garage, Tal–Blata L-Gholja, Mosta MST 3880
Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362
Email: swaey@swaey.com Web: www.swaey.com

Eclipse
Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys*
*& Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book*
*Covering Service,*
*etc.*



Kafè Fula

Healthy Bites
& Sweet Delights

***54/56 Triq il-Kbira, Mġarr***
***Tel: 2157 4040***
***Mob: 7904 5054***
***www.kafefula.com***

**M.A.V.**
**SUPPLIES**

***Shop 5,***
***Triq Magħkuba***
***Mġarr***
***Tel: 2157 4794***

PANORAMIC
HOLISTIC THERAPY

MASSAGES, MAKE UP,
EYELASH EXTENSIONS,
FACIALS - ELEMIS,
CELLULITE TREATMENT
- ELEMIS

BOOK YOUR APPOINTMENT
ON 7993 6652

# American Auto Club

L-American Auto Club Malta twaqqaf fis-sena 2003. Il-klabb jilqa' fi ħdanu d-dilettanti kollha tal-vetturi Amerikani. Matul is-sena l-klabb jorganizza diversi attivitajiet għall-membri tiegħu.

Dawk kollha li jixtiequ jkunu jafu b'dak kollu li qed jiġri jew l-attivitajiet organizzati mill-klabb għandhom jagħmlu Like fuq il-paġna tal-Facebook tal-klabb American Auto Club Malta. Min jixtieq jidħol membru jew jikseb iktar tagħrif dwar dan il-klabb għandu jagħmel kuntatt bin-numru 79583906 jew 99477182.






Tal-Plitt
Frott u haxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 9 am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm


THE PROFESSIONALS
58 Mill Street, Qormi
Mob: 99490574 Tel: 27445571
the professionals malta
web: www.theprofessionalsmalta.com
PEBBLES & FEATURE WALLS & SLATE
White and coloured pebbles, feature walls and slate all in different sizes
PARQUET FLOORING
Solid, Engineered and German quality laminate parquet flooring
FLOOR DECKING
Wood and composite floor decking


Ta' Wistin
BAR & RESTAURANT
Specialising in traditional Maltese Rabbit Dishes
Mġarr Parish Square, Mġarr, Malta
7940 5148



# Fl-Għid tal-Assunta

Kav. Joe M. Attard

Kemm jifirħu l-gżejjer tagħna
malli tfiġġ festa bħal din,
meta x-xemx tisreġ bla ħniena
u issajjar il-frott bnin!

Iżda l-aqwa frotta bnina
hi bla dubju Ommna Marija,
li l-Imgħallem ried inissel
ħielsa minn kull dell ta' ħtija.

U kif lissnet l-iva tagħha
saret l-omm ta' min ħalaqna;
sidt is-sema u l-art għamilha
u bi grazzji kbar seddaqha.

Kemm damet hawn isfel fostna
lil binha sqiet il-ħalib
sa ma ratu dlonk jitfarfar
u jtemm ħajtu fuq salib.

Wara tlett ijiem fil-qabar
li ġisimha dam magħluq
ittieħdet mill-anġli l-ġenna –
id-destin ta' kull maħluq!

Illum inti l-avukata
li hemm fuq tiddefendina,
waqt li ħarstek iżżomm fuqna
u le waħedna tħallina!

Malta u Għawdex isellmulek
u jgħannulek l-isbaħ vrus.
Magħhom jien ukoll ningħaqad
minn qalbi ħarġu dal-ħsus.

O kemm tlabtek fil-mard tiegħi
matul ix-xhur li għaddew,
wiċċi 'l fuq l-isptar fis-sodda –
kemm iljieli marru u ġew!

Grazzi talli kont hemm dejjem
u wassaltni għall-fejqan,
talli smajtni, bl-hena mlejtni
u mill-ġdid ġibtni ferħan!

Sa miċ-ċokon ommi Lola
ismek qiegħdet fuq xofftejja
waqt li tkanta lill-Assunta,
issammarni mbellah ħdejha.

Din il-knisja hi kburija
b'vara sbejħa u singulari
li idejha fetħet beraħ,
ġawhra hekk sbejħa u ħafna rari,

sabiex tilqa' ġewwa ħdanha
lil uliedha l-midrubin,
u fil-ġenna għada pitgħada
ixxirikhom mal-qaddisin.

Hawn fl-Imġarr dil-banda tagħna,
Marija Mtellgħa s-Sema,
festa kbira dlonk tagħmillek,
minn għajnejna tislet demgħa,

għaliex int fi qlubna ssaltan
u minn hemm la toħroġ qatt.
Int tagħna r-reġina,
ma jifridna minnek ħadd!

Meta inti mkabbra toħroġ
biex iddur mat-toroq tagħna,
o Marija Assunta ħelwa,
ħares lejna u ismagħna.

Bierek lil tant tfal u żgħażagħ,
irġiel, nisa, miżżewġin,
morda, anzjani, dawk muġugħa,
agħmilna lkoll henjin!

Ħu ħsieb dawn il-gżejjer tagħna
u għaqqadna lkoll flimkien;
idħol f'darna, saltan fuqna,
ibqa' magħna tul iż-żmien.

Lilna lkoll inti ssaħħar
b'dik il-ħarsa t'għajnejk.
Iva, żommna dlonk ma' djulek
u iġbidna dejjem lejk.

Ara illi post terfgħalna
fil-għoli minn tatas-smewwiet,
fejn għal dejjem int issaltan
fost tal-anġli l-qtajjiet!



# Santa Marija Skolpita f'Qalbi

Kav. Carmel Bianchi KGO

Marija, l-aktar omm sbejħa,
nixtieq niġi noqgħod ħdejk.
Ilqagħni b'dirgħajk miftuħa;
imħabbtek tiġbidni lejk.

Int fawwara ta' kull grazzja
u li tegħleb l-aqwa ġid;
ukoll, tgħinni tul il-ħajja,
miegħi timxi t-triq id fid.

Ħallini ħa ngħannqek miegħi,
żommni qribek, titlaqnix;
inti l-għaxqa tal-qalb tiegħi;
tħobbni wisq, ma twarrabnix.

Fik jien nara l-ġmiel tal-ġenna,
sbuħitek tisboq ix-xemx,
wiċċek ħlejju jitfi l-manna;
tabilħaqq, għax bħalu m'hemmx!

Naf li dejjem inti miegħi;
int omm li tagħder u tħenn.
Fik insib il-faraġ tiegħi;
żgur għalija sur ta' kenn.

Għinni nġorr kuljum salibi,
bik u int ħdejja jkolli l-wens.
Naf li dejjem qed tismagħni;
ħajti f'idek tagħmel sens.

Ħaddanni miegħek, Marija,
u ressaqni qrib Ġesù;
magħkom żgur tgħib it-tbatija
u timlewni b'kull virtù.

Taf li niftaħ qalbi miegħek;
int għalija tassew omm.
Naf li tgħoddni b'iben tiegħek;
hemm fi ħdanek lili żomm.

X'ferħ inħoss quddiem xbihetek!
Tassew qalbi tant tistrieħ,
għax fis-skiet jien nisma' kliemek
kollu faraġ u sabiħ.

Kemm nixtieq li nkun sew qribek!
Inti żgur li tridni ħdejk.
Noqgħod hemm, nitfissed miegħek,
nitpaxxa bis-sbieħ għajnejk.




THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com


United
Bar & Restaurant
Specialising in
Maltese Rabbit
Fresh Fish, Seafood
& Mediterranean Cuisine
Traditional wood burning oven
BOOKINGS
ARE RECOMMEDED
Triq il-Kbira, Mġarr
(behind the church)
T: 2157 2512
M: 9989 0154 Maria
9944 9005 Jason
E: unitedmgarr@gmail.com
W: www.unitedmgarr.com
Find us on: facebook

# Perit
## David Vassallo

jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lir-Residenti kollha
tal-Imġarr

M:+356 9943 6306
E: perit.davidvassallo@gmail.com





# Lil Santa Marija

Joseph Bonnici

Sliem għalik, Omm tas-sema,
ilkoll dejjem infaħħruk,
għax lilek ilna nafu
b'Ommna; fil-ġieħ insaħħuk.

Aħna fl-hemm sibniek magħna,
bil-ħlewwa, bil-faraġ tiegħek;
hekk kif ħlistna minn xi gwaj,
aktar sirna qrib miegħek.

Kun l-omm, dik li tħarisna,
fuq ix-xogħol u fil-mistrieħ,
flimkien, ukoll waħedna,
biex qalbna għandek tistrieħ.

Ħaffef toqol il-magħkus;
ieqaf ma' dawk mifrudin;
sib it-triq tal-imnikktin;
b'hena żommhom magħqudin.

Taħt mantarek iġborna,
biex lilek ma nitilqukx;
nisimgħu dak tagħlimek,
għax b'dal-kliem ma nitilfukx.

Lil kulħadd agħti widen,
għat-talb, għall-qerda tal-ġlied;
u jekk firda tinsab fostna
ma tibqax iġġib l-inkwiet.

Int l-għożża fost il-qaddisin
ta' xi raħal bħall-Imġarr;
il-ferħ tgħaddi lil niesu,
xħin twarrabhom mill-imrar.




Karmenu Mifsud Funeral Service
Funeral Director
Coffin Makers and Importers
460 Victory Street, Qormi
Tel: 21494316 – Mob: 99492458
www.karmenumifsud.com ~ info@karmenumifsud.com


Raymond Caruana
(Furtu) Funeral Services
24 hrs Service
For all Funeral needs at the best quality service and reasonable prices
Tel: +356 2169 4284 • Mob: +356 7969 4284 • E-mail: nicray@maltanet.net


VELLA
supermarket
Tel: 2157 4800
CRAI


VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Pet Shop
'St. Michael', Sir Temi Zammit Street, Zebbiegh
Tel - 21 522 805
Mob - 99 837 837

# 24 Hr Emergency Service

## Faults of any sort at any time....

## At No Extra Charge

## All over Malta

- Electrical Plumbing
- Earth Electrode
- Drain  Pipe Laying
- Turnkey Service
- Diamond Drilling and Cutting Service

MV

ELECTRICAL & PLUMBING INSTALLATIONS
HOLE CUTTING & DRILLING IN CONCRETE
mob : 9947 5356 / 9945 0972
email : mvinstallation@gmail.com
Faults of any kind at any time
24hr service






# INFAĦĦRUK DEJJEM




## Tinbiegħ €10

**L-EWWEL PARTI - VOKALI**

1. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ........ *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Michela Galea* ........ **3:24**
2. **Innu Popolari – L-Imġarr iben Marija** ........ *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **4:56**
3. **L-Innu l-kbir – Lil Santa Marija** ........ *Versi: Dun Orazio Vella – Mużika: Joseph Abela Scolaro – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **14:28**
4. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ........ *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **3:38**
5. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ........ *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Marita Bezzina* ........ **5:26**
6. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ........ *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa – Tkanta: Marita Bezzina* ........ **3:20**

**IT-TIENI PARTI - STRUMENTALI**

7. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ........ *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech* ........ **3:24**
8. **Innu Popolari – L-imġarr iben Marija** ........ *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara* ........ **4:56**
9. **Marċ Brijuż – Katya** ........ *Tancred Grech* ........ **4:58**
10. **Marċ Brijuż – Martina** ........ *Mauro Spiteri* ........ **4:46**
11. **Marċ Brijuż – Nathan il-king** ........ *Tancred Grech* ........ **4:46**
12. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ........ *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit* ........ **3:38**
13. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ........ *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech* ........ **5:26**
14. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ........ *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa* ........ **3:20**

**Surmast Direttur** Mro. Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Il-**Kor Regina Coeli** kien taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus LCM, ALCM

Irrekordjat fi Skylight Studios Lija. Recording Engineer Alec Massa

Ħajr lil Jimmy u Maria Vella, Dine West Restaurant, Vella Mechanical Services, Mġarr & Attard Line Dancing Group, Theresa Quattromani (Tal-Berqu) Josephine Borg (ta' Saqqafi) u Horsley Park Community Social Group.

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011 © Kull dritt riservat




P. N.

Il-Kumitat Sezzjonali
tal-Partit Nazzjonalista tal-Imġarr
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw

# il-Festa t-Tajba

lill-poplu kollu

# tal-Imġarr

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


AA Mizzi 37
Abela Tony 6
Agius Agriculture 37
Anthony Agius Decelis 53
Antoine Borg 51
Avukat Muscat 35
B Grima 90
Bailey's 7
Ballut Blocks 87
Ballut Farm 90
Bandiera 4
BBQ Puttinu 55
Best Print 213
Bibas 61
Big Mat 162
Blaugrana 183
BNF 161
Bohini 101
Bonnici Bros 163
Bonnici Funerali 164
Borg Busuttil Tiziana 86
BOV 165
Brittania Tours 34
Carecuts 165
Cavett 24,25
Ciapella 28
CL Construction 166
Clayton Gauci 27
Creative Glams 166
David Wood Works 98
Debono Jean Pierre 60
Dine West 43
Dr Sonia Consiglio 29
Drainage Works 167
Eclipse 224
Farrugia Godfrey 168
FNG 95
Framegrip 46
Fula Café 224
Future Properties Malta 86
GasanMamo 47
Giovanni Gatt 15
Gourmet 167
Green Energy 94
Hairaholic 169
Hatch 169
Horace Enterprises 140
Hungry Wolf 170
Ian Borg 14
Il-Barri 171
Inokim 173
J Micallef Serv. Station 172
J&J Gauci Granite 26
J&L Supermarket 91
James Debono 16
James Falzon 115
Jardinland 170
Jason Bugeja 173
Jason Vella 33
Jimmy Vassallo 208
JJ Chairs 232
JJC Construction Outside Back
John Bray & Son 183
Julia Farrugia Portelli 174
Karmenu Mifsud Funeral Serv. 234
Koptaco 38
Laflafet Co Ltd 175
LJ Gatt 49
Manuel Bezzina 177
Marina Garage 5
Mario Calleja Crane 48
Mario Xerri Pespus 52
Marlene Fish 177
Matteja 84
MAV Supplies 224
Mgarr Farmer's Coop 30
Mgarr Farmers Snack Bar 36
Mgarr Mushroom 204
Mgarr Pharmacy 176
Mgarr Snack Bar 176
Mgarr United Bar & Rest 179
Michael Agius 178
Midland Steel Works 180
Modern Butcher/Restawrarti 178
Muscat Pools 181
Music Link 182
MV Installations 236
N Tabone 184
N&F Cascun 185
Nathaniel Qaddis 185
Needs & Treats 186
Nenu Artisan Baker 36
Newwes 187
Panoramic 224
PD Gates 186
Perit David Vassallo 232
Perit Rusell Marmara 31
Ph Borg Fuel 188
Pit Stop Mgarr 89
PL 238
PL & R Excavations 84
PN 238
Podiatry Clinic 188
Powcercoated 134
Pullicin 189
Pure 190
Ray Garage 140
Raymond Caruana Funeral 234
RFL Towing 191
RPJ 211
Shamba 192
Silvio Schembri 31
Snowhite Poultry 219
Sogno Bagno 134
Sounds Good 134
St George's Bakery 192
St Mary Bakery 218
St Mary Pharmacy 218
Stitch by Stitch 137
Sunripe 210
Swaey Bros. Ltd. 223
T Spiteri 42
Ta' l-Ingliz 45
Ta' Ċelita 10,11
Ta' Falzon Landrovers 32
Ta' Karla 210
Ta' Soldi 222
Ta' Wistin 227
Taċ-Ċanti 92
Tal-Plitt 226
Tal-Vaxxel Inside Front
The Professionals 227
Thermaseal 230
Tomabnina 92
Treecake 104
United Bar & Restaurant 231
Usasfuso 190
Vella Supermarket 235
Vella Wholesalers 235
Vexxilina 104
VMS Inside Back